Brussell, 18 ta'Ġunju 2008 (09.09)
(OR.en)

8216/2/08
REV 2

LIMITE

COPEN 70
EJN 26
EUROJUST 31

PUBLIC

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru dok. preċ.: | 8216/1/08 REV 1 COPEN 70 EJN 26 EUROJUST 31 |
| Suġġett: | Verżjoni finali tal-manwal Ewropew dwar kif għandu jinħareġ Mandat ta' Arrest Ewropew |

Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Lulju 2007, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni f'Materji Kriminali (Esperti dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew)[1] kellu skambju ta' fehmiet dwar il-problemi prattiċi relatati mal-proċess tal-ħruġ u l-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE). Sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, id-delegazzjonijiet ikkunsidraw is-suġġeriment tal-Presidenza li jiġu abbozzati linji gwida komuni dwar kif għandha timtela l-formola tal-MAE.

Il-Presidenza kkonkludiet li kien hemm kunsens ġenerali fost id-delegazzjonijiet rigward il-ħtieġa li jiġi abbozzat manwal. Barra minn hekk, kien issuġġerit li l-abbozz ta' proposta jerġa' jiġi diskuss aktar tard matul il-Presidenza Portugiża mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni f'Materji Kriminali (Esperti dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew).

Il-kompitu ġie fdat lill-Presidenza, assistita mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-manwali eżistenti tal-Istati Membri u l-esperjenzi tal-prattikanti fin-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) u l-Eurojust servew bħala bażi għall-abbozzar tat-test issuġġerit.

[1] Ara l-eżitu ta' proċedimenti, 12053/07 JAI 407 COPEN 115 EJN 43 EUROJUST 23

In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew iddiskuta l-inizjattiva fil-laqgħa tiegħu fit-28 ta' Frar 2008. Barra minn hekk, fil-laqgħa tiegħu tat-30 ta' April 2008, l-esperti dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew (Grupp ta' Ħidma dwar Kooperazzjoni f'Materji Kriminali) iddiskuta l-inizjattiva fid-dettall. Fil-laqgħa tiegħu tal-14 u l-15 ta' Mejju 2008, il-Kumitat tal-Artikolu 36 endorsja dan il-Manwal, bil-fehim li ssir evalwazzjoni tal-użu tiegħu wara 18-il xahar.

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-manwal Ewropew dwar kif għandu jinħareġ Mandat ta' Arrest Ewropew

________

**ANNESS**

# MANWAL EWROPEW
# DWAR KIF GĦANDU JINĦAREĠ
# MANDAT TA' ARREST EWROPEW [1]

[1] Il-kummenti li jinsabu hawnhekk m'humiex vinkolanti u ma jaffettwawx il-leġislazzjoni domestika li timplimenta d-Deċiżjoni Kwadru. Il-kummenti huma biss rakkomandazzjonijiet. Madankollu l-awtoritajiet ġudizzjarji huma mfakkra fl-obbligu tagħhom li jinterpretaw il-liġi nazzjonali tagħhom f'konformità mad-Deċiżjoni Kwadru (ara il-kawża Pupino fil-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea C-105/03).

**INTRODUZZJONI**

- L-għan ta' din il-pubblikazzjoni huwa li jiġu pprovduti linji gwida għall-adozzjoni ta' prattika tajba fid-dawl tal-esperjenza miksuba, filwaqt li tingħata informazzjoni lill-imħallfin u l-prosekuturi kompetenti dwar kif il-formuli tal-MAE għandhom idealment jimtlew. Għal dak il-fini, it-test jinkludi eżempji speċifiċi ta' kif jitfassal MAE.

- Il-Mandat ta' Arrest Ewropew huwa l-ewwel strument legali bbażat fuq rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'materji kriminali. Huwa jimplika bidla radikali mis-sistema l-qadima tal-estradizzjoni, li ġiet mibdula b'sistema ta' konsenja f' Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, b'impatt, l-ewwelnett fuq il-proċeduri, il-limiti ta' żmien u r-raġunijiet għan-non-konsenja ta' persuna. Għalhekk il-MAE huwa marbut mill-qrib mal-objettiv tat-Trattat stabbilit fl-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- Il-MAE għandu jintuża b'mod effiċjenti, effettiv u proporzjonat bħala għodda għall-prevenzjoni u t-trażżin tal-kriminalità, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-bniedem tas-suspettati u l-persuni kkundannati. L-istrument, li huwa bbażat fuq iċ-ċaħda tal-libertà personali, fil-prinċipju huwa mfassal biex imexxi 'l quddiem il-prosekuzzjoni ta' kriminalità aktar serja u ta' aktar ħsara li tista' tiġġustifika sostanzjalment l-użu ta' dan l-istrument jew għall-finijiet tal-infurzar ta' kundanni. Huwa intenzjonat biss biex jintuża jekk fil-livell nazzjonali jkun inħareġ mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli oħra li għandha l-istess effett.

- "Il-mandat ta' arrest Ewropew huwa mfassal biex ikollu effett uniformi fl-Unjoni Ewropea kollha. L-effett li għalih jimmira huwa dak ta' konsenja rapida u veloċi. Għandu jinżamm preżenti wkoll li, għal raġunijiet prattiċi ovvji, għadd kbir ta' mandati ta' arrest Ewropej m'humiex diretti lejn Stat Membru wieħed biss: ara r-Rapport tal-Kumitat dwar l-Unjoni Ewropea tal-House of Lords, "European Arrest Warrant - Recent Developments" (HL Paper 156), para. 21. Il-formola fl-anness għad-Deċiżjoni Kwadru tfasslet fuq din is-suppożizzjoni. Il-persuna li toħroġ il-mandat ta' arrest Ewropew m'hijiex meħtieġa tindirizzah lejn xi Stat Membru partikolari. Ladarba maħruġ, huwa disponibbli li jintuża fi kwalunkwe post fejn il-persuna rikjesta tkun tinsab meta jiġi esegwit"[1].

- Il-manwal ġie mfassal matul il-Presidenza Portugiża u dik Slovena bl-assistenza ta' għadd ta' prattikanti li jaħdmu fil-qasam tal-MAE madwar l-Ewropa, u wkoll bl-assistenza tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew, l-Eurojust, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea. Huwa ġie approvat mill-Kumitat tal-Artikolu 36 fil-laqgħa tiegħu fl-14 u l-15 ta' Mejju 2008. Kien dak il-Kumitat li ddiskuta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE matul il-Presidenza Belġjana fl-2001.

- Dan il-manwal jista' jiġi aġġornat fil-futur, jekk meħtieġ, fid-dawl ta' esperjenza prattika, emendi għad-Deċiżjoni Kwadru jew żviluppi fid-deċiżjonijiet tal-qorti.

- Kwalunkwe suġġeriment dwar it-test ta' dan il-manwal għandu jintbagħat lill-Kunsill tal-UE, Segretarjat Ġenerali, Unità għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali, Rue de la Loi 175, B-1040 Brussell (posta elettronika: eaw@consilium.europa.eu) jew lill-Kummissjoni Ewropea, DG JLS, Unità għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali, Kummissjoni Ewropea B-1049 Brussell.

______

[1] L-Opinjoni ta' Lord Hope of Craighead fil-kawza Dabas vs The High Court of Justice, Madrid [House of Lords, 2007 UK HL 6].

**WERREJ**


1. Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew ..... 9

1.1. Definizzjoni u karatteristiċi ewlenin tal-MAE ..... 10
1.2. Il-formola tal-MAE ..... 11

2. Implimentazzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew fl-Istati Membri tal-UE ..... 12

2.1. Dikjarazzjonijiet magħmulin mill-Istati Membri dwar ir-reġim speċjali rigward id-data ta' meta twettqu l-atti ..... 12
2.2. Konsenja ta' ċittadini ..... 13

3. Kriterji li għandhom jiġu applikati meta jinħareġ MAE - il-prinċipju tal-proporzjonalità 14

4. Traduzzjoni ta' MAE ..... 15

4.1. Lingwi aċċettati mill-Istati Membri tal-UE meta jirċievu MAE ..... 16

5. Skadenza tal-awtorità eżekutura biex tirċievi MAE wara d-detenzjoni ta' persuna ..... 16

6. Kif għandha timtela l-formola tal-MAE ..... 16

7. Kif għandu jiġi trasmess MAE ..... 18

7.1. F'każijiet fejn il-persuna li għandha tiġi arrestata tkun instabet ..... 18
7.2. F'każijiet fejn il-post fejn tinsab il-persuna rikjesta m'huwiex magħruf ..... 19

7.3. Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen - SIS ........................................................ 19
7.4. Mandat ta' arrest Ewropew fis-SISone4all ............................................................ 19
7.5. Trasmissjoni permezz tal-Interpol ......................................................................... 21

8. Rwol tal-Eurojust ........................................................................................................ 21

9. Netwerk Ġudizzjarju Ewropew .................................................................................... 22

10. "Fiche Françaises" - linji gwida minn kull Stat Membru ................................................. 22

11. Ftehim bejn in-Norveġja u l-Islanda u l-Unjoni Ewropea................................................ 23

12. Deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja.................................................................... 23

13. Deċiżjonijiet minn xi Qrati Supremi (fil-qosor)................................................................ 23

14. Links għal aktar informazzjoni dwar il-MAE ................................................................... 23

15. Eżempju dwar kif għandha timtela l-formola tal-MAE .................................................... 24

## ANNESSI


| | |
|---|---|
| Anness I | Id-Deċiżjoni Kwadru (2002/584/JHA) tat 13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri ...................... 25 |
| Anness II | Il-formola tal-Mandat ta' Arrest Ewropew ...................................................... 49 |
| Anness III | Linji gwida dwar kif għandha timtela l-formola tal-MAE ............................... 55 |
| Anness IV | Lingwi aċċettati mill-Istati Membri meta jirċievu MAE.................................. 76 |
| Anness V | Limiti ta' żmien wara l-arrest tal-persuna mfittxija biex jiġi rċevut il-MAE.... 78 |
| Anness VI | Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (C105/03) il-kawża Pupino ........................... 80 |
| | Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (C 303/05) il-kawża Advokaten voor de Wereld ………………………………………………………………………………99 |
| Anness VII | Deċiżjonijiet minn xi Qrati Supremi (fil-qosor) ............................................ 119 |
| Anness VIII | Lista ta' Punti ta' Kuntatt u dettalji ta' kuntatt ta' esperti dwar il-MAE .......... 125 |

## 1. Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew

Fit-13 ta' Ġunju 2002 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni Kwadru fuq il-mandat ta' arrest Ewropew[1]. F'konformità mal-Artikolu 34(1) tagħha, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru sal-31 ta' Diċembru 2003. Mill-1 ta' Jannar 2004, din is-sistema l-ġdida ħadet post, b'xi ftit eċċezzjonijiet, l-arranġamenti ta' estradizzjoni bir-reġim il-ġdid ta' konsenja. F'dak li jirrigwarda l-konsenja bejn l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-konvenzjonijiet li ġejjin ġew mibdulin:

- il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957, il-protokoll addizjonali tagħha tal-15 ta' Ottubru 1975, it-tieni protokoll addizjonali tagħha tas-17 ta' Marzu 1978, u l-Konvenzjoni Ewropea dwar it-trażżin tat-terroriżmu tas-27 ta' Jannar 1977 safejn hi kkonċernata l-estradizzjoni;
- il-Ftehim bejn it-12-il Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej dwar is-simplifikazzjoni u l-modernizazzjoni ta' metodi tat-trasmissjoni ta' talbiet ta' estradizzjoni tas-26 ta' Mejju 1989;
- il-Konvenzjoni tal-10 ta' Marzu 1995 dwar proċedura simplifikata ta' estradizzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
- il-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1996 dwar l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
- it-Titolu III, Kapitolu 4 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fi fruntieri komuni.

Il-mandat ta' arrest Ewropew huwa deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Unjoni Ewropea, maħruġa minn Stat Membru u esegwita fi Stat Membru ieħor abbażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

---

[1] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

### 1.1. Definizzjoni u karatteristiċi ewlenin tal-MAE

Il-mandat ta' arrest Ewropew ħa post is-sistema tradizzjonali ta' estradizzjoni b'mekkaniżmu ta' konsenja aktar sempliċi u aktar rapidu ta' persuni rikjesti għall-finijiet li titwettaq prosekuzzjoni kriminali jew tiġi esegwita sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni. Mandat jista' jinħareġ għall-finijiet ta' prosekuzzjoni kriminali fir-rigward ta' atti punibbli taħt il-liġi domestika b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għall-*perijodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar*[1] (matul il-fażijiet ta' investigazzjoni, eżaminazzjoni u prova, sal-kundanna finali) jew jista' jinħareġ għall-eżekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta' detenzjoni ta' *mill-inqas 4 xhur*. Dawn il-kriterji mhumiex kumulattivi.

L-Awtoritajiet Ċentrali, li kellhom rwol sinifikattiv fil-proċess ta' estradizzjoni, issa huma esklużi mill-proċess tal-MAE, bħala regola, għalkemm għadhom jistgħu jaħdmu bħala unitajiet ta' appoġġ, trasmissjoni u informazzjoni in ġenerali. Biex it-talbiet ikunu aktar sempliċi u faċli biex wieħed jikkonforma magħhom, issa qed jinħarġu b'mod uniformi billi *timtela formola tal-MAE*.

Id-Deċiżjoni Kwadru tirrifletti filosofija ta' integrazzjoni f'qasam ġudizzjarju komuni u tinvolvi mudell ġdid ta' kooperazzjoni bbażat fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Il-konsenja ta' ċittadini issa hija prinċipju u regola ġenerali, bi ftit eċċezzjonijiet. Dawn l-eċċezzjonijiet jirrigwardaw il-limiti ta' żmien u l-ħtiġiet konnessi mal-infurzar[2]. Il-prattika wriet li madwar wieħed minn kull ħames persuni kkonsenjati fl-Unjoni jikkonċernaw iċ-ċittadini tal-pajjiż stess, minkejja li l-kondizzjonijiet għar-ritorn jew għall-infurzar tas-sentenza jkunu spiss stipulati, f'konformità mad-Deċiżjoni Kwadru, meta ssir il-konsenja.

---

[1] Għandu jiġi nnutat li l-"*perijodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar*" kif imniżżel fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru għandu jiġi interpretat f'konformità mar-reġim ta' estradizzjoni preċedenti (jiġifieri l- Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni 1957, Konvenzjoni tal-UE dwar l-Estradizzjoni 1995). Għalhekk, fil-leġislazzjoni li timplimenta l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru, għandu jiġi indikat li MAE jista' jinħareġ f'każijiet fejn il-piena li tista' tiġi imposta għar-reat hija ta' 12-il xahar jew aktar.

[2] Ara l-kapitolu 2.2. rigward il-konsenja ta' ċittadini tal-pajjiż stess.

Ir-raġunijiet għar-rifjut ta' kooperazzjoni tnaqqsu. Id-Deċiżjoni Kwadru ražżnet il-verifika tal-kriminalità doppja bħala raġuni għan-non-eżekuzzjoni u n-non-konsenja rigward lista ta' 32 kategorija ta' reati, kif definit mill-Istat emittenti, fejn dawn huma punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għall-perijodu massimu ta' mill-inqas 3 snin. Jekk ir-reat in kwistjoni huwa punibbli b'inqas minn 3 snin, jew mhux inkluż fil-lista, il-kriminalità doppja xorta tibqa' tapplika.

Bħala konsegwenza, fejn ir-reati investigati jew aġġudikati jikkorrispondu, fil-każ speċifiku, għad-deskrizzjoni tipika tagħhom fil-liġi tal-Istat emittenti, l-awtorità ġudizzjarja eżekutura ma tistax tikkontrolla l-kriminalità doppja tar-reat.

### 1.2. Il-formola tal-MAE

Il-MAE huwa deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa fil-formola preskritta mid-Deċiżjoni Kwadru. Il-formola tal-MAE hija annessa għad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE. Il-formola għandha tintuża għalkemm dan jista' ma jkunx dejjem ċar mil-leġislazzjoni ta' xi Stati Membri. L-intenzjoni tal-Kunsill kienet li tiġi implimentata għodda ta' ħidma li tista' timtela faċilment mill-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti u li hija rikonoxxuta mill-awtoritajiet ġudizzjarji eżekuturi. Wieħed mill-għanijiet tal-formola huwa li jiġu evitati t-traduzzjonijiet twal u għaljin u li tiġi ffaċilitata l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni. Għandha tintuża din il-formola biss; hi ma tistax tinbidel. Minħabba li fil-prinċipju din il-formola ser tikkostitwixxi l-uniku bażi għall-arrest u l-konsenja sussegwenti tal-persuna rikjesta, din għandha timtela b'attenzjoni kbira sabiex jiġu evitati talbiet mhux meħtieġa għal informazzjoni supplimentari. Il-formola tista' timtela u tiġi stampata mis-sit web tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (NĠE)
http://www.ejn-crimjust.europa.eu/documents.aspx .

## 2. Implimentazzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew fl-Istati Membri tal-UE

### 2.1. Dikjarazzjonijiet magħmulin mill-Istati Membri dwar ir-reġim speċjali rigward id-data ta' meta twettqu l-atti

F'konformità mal-Artikolu 32(1) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE, kwalunkwe Stat Membru jista', fil-ħin tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru, jagħmel dikjarazzjoni li tindika li, bħala Stat Membru eżekutur, huwa ser japplika d-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE biss għal atti mwettqin wara ċerta data, li għandha tiġi speċifikata, li ma tistax tkun aktar tard mis-7 ta' Awwissu 2002. Jekk l-atti twettqu qabel id-dati indikati hawn taħt, tenħtieġ talba għal estradizzjoni tradizzjonali għall-konsenja tal-persuna rikjesta.

Tali dikjarazzjoni saret mill-Istati Membri li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| - | Awstrija: | atti mwettqin wara s-7 ta' Awwissu 2002 |
| - | Repubblika Ċeka: | atti mwettqin minn ċittadini Ċeki wara l-1 ta' Novembru 2004[1]. |
| - | Franza: | atti mwettqin wara l-1 ta' Novembru 1993 |
| - | Italja: | atti mwettqin wara s-7 ta' Awwissu 2002. Taħt il-leġislazzjoni Taljana, l-Italja ma tistax tesegwixxi MAE maħruġin qabel l-14 ta' Mejju 2005. |
| - | Lussemburgu: | atti mwettqin wara s-7 ta' Awwissu 2002 (Ser jitressaq Att quddiem il-Parlament) |

L-Awstrija, Franza u l-Italja biss innotifikaw lill-Kunsill f'konformità mad-Deċiżjoni Kwadru. Fir-rigward tal-Italja, il-leġislazzjoni hija differenti mid-Dikjarazzjoni.

Għaldaqstant, jekk l-atti twettqu qabel id-dati indikati hawn fuq, il-proċedura għall-konsenja tal-persuna rikjesta ser titwettaq billi tiġi ppreżentata talba għal estradizzjoni tradizzjonali, mhux formola tal-MAE.

[1] 10750/06 COPEN 69 EJN 17 EUROJUST 31.

## 2.2. Konsenja ta' ċittadini

Il-mandat ta' arrest Ewropew jabolixxi n-non-eżekuzzjoni tal-konsenja tas-sistema l-qadima tal-estradizzjoni għal raġunijiet taċ-ċittadinanza tal-persuna rikjesta. Din il-ġeneralizzazzjoni tal-konsenja ta' ċittadini hija waħda mill-kisbiet l-aktar sinifikattivi tad-Deċiżjoni Kwadru. Madankollu, hija kkawżat xi diffikultajiet kostituzzjonali f'xi Stati Membri.

Fil-*Ġermanja*, il-liġi ta' traspożizzjoni ġiet annullata minn deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali Federali ddatata t-18 ta' Lulju 2005; id-deċiżjoni ppreveniet il-konsenja ta' ċittadini Ġermaniżi, iżda mhux l-estradizzjoni ta' ċittadini barranin, sakemm il-liġi l-ġdida tal-20 ta' Lulju 2006 daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2006.

Fil-*Polonja,* b'deċiżjoni ddatata s-27 ta' April 2005, it-Tribunal Kostituzzjonali ddeferixxa l-effetti tal-annullament parzjali tal-liġi ta' traspożizzjoni sas-6 ta' Novembru 2006. L-emendi twettqu fil-ħin u, mis-7 ta' Novembru 2006, il-Polonja kkonsenjat iċ-ċittadini tagħha bil-kondizzjoni li r-reat li għalih ġiet mitluba l-konsenja twettaq barra mill-Polonja u huwa reat taħt il-liġi Pollakka.

F'*Ċipru,* b'deċiżjoni ddatata s-7 ta' Novembru 2005, il-Qorti Suprema ta' Ċipru ddikjarat il-liġi tat-traspożizzjoni tal-MAE bħala kuntrarja għall-Kostituzzjoni Ċiprijotta. Daħlet fis-seħħ reviżjoni fit-28 ta' Lulju 2006; madankollu, l-Artikolu 11 il-ġdid kif hekk emendat jintroduċi restrizzjoni fuq il-konsenja ta' ċittadini minħabba li din hi possibbli biss għal atti mwettqin wara d-data tal-adeżjoni ta' Ċipru mal-Unjoni, jiġifieri l-1 ta' Mejju 2004.

F'konformità mal-Artikolu 33 tad-Deċiżjoni Kwadru, sakemm l-Awstrija ma temendax il-leġislazzjoni nazzjonali tagħha u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008, l-Awstrija tista' tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' mandat fil-każ ta' ċittadini Awstrijaċi, fejn l-atti kkonċernati m'humiex punibbli taħt il-liġi Awstrijaka.

Ir-*Repubblika Ċeka* ser tkompli titratta talbiet relatati ma' atti mwettqin minn ċittadini Ċeki qabel l-1 ta' Novembru 2004 skont is-sistema ta' estradizzjoni applikabbli qabel id-data tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka mal-Unjoni Ewropea, jiġifieri f'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-12 ta' Diċembru 1957, iż-żewġ Protokolli Emendatorji tagħha tal-15 ta' Ottubru 1975 u s-17 ta' Marzu 1978, il-Konvenzjoni dwar l-Implimentazzjoni ta' Schengen u l-ftehimiet bilaterali applikabbli. Skont id-dispożizzjoni tat-Taqsima 403 Paragrafu 2 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali (Att Nru 141/1961 Coll., kif emendat) ir-Repubblika Ċeka tista' biss tikkonsenja ċittadin tagħha lil Stati Membri oħrajn tal-UE fuq il-kondizzjoni ta' reċiproċità.

## 3. Kriterji li għandhom jiġu applikati meta jinħareġ MAE - il-prinċipju tal-proporzjonalità

Huwa ċar li d-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE ma tinkludi l-ebda obbligu għal Stat Membru emittenti biex iwettaq verifika tal-proporzjonalità. Ser ikunu l-leġislazzjoni u l-prattika ġudizzjarja tal-Istati Membri li finalment jiddeċiedu din il-kwistjoni. Madankollu ara l-kawża Advocaten voor de Wereld fl-Anness VI u l-Artikolu 49 tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali.

Meta wieħed jikkunsidra l-konsegwenzi serji tal-eżekuzzjoni ta' MAE fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq il-libertà fiżika u l-moviment liberu tal-persuna rikjesta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, qabel ma jiddeċiedu li joħorġu mandat, iżommu f'moħħhom fejn possibbli, il-kunsiderazzjonijiet ta' proporzjonalità, billi jiżnu l-utilità tal-MAE fil-każ speċifiku u l-miżura li għandha tiġi applikata u l-konsegwenzi tagħha. Għalhekk, il-MAE m'għandux jintgħażel meta l-miżura koerċitiva li tidher proporzjonata, adegwata u applikabbli għall-każ preżenti mhijiex id-detenzjoni preventiva.

Il-mandat m'għandux jinħareġ, meta pereżempju, għalkemm id-detenzjoni preventiva hija ammessa, tista' tintgħażel miżura oħra koerċitiva li mhux ta' kustodja – bħall-forniment ta' dikjarazzjoni dwar l-identità u l-post ta' residenza – jew waħda li timplika r-rilaxx immedjat tal-persuna wara l-ewwel smigħ ġudizzjarju.

Din l-interpretazzjoni hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE u mal-filosofija ġenerali wara l-implimentazzjoni tagħha, bil-ħsieb li l-MAE isir għodda effettiva għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata b'mod partikolari.

Fir-rigward tal-ħruġ tal-MAE, f'kull każ għandha ssir evalwazzjoni li tieħu kont tad-diversi elementi, inkluż is-serjetà tar-reat, il-miżura, ir-riżorsi li għandhom jintużaw fl-Istat eżekutur u, b'mod partikolari, il-fatt li l-miżura tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà tal-individwu.

**4. Traduzzjoni ta' MAE**

Il-MAE għandu jintbagħat flimkien ma' traduzzjoni fil-lingwa tal-Istat eżekutur jew f'lingwa uffiċjali oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea aċċettata minn dak l-Istat, permezz ta' dikjarazzjoni ddepożitata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ara l-Anness IV).

Minħabba l-iskadenzi qosra għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, huwa mixtieq li, jekk ikun magħruf fejn tinsab il-persuna rikjesta, dak il-mandat ta' arrest jiġi tradott bil-quddiem fil-lingwa tal-pajjiż fejn dik il-persuna x'aktarx qiegħda. Meta MAE jiġi trasmess direttament lil xi awtorità ġudizzjarja eżekutura jew lil xi awtorità ċentrali, huwa għandu jkun akkumpanjat minn traduzzjoni.

F'każijiet oħrajn, il-mandat għandu jiġi tradott bħala kwistjoni ta' urġenza f'waħda mil-lingwi aċċettati mill-Istat Membru eżekutur fejn il-persuna tkun ġiet arrestata, fil-limiti tal-iskadenza stabbilita mill-Istat Membru meta jirċievi l-MAE.

Il-parti l-kbira tal-Istati Membri li jużaw is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għandhom prattiki speċjali. Fil-prinċipju s-sistema SISone4all ilha taħdem mill-1 ta' Settembru 2007 fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, ħlief fil-Bulgarija, Ċipru, ir-Rumanija, l-Irlanda u r-Renju Unit. Dan ifisser li l-hekk imsejħin "formoli A u M ta' SIRENE" ser ikun fihom bażikament l-istess informazzjoni bħal MAE u li jkunu saru traduzzjonijiet proviżorji bl-Ingliż. Is-sistema ilha operattiva minn Settembru 2007.

Meta s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, it-tieni ġenerazzjoni (SIS II) issir operattiva, li hi mistennija li tkun fl-2009, il-MAE oriġinali ser jiġi skenjat fis-sistema u jkun disponibbli immedjatament. Dan ma jaffettwax l-obbligi mniżżlin fl-Artikolu 8 (2) tad-Deċiżjoni Kwadru.

**4.1. Lingwi aċċettati mill-Istati Membri tal-UE meta jirċievu MAE**

Ara l-Anness IV.

**5. Skadenza tal-awtorità eżekutura biex tirċievi MAE wara d-detenzjoni ta' persuna**

Meta persuna tiġi arrestata, l-awtorità eżekutura teħtieġ li tirċievi, f'limitu ta' żmien speċifikat, il-mandat ta' arrest Ewropew flimkien ma' traduzzjoni f'waħda mil-lingwi aċċettati minn dak l-istat, sabiex twettaq il-proċedimenti ta' konsenja u/jew iżżomm taħt detenzjoni lill-persuna arrestata. Il-limiti ta' żmien u l-lingwi aċċettati mill-Istati Membri jvarjaw skont il-leġislazzjoni nazzjonali. Nuqqas ta' konformità mal-limiti ta' żmien jew ir-reġimi lingwistiċi jista' jwassal għal diversi konsegwenzi, bħar-rilaxx tal-persuna arrestata, skont il-leġislazzjoni jew il-prattika tal-Qorti.

Għal-limiti ta' żmien applikabbli ara l-Anness V.

**6. Kif għandha timtela l-formola tal-MAE**

Linji gwida dettaljati huma mogħtija fl-Anness III.

Meta jimtela MAE, għandha tingħata attenzjoni partikolari għad-deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi tar-reat (kaxxa (e)), minħabba li l-qorti li tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew mhijiex permessa li tivverifika kriminalità doppja fir-rigward tar-reati fil-lista ta' tnejn u tletin kategorija ta' reati, jekk ir-reat ikun punibbli b'piena ta' priġunerija ta' massimu ta' mill-inqas tliet snin.

Din il-lista, li hija meħuda mill-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru, hija bbażata parzjalment fuq kategoriji ta' reati armonizzati minn testi adottati, jew fil-proċess li jiġu adottati, taħt il-liġi tal-UE. Il-parti l-kbira ta' dawn il-kategoriji jikkorrespondu għal reati li huma identifikabbli faċilment fil-liġi domestika tal-Istati Membri tal-UE u għalhekk ma jeħtieġu l-ebda spjega partikolari. Madankollu għandu jiġi enfasizzat li hija d-definizzjoni tar-reat tal-Istat Membru emittenti li tapplika. Din il-lista m'għandhiex tiġi interpretata bħala li tirreferi għal reati preċiżi, iżda għal kategoriji ta' reati tat-tip imsemmijin fil-lista.

F'każijiet ta' abolizzjoni tal-kriminalità doppja, hija d-definizzjoni tar-reat tal-Kodiċi Kriminali (ġenerali jew speċifika) tal-Istat Membru emittenti li tapplika. L-intenzjoni oriġinali tal-awturi tad-Deċiżjoni Kwadru kienet li m'għandux ikun meħtieġ li t-test tal-Kodiċi jiġi inkorporat fil-MAE (jew li jiġi mehmuż, kif inhi l-prattika ta' xi awtoritajiet ġudizzjarji), u b'hekk tiġi evitata t-traduzzjoni mhux meħtieġa ta' testi legali. Jeħtieġ li ċ-ċirkostanzi tal-każ jkunu dejjem deskritti kompletament u b'mod eżawrjenti, sabiex l-applikazzjoni tar-regola ta' speċjalità, *ne bis in idem* u l-preskrizzjoni jkunu jistgħu jiġu vvalutati. Huwa dejjem meħtieġ li jiġu ddikjarati l-ħin, il-post u l-grad ta' parteċipazzjoni fir-reat(i) mill-persuna rikjesta. Jekk ir-reat mhux elenkat, id-deskrizzjoni tar-reat għandha tkun tali li l-awtorità ġudizzjarja eżekutura għandha tkun tista' tivvaluta kriminalità doppja.

*Il-konsenja għal reati aċċessorji* tfisser li ssir konsenja għal reat wieħed jew diversi punibbli b'sanzjoni aktar baxxa mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru. Id-Deċiżjoni Kwadru nnfisha ma tipprevedix espliċitament mod kif tiġi ttrattata l-kwistjoni ta' konsenja aċċessorja. Xi Stati Membri jippermettuha, filwaqt li oħrajn le. Qabel ma jinħareġ MAE, għandu jiġi nnotat li din is-sitwazzjoni tista' twassal għall-invalidità tal-MAE, b'mod partikolari f'każijiet ta' kundanna fejn is-sentenza ta' priġunerija kumulattiva hija l-objettiv tal-MAE u xi partijiet tar-reati mhumiex koperti mil-limitu.

Il-formola tista' tiġi stampata u mimlija iżda ma jista' jsir l-ebda tibdil jew tħassir f'xi waħda mit-tabelli tagħha. Jekk materja partikolari mhijiex applikabbli, dejjem indika "Mhux applikabbli" iżda tħassarx il-kaxxa. Il-formola tal-MAE tista' tiġi stampata u mimlija wara li titniżżel mis-sit web li ġej:

> http://www.ejn-crimjust.europa.eu/forms.aspx => Form
> Din il-formola tbiddlet reċentement (Novembru 2007) sabiex il-kaxxi jkunu jistgħu jespandu fil-każ li jkun meħtieġ li tiddaħħal kwantità kbira ta' informazzjoni.

Huwa rrakkomandat li l-formola titniżżel u tiġi arkivjata f'fajl ta' kompjuter personali jew fuq CD, f'każ li ma jkunx hemm aċċess għas-sit web meta jkun meħtieġ.

Il-formola tal-MAE ma teħtieġ l-ebda dokument addizzjonali jekk timtela sew. Madankollu, fejn applikabbli, l-informazzjoni ta' identifikazzjoni rilevanti għandha tiġi trasmessa via l-Interpol jew SIRENE, kif innotat fl-aħħar tal-kaxxa (a) tal-formola.

Huwa importanti li tiġi indikata l-eżistenza ta' ritratti jew marki tas-swaba tal-persuna rikjesta, meta dawn ikunu disponibbli. Barra minn hekk, id-dettalji ta' kuntatt u n-numru tat-telefon ċellulari tal-uffiċċju inkarigat u l-persuna responsabbli għandhom dejjem jingħataw, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu nnotifikati immedjatament meta l-persuna rikjesta tinstab.

Fl-Annessi III u IV, jingħataw linji gwida dettaljati dwar kif għandhom jintużaw ċerti kaxxi. Dawn il-linji gwida mhumiex vinkolanti fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri iżda għandhom ċerta importanza għax tfasslu minn esperti u persuni oħrajn involuti fl-abbozzar tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE.

## 7. Kif għandu jiġi trasmess MAE

### 7.1. F'każ fejn il-persuna li għandha tiġi arrestata nstabet

Meta l-persuna li għandha tiġi arrestata tkun instabet, il-MAE għandu jintbagħat direttament lill-awtorità kompetenti tal-Istat fejn tinsab il-persuna, biex ikun segwit għall-eżekuzzjoni. L-informazzjoni kollha rigward l-awtoritajiet emittenti u dawk eżekuturi tal-Istati Membri tista' tinstab faċilment fis-sit web tan-NĠE: http://www.ejn-crimjust.europa.eu = > fittex EAW Atlas => agħżel il-pajjiż.

Fl-istess ħin, sabiex jiġi żgurat li l-persuna kkonċernata tibqa' fl-istess post, l-awtorità emittenti normalment tibgħat ukoll il-MAE direttament lill-Uffiċċju SIRENE Nazzjonali kkonċernat sabiex il-MAE jitqassam lill-Istati Membri tal-UE li huma parti mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Dan jippermetti lill-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati Membri jidentifikaw il-persuna li għandha tiġi arrestata.
Il-MAE jintbagħat lill-Uffiċċju Nazzjonali rilevanti tal-Interpol biex jitqassam lil dawk l-Istati Membri tal-UE li s'issa għadhom mhux parti mis-SIS: il-Bulgarija, Ċipru, l-Irlanda, ir-Rumanija u r-Renju Unit. Madankollu, għandu jiġi nnotat li f'xi Stati Membri allert tal-Interpol ma jikkostitwixxix raġuni għal arrest. F'dan il-każ, huwa importanti li jiġi indikat speċifikament l-eżistenza tal-MAE, li jista' jkun meħtieġ biex tiġi permessa ċ-ċaħda tal-libertà.

## 7.2. F'każijiet fejn il-post fejn tinsab il-persuna rikjesta mhux magħruf

F'każijiet fejn il-post tal-persuna rikjesta mhux magħruf, il-MAE għandu jintbagħat ukoll lill-Uffiċċju SIRENE Nazzjonali rilevanti biex jitqassam lil dawk l-Istati Membri tal-UE li huma parti mis-SIS. Il-kanali tal-INTERPOL jintużaw biex hu jitqassam lil dawk l-Istati Membri tal-UE li s'issa għadhom mhux parti mis-SIS: il-Bulgarija, Ċipru, l-Irlanda, ir-Rumanija u r-Renju Unit.

## 7.3. Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen - SIS

L-Artikolu 9 (1) tad-Deċiżjoni Kwadru jippermetti t-trasmissjoni diretta tal-mandat ta' Arrest Ewropew lill-awtorità eżekutura meta jkun magħruf il-post fejn tinsab il-persuna rikjesta. L-Artikolu 9(2) jipprevedi li l-awtorità ġudizzjarja emittenti tista', fi kwalunkwe każ, tiddeċiedi li toħroġ allert għall-persuna rikjesta fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).

Allert fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għandu jkun ekwivalenti għal MAE akkumpanjat mill-informazzjoni mniżżla fl-Artikolu 8(1). Għal perijodu transitorju, sakemm is-SIS tkun tista' tittrasmetti l-informazzjoni kollha deskritta fl-Artikolu 8, l-allert ser ikun ekwivalenti għal MAE sakemm l-awtorità ġudizzjarja eżekutura tirċievi l-oriġinal fil-forma dovuta u xierqa.

## 7.4. Mandat ta' arrest Ewropew fis-SISone4all

Fil-Kunsill ĠAI fl-4 u l-5 ta' Diċembru 2006 l-Kunsill iddeċieda[1] li jipproċedi bil-proposta Portugiża għall-proġett SISone4ALL, bil-għan li tinstab soluzzjoni temporanja għad-dewmien u għal problemi oħrajn esperjenzati fit-tħaddim tal-proġett SIS II. L-objettiv kien li l-Istati Membri li ngħaqdu mal-UE f'Mejju 2004 jiġu kkollegati mas-SIS1+ attwali. L-aċċess għas-SIS1+ imbagħad iwassal għall-abolizzjoni tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni. L-Istati Membri kkonċernati kollha, bl-eċċezzjoni ta' Ċipru, iddeċidew li jingħaqdu mal-proġett (b'kollox 9 pajjiżi).

[1] Konkluzjonijiet tal-Kunsill dwar is-SIS II, is-SIS 1+ u t-tkabbir taż-żona Schengen, dokument 16391/1/06.

It-tħejjijiet tekniċi u l-evalwazzjonijiet tal-protezzjoni tad-data fl-Istat Membru kkonċernat wasslu għal skambju tal-formoli A u M fid-dawl ta' talbiet minn Stati Membri differenti biex jinżdiedu "marki" ta' Schengen fl-allerti tal-Artikolu 95. Din il-ħidma bdiet fil-21 ta' Mejju 2007 u miexja 'l quddiem b'pass tajjeb.

Fuq in-naħa legali, il-Kunsill ħa żewġ Deċiżjonijiet:

- 2007/471/KE: id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika Ċeka, fir-Repubblika tal-Estonja, fir-Repubblika tal-Latvja, fir-Repubblika tal-Litwanja, fir-Repubblika tal-Ungerija, fir-Repubblika ta' Malta, fir-Repubblika tal-Polonja, fir-Repubblika tas-Slovenja u fir-Repubblika Slovakka[1]

- 2007/472/KE: id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2007 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Schengen tal-1990, li temenda r-Regolament Finanzjarju dwar l-ispejjeż tal-installazzjoni u l-operazzjoni tal-funzjoni ta' sostenn tekniku għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (C.SIS)[2]

L-ewwel Deċiżjoni

- tippermetti li mis-7 ta' Lulju 2007, informazzjoni reali tas-SIS tiġi trasferita lill-Istati Membri kkonċernati.

Din l-ewwel dispożizzjoni tfisser li l-kopji nazzjonali tas-SIS tal-Istati Membri jistgħu jitniżżlu mingħajr ma jintużaw verament. Il-fini prinċipali tagħha huwa tekniku.

- tippermetti lill-Istati Membri kkonċernati li, mill-1 ta' Settembru 2007, idaħħlu data fis-SIS u jużaw data tas-SIS, taħt ċerti kondizzjonijiet. Il-kondizzjonijiet huma marbutin mal-fatt li sakemm il-kontrolli fuq il-fruntieri ma jitneħħewx, id-dispożizzjonijiet dwar ir-rifjut ta' dħul m'għandhomx jiġu implimentati. Din it-tieni dispożizzjoni tagħti lid-9 Stati Membri kkonċernati l-permess li fil-fatt jużaw is-SIS fuq l-istess bażi bħall-pajjiżi l-oħrajn li huma diġà operattivi

---

1 ĠU L 179 tas-07.07.2007, p. 46.
2 ĠU L 179 tas-07.07.2007, p. 50.

## 7.5. Trasmissjoni via l-Interpol

L-Artikolu 10(3) tad-Deċiżjoni Kwadru joħloq bażi legali biex l-Interpol tintalab tittrasmetti mandat ta' arrest Ewropew f'każijiet fejn mhux possibbli li jiġi trasmess permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

L-użu tan-netwerk tal-Interpol huwa meqjus bħala mod possibbli li bih jiġu trasmessi l-mandati ta' arrest Ewropej fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li attwalment ma jipparteċipawx fis-SIS (il-Bulgarija, Ċipru, l-Irlanda, ir-Rumanija u r-Renju Unit).

## 8. Rwol tal-Eurojust

F'konformità mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Frar 2002 (2002/187/ĠAI)[1] wieħed mill-objettivi tal-Eurojust huwa li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri titjieb, b'mod partikolari billi tiġi ffaċilitata l-eżekuzzjoni ta' assistenza legali reċiproka internazzjonali u l-implimentazzjoni tat-talbiet ta' estradizzjoni. Għalhekk, l-Eurojust jista' jaġixxi bħala faċilitatur u koordinatur f'każijiet ta' MAE u estradizzjoni.

Skont l-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE, jekk żewġ Stati Membri jew aktar ikunu ħarġu MAE għall-istess persuna, id-deċiżjoni dwar liema mill-MAE għandu jiġi esegwit għandha tittieħed mill-awtorità ġudizzjarja eżekutura b'konsiderazzjoni xierqa taċ-ċirkostanzi kollha u partikolarment tas-serjetà relativa u l-post tar-reati, id-dati rispettivi tal-mandati ta' arrest Ewropej u jekk il-mandat ikunx inħareġ għall-finijiet ta' prosekuzzjoni jew għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni. L-awtorità eżekutura tista' titlob il-parir tal-Eurojust meta tieħu d-deċiżjoni fil-każ ta' talbiet multipli.

L-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Kwadru jistipula l-limiti ta' żmien u l-proċeduri għad-deċiżjoni biex jiġi esegwit il-MAE. Fejn f'ċirkostanzi eċċezzjonali Stat Membru ma jistax jirrispetta l-limiti ta' żmien previsti f'dan l-Artikolu, huwa għandu jinforma lill-Eurojust bir-raġunijiet għad-dewmien.

---

1 ĠU L 63, 6.3.2002, p.1.

## 9. Netwerk Ġudizzjarju Ewropew

In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) stabbilixxa għodda tal-IT (l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew) li jippermetti l-identifikazzjoni tal-awtorità ġudizzjarja eżekutura li lilha l-MAE għandu jiġi trasmess direttament (http://www.ejn-crimjust.europa.eu/eaw_atlas.aspx). L-għodda tinkludi informazzjoni dwar

- id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet eżekuturi;
- il-lingwa li biha l-mandat għandu jinħareġ;
- il-limitu ta' żmien biex jiġi rċevut il-mandat oriġinali mid-data li fiha tkun ġiet arrestata l-persuna li għandha tiġi kkonsenjata, meta l-arrest ikun segwa allert fis-SIS;
- id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet emittenti;
- id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet ċentrali u s-setgħat tagħhom (jiġifieri għar-riċevuta u t-trasmissjoni ta' MAE; l-assistenza għall-awtoritajiet kompetenti; it-talbiet għal transitu; każijiet urġenti).

L-Atlas tal-Mandat ta' Arrest Ewropew huwa disponibbli fis-sit web tan-NĠE http://www.ejn-crimjust.europa.eu. L-Atlas tal-MAE jipprovdi l-informazzjoni rikjesta meta tiddaħħal l-informazzjoni dwar il-post li lilu l-MAE għandu jiġi trasmess (pajjiż, distrett, reġjun, sub-reġjun, lokalità, kodiċi postali). Il-punti ta' kuntatt tan-NĠE jistgħu jiġu kkuntattjati wkoll.

## 10. "Fiche Françaises" - linji gwida minn kull Stat Membru

Fil-preżent l-informazzjoni ta' sfond dwar il-MAE, bħal Dikjarazzjonijiet mill-Istati Membri dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru, l-informazzjoni dwar il-proċedura legali u dettalji prattiċi oħrajn magħrufin bħala " *Fiches Françaises* ", il-formoli tal-MAE fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u l-leġislazzjoni nazzjonali jinsabu fis-siti web li ġejjin:

*Sit web tan-NĠE - database tad-dokumenti*

- http://www.ejn-crimjust.europa.eu/documents.aspx (login: rje; password: dgsi)
  (Ikklikkja fuq "Document by category" u agħżel "EAW notifications" u "EAW reports and documents.)

*Sit web tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill*

- http://www.consilium.europa.eu/cms3_Applications/applications/PolJu/details.asp?lang=EN&cmsid=545&id=66

*Informazzjoni Ġenerali dwar is-Sit web tal-Kummissjoni Ewropea*

- http://ec.europa.eu/justice_home/fsj/criminal/extradition/fsj_criminal_extradition_en.htm

**11. Ftehim bejn in-Norveġja u l-Islanda u l-Unjoni Ewropea**

Fit-28 ta' Ġunju 2006, ġie ffirmat ftehim ta' konsenja bejn in-Norveġja u l-Islanda u l-Unjoni Ewropea. Il-ftehim jestendi, b'xi modifiki, il-mekkaniżmu għall-konsenja għan-Norveġja u l-Islanda. Dan il-ftehim għadu mhux fis-seħħ.

**12. Deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea**

Żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, li jistgħu jkunu ta' interess għall-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri, jiġifieri l-kawża Pupino (C-105/03) u Advocaten voor de Wereld (C-303/05), jinsabu fl-Anness VI.

**13. Deċiżjonijiet minn xi Qrati Supremi (fil-qosor)**

Deċiżjonijiet minn xi Qrati Supremi tal-Istati Membri huma mqassrin fl-Anness VII.

**14. Links għal aktar informazzjoni dwar il-MAE**

Aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew kif ukoll dwar il-każistika tinsab fis-siti web ta' hawn taħt:

- http://www.ejn-crimjust.europa.eu/
  Sit web tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew

- http://www.ejn-crimjust.europa.eu/eaw_atlas.aspx
  l-Atlas tal-MAE fuq is-sit web tan-NĠE

- http://www.ejn-crimjust.europa.eu/european-arrest-warrant.aspx
  Informazzjoni dwar il-MAE disponibbli fuq is-sit web tan-NĠE

**15. Eżempju dwar kif għandha timtela l-formola tal-MAE**

Fl-Anness III, jingħata eżempju bil-ħsieb li jservi ta' gwida dwar kif għandha timtela l-formola tal-MAE. L-eżempju huwa maqsum f'żewġ kategoriji li jikkonċernaw każijiet fejn MAE jinħareġ għall-finijiet li titwettaq prosekuzzjoni/investigazzjoni kriminali (stadju ta' qabel il-proċess) u każijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenza u fejn sentenza ingħatat *in absentia.*

## ANNESS I

**Deċiżjoni Kwadru (2002/584/ĠAI) tat 13 ta' Ġunju 2002**
**fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri**[1]

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(a) u (b) u l-Artikolu 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, u partikolarment il-punt 35 tagħhom, il-proċedura formali tal-estradizzjoni għandha tkun abolita fost l-Istati Membri fir-rigward ta' persuni li qed jaħarbu mill-ġustizzja wara li jkunu ġew mogħtija sentenza finali u l-proċeduri tal-estradizzjoni għandhom jiġu mħeffin fir-rigward ta' persuni suspettati li wettqu offiża.

(2) Il-programm ta' miżuri għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet kriminali kkontemplat fil-punt 37 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere u adottat mill-Kunsill fit-30 ta' Novembru 2000, jindirizza l-kwistjoni ta' infurzar reċiproku ta' mandati ta' arrest.

(3) L-Istati Membri kollha jew xi wħud minnhom huma partijiet għal numru ta' konvenzjonijiet fil-qasam tal-estradizzjoni, inkluża l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957 u l-Konvenzjoni Ewropea fuq it-trażżin tat-terroriżmu tas-27 ta' Jannar 1977. L-Istati Nordiċi għandhom liġijiet dwar l-estradizzjoni bi kliem identiċi.

---

1 ĠU L 190, 18.7.2002, paġna 1.

(4) Barra dan, it-tliet Konvenzjonijiet li ġejjin li għandhom x' jaqsmu fl-intier jew f'parti tagħhom mal-estradizzjoni ġew miftehma bejn l-Istati Membri u jagħmlu parti mill-acquis tal-Unjoni: il-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim Schengen tal-14 ta'Ġunju 1985 fuq it-tneħħija gradwali ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (fir-rigward ta' relazzjonijiet bejn l-Istati Membri li huma partijiet għal dik il-Konvenzjoni), il-Konvenzjoni tal-10 ta' Marzu 1995 dwar proċedura ta' estradizzjoni simplifikata bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea [5] u l-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1996 dwar l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

(5) L-għan stabbilit biex l-Unjoni ssir żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jwassal għall-abolizzjoni tal-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u jbiddlu b'sistema ta' konsenja bejn awtoritajiet ġudizzjarji. 'Il fuq minn dan, l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ssimplifikata ta' konsenja ta' persuni mogħtija sentenza jew suspettati għall-iskopijiet ta' eżekuzzjoni jew prosekuzzjoni ta' sentenzi kriminali jagħmel possibbli t-tneħħija tal-komplessità u l-potenzjal għad-dewmien inerenti fil-proċeduri preżenti tal-estradizzjoni. Ir-relazzjonijiet tradizzjonali ta' kooperazzjoni li eżistew s'issa bejn l-Istati Membri għandhom jiġu mibdulin b'sistema ta' moviment liberu ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji kriminali, li tkopri kemm deċiżjonijiet qabel ma tingħata s-sentenza kif ukoll dawk finali, f'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(6) Il-mandat ta' arrest Ewropew previst f'din id-Deċiżjoni Kwadru hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew irrefera għalih bħala l-"punt ta' referenza" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

(7) Billi l-iskop tat-tibdil tas-sistema ta' estradizzjoni multilaterali mibnija fuq il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957 ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri filwaqt li jaġixxu unilateralment u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, il-Kunsill jista' jadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imsemmi fl-Artikolu 2 tat-TUE u l-Artikolu 5 tat-TKE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif imniżżel f'dan l-Artikolu tal-aħħar, din id-Deċiżjoni Kwadru ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(8) Id-deċiżjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tal-MAE għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli suffiċjenti, li jfisser li l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru fejn il-persuna rikjesta ġiet arrestata jkollha tieħu d-deċiżjoni dwar il-konsenja tiegħu jew tagħha.

(9) L-irwol tal-awtoritajiet ċentrali fl-eżekuzzjoni ta' MAE għandu jkun limitat għal assistenza prattika u amministrattiva.

(10) Il-mekkaniżmu tal-MAE hu bbażat fuq livell għoli ta' kunfidenza bejn l-Istati Membri. L-implimentazzjoni tiegħu jista' jiġi sospiż biss fil-każ ta' ksur serju u persistenti minn wieħed mill-Istati Membri tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tat-TUE, iddeterminati mill-Kunsill skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat imsemmi bil-konsegwenzi mniżżlin fl-Artikolu 7(2) tiegħu.

(11) Fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, il-MAE għandu jieħu post kull strument preċedenti dwar l-estradizzjoni, inklużi d-disposizzjonijiet tat-Titolu III tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim Schengen li huma dwar l-estradizzjoni.

(12) Din id-Deċiżjoni Kwadru tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-TUE u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod partikolari l-Kapitolu VI tiegħu. Xejn f'din id-Deċiżjoni Kwadru ma jista' jiġi interpretat bħala projbizzjoni tar-rifjut ta' konsenja ta' persuna għal liema jkun inħareġ MAE meta hemm raġunijiet biex jitwemmen, abbażi ta' elementi oġġettivi, li l-mandat ta' arrest imsemmi inħareġ għall-fini tal-prosekuzzjoni jew il-kastig ta' persuna għal raġunijiet ta' sess, razza, reliġjon, oriġini etnika, nazzjonalità, ilsien, opinjoni politika jew orjentazzjoni sesswali, jew li l-pożizzjoni ta' dik il-persuna tista' tiġi ppreġudikat għal kwalunkwe minn dawn ir-raġunijiet. Din id-Deċiżjoni Kwadru ma timpedixxix lil Stat Membru milli japplika r-regoli kostituzzjonali tiegħu relatati mal-proċess legali, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà tal-istampa u l-libertà ta' espressjoni f'medja oħra.

(13) L-ebda persuna m'għandha titneħħa, tiġi espulsa jew estradita għal Stat fejn ikun hemm riskju serju li din tkun soġġetta għal piena tal-mewt, tortura jew trattament jew piena oħra inumana jew degradanti.

(14) Billi l-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tal-KtE tat-28 ta' Jannar 1981 għall-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar awtomatiku ta' data personali, id-data personali pproċessata fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tiġi protetta f'konformità mal-prinċipji tal-Konvenzjoni msemmija,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI KWADRU:

KAPITOLU 1 PRINĊIPJI ĠENERALI

**Artikolu 1 Definizzjoni tal-MAE u l-obbligu tal-eżekuzzjoni tiegħu**

1. Il-MAE hu deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bil-ħsieb tal-arrest u l-konsenja minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-finijiet li ssir prosekuzzjoni kriminali jew eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.
2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe MAE abbażi tal-priċipju ta' rikonoxximent reċiproku u f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.
3. Din id-Deċiżjoni Kwadru ma għandux ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu ta' rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji legali fundamentali kif iddikjarati fl-Artikolu 6 tat-TUE.

**Artikolu 2 Kamp ta' Applikazzjoni tal-MAE**

1. MAE jista' jinħareġ għal atti punibbli mil-liġi tal-Istat Membru emittenti b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perijodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar jew, fejn tingħata sentenza jew issir ordni ta' detenzjoni, għal sentenzi ta' mill-inqas erba' xhur.
2. Ir-reati li ġejjin, jekk huma punibbli fl-Istat Membru emittenti b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perijodu massimu ta' mill-inqas tliet snin u kif inhuma definiti mil-liġi tal-Istat Membru emittenti, għandhom, taħt it-termini ta' din id-Deċiżjoni Kwadru u mingħajr verifika ta' kriminalità doppja tal-att, iwasslu għal konsenja skont MAE:
   - parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,
   - terroriżmu,
   - traffikar ta' bnedmin,
   - sfruttament sesswali ta' tfal u pornografija tat-tfal,
   - traffikar illeċitu fi drogi narkotiċi u sostanzi psikotropiċi,
   - traffikar illeċitu f'armi, munizzjon u splussivi,
   - korruzzjoni,

- frodi, inkluż dak li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fis-sens tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej,
- laundering tar-rikavat minn attività kriminali,
- falsifikazzjoni ta' munita, inkluża l-euro,
- kriminalità relatata mal-kompjuter,
- kriminalità ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali pperikolati u ta' speċi u varjetajiet ta' pjanti pperikolati,
- faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati,
- omiċidju, offiża gravi fuq il-persuna,
- kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti tal-bniedem,
- ħtif ta' persuna, detenzjoni illegali u ħtif ta' ostaġġi,
- razziżmu u ksenofobija,
- serq organizzat jew armat,
- traffikar illeċitu ta' beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri tal-arti,
- imbrolju,
- intrigi ta' qerq u estorsjoni,
- falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti,
- falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u traffikar tagħhom,
- falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas,
- traffikar illeċitu ta' sostanzi ormonali u promoturi ta' tkabbir oħrajn,
- traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjoattivi,
- traffikar ta' vetturi misruqin,
- stupru,
- ħruq volontarju ta’ proprjetà,
- reati li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,
- sekwestru illegali ta' inġenji tal-ajru/vapuri,
- sabotaġġ.

3. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, filwaqt li jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39(1) tat-TUE, li jżid kategoriji oħrajn ta' reati mal-lista li tinsab fil-paragrafu 2. Il-Kunsill għandu jeżamina, fid-dawl tar-rapport ippreżentat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 34(3), jekk il-lista għandhiex tiġi estiża jew emendata.

4. Għal reati minbarra dawk koperti mill-paragrafu 2, il-konsenja tista' tkun soġġetta għall-kondizzjoni li l-atti li għalihom ikun inħareġ il-MAE jikkostitwixxu reat taħt il-liġi tal-Istat Membru eżekutur, irrespettivament mill-elementi kostitwenti jew ta' kif hu deskritt.

**Artikolu 3 Raġunijiet għal obbligu li ma jiġix esegwit MAE**

L-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru eżekutur (minn hawn 'il quddiem "l-awtorità ġudizzjarja eżekutura") għandha tirrifjuta eżekutura l-MAE fil-każijiet li ġejjin:

1. jekk ir-reat li fuqu huwa bbażat il-mandat ta' arrest ikun kopert mill-amnestija fl-Istat Membru eżekutur, fejn dak l-Istat kellu ġurisdizzjoni biex jipprosegwixxi r-reat taħt il-liġi kriminali tiegħu stess;
2. jekk l-awtorità ġudizzjarja eżekutura hi informata li l-persuna rikjesta ġiet finalment ġġudikata minn Stat Membru fir-rigward tal-istess atti previst li, fejn kien hemm sentenza, is-sentenza ġiet skontata jew qed tiġi skontata attwalment jew ma tistax tiġi esegwita iżjed taħt il-liġi tal-Istat Membru li jagħti s-sentenza;
3. jekk il-persuna li hi s-suġġett tal-MAE ma tistax, minħabba l-età tagħha, tinsab kriminalment ħatja għall-atti fuq liema l-mandat ta' arrest hu bbażat taħt il-liġi tal-Istat li jesgwixxi.

**Artikolu 4 Raġunijiet għall-għażla ta' non-eżekuzzjoni ta' MAE**

L-awtorità ġudizzjarja eżekutura tista' tirrifjuta li tesegwixxi l-MAE:

1. jekk, f'wieħed mill-każijiet msemmija fl-Artikolu 2(4), l-att li fuqu huwa bbażat il-MAE ma jikkostitwixxix reat taħt il-liġijiet tal-Istat eżekutur; madankollu, fir-rigward ta' taxxi u dazji, dazji doganali u skambju, l-eżekuzzjoni ta' MAE m'għandhiex tiġi rrifjutata għar-raġuni li l-liġi tal-Istat Membru eżekutur ma jimponix l-istess tip ta' taxxa jew dazju u m'għandhiex l-istess tip ta' regoli fir-rigward ta' taxxi, dazji u dazji doganali u skambju bħal-liġi tal-Istat Membru emittenti;
2. fejn il-persuna li hi s-suġġett tal-MAE qed tiġi mħarrka fl-Istat Membru eżekutur għall-istess att bħal dak fuq liema huwa bbażat il-MAE;

3. fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru eżekutur ddeċidew jew li ma jagħmlux prosekuzzjoni għar-reat fuq liema l-MAE huwa bbażat jew li jwaqqfu l-proċedimenti, jew fejn tkun ingħatat sentenza finali fuq il-persuna rikjesta fi Stat Membru, fir-rigward tal-istess atti, li ma timpedixxi proċedimenti ulterjuri;
4. fejn il-prosekuzzjoni kriminali jew il-kastig tal-persuna rikjesta hi mwaqqfa mill-istatut skont il-liġi tal-Istat Membru eżekutur u l-atti jaqaw fil-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat Membru taħt il-liġi kriminali tiegħu stess;
5. jekk l-awtorità ġudizzjarja eżekutura tiġi informata li l-persuna rikjesta ġiet iġġudikata b'mod finali minn Stat terz fir-rigward tal-istess atti, previst li, fejn kien hemm sentenza, is-sentenza ġiet skontata jew qed tiġi skontata attwalment jew ma tistax tiġi esegwita iżjed taħt il-liġi tal-pajjiż li ta s-sentenza;
6. jekk il-MAE ikun inħareġ għall-iskopijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, meta l-persuna rikjesta qed toqgħod fl-Istat eżekutur, jew hija ċittadin tiegħu jew residenti fih, u dak l-Istat jimpenja ruħu li jesegwixxi s-sentenza jew l-ordni ta' detenzjoni f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu;
7. fejn il-MAE jirrigwarda reati li:
   (a) huma meqjusin mil-liġi tal-Istat Membru eżekutur bħala li twettqu interament jew parzjalment fit-territorju tal-Istat Membru eżekutur jew f'post ittrattat hekk; jew
   (b) twettqu barra t-territorju tal-Istat Membru emittenti u l-liġi tal-Istat Membru eżekutur ma tippermettix il-prosekuzzjoni għall-istess offiżi meta jkunu twettqu barra t-territorju tiegħu.

**Artikolu 5 Garanziji li għandhom jingħataw mill-Istat Membru emittenti f'każijiet partikolari**

L-eżekuzzjoni tal-MAE mill-awtorità ġudizzjarja eżekutura tista', bil-liġi tal-Istat Membru eżekutur, tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. meta l-MAE ikun inħareġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta' detenzjoni imposta b'deċiżjoni meħuda in absentia u jekk il-persuna kkonċernata ma ġietx ikkonvokata personalment jew informata b'mod ieħor dwar id-data u l-post tas-smigħ li wassal għad-deċiżjoni meħuda in absentia, il-konsenja tista' tkun soġġetta għall-kondizzjoni li l-awtorità ġudizzjarja emittenti tagħti assigurazzjoni meqjusa adegwata li tiggarantixxi lill-persuna li hi s-suġġett tal-MAE li hija ser ikollha opportunità li tapplika għal proċess mill-ġdid tal-każ fl-Istat emittenti u li tkun presenti waqt il-verdett;
2. jekk ir-reat fuq il-bażi ta' liema nħareġ il-MAE huwa punibbli b'sentenza ta' kustodja għall-ħajja jew ordni ta' detenzjoni għall-ħajja, l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest imsemmi tista' tkun soġġett għall-kondizzjoni li l-Istat Membru emittenti għandu dispożizzjonijiet fis-sistema legali tiegħu għal reviżjoni tal-piena jew miżura imposta, fuq talba jew l-aktar tard wara 20 sena, jew għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' klemenza li persuna hi intitolata li tapplika għalihom taħt il-liġi jew prattika tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat, bl-għan li din il-piena jew miżura ma tiġix esegwita;
3. fejn persuna li hi s-suġġett ta' MAE għall-iskopijiet ta' prosekuzzjoni hi ċittadina jew residenta tal-Istat Membru eżekutur, il-konsenja tista' tkun soġġetta għall-kondizzjoni li l-persuna, wara li tinstema', tiġi rritornata lill-Istat Membru eżekutur sabiex tiskonta hemm is-sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni mogħtija kontriha fl-Istat Membru emittenti.

**Artikolu 6 Determinazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti**

1. L-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru li emittenti li hi kompetenti biex toħroġ MAE bis-saħħa tal-liġi ta' dak l-Istat.
2. L-awtorità ġudizzjarja eżekutura għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru eżekutur li hi kompetenti biex tesegwixxi l-MAE bis-saħħa tal-liġi ta' dak l-Istat.
3. Kull Stat Membru għandu jinforma s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti taħt il-liġi tiegħu.

**Artikolu 7  Rikors għall-awtorità ċentrali**

1. Kull Stat Membru jista' jaħtar awtorità ċentrali jew, meta s-sistema legali tiegħu hekk tipprevedi, aktar minn awtorità ċentrali waħda biex tassisti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.
2. Stat Membru jista', jekk ikun meħtieġ bħala riżultat tal-organizazzjoni tas-sistema ġudizzjarja interna tiegħu, jagħmel l-awtorità jew awtoritajiet ċentrali tiegħu responsabbli għat-trasmissjoni amministrattiva u r-riċeviment ta' MAE Ewropej kif ukoll għall-korrispondenza uffiċjali oħra kollha konnessa miegħu.
   Stat Membru li jixtieq jagħmel użu tal-possibbiltajiet msemmijin f'dan l-Artikolu għandu jikkomunika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill informazzjoni relatata mal-awtorità ċentrali jew awtoritajiet ċentrali maħtura. Dawn l-indikazzjonijiet għandhom ikunu vinkolanti fuq l-awtoritajiet kollha tal-Istat Menbru emittenti.

**Artikolu 8  Kontenut u forma tal-MAE**

1. Il-MAE għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja stabbilita skont il-forma li tinsab fl-Anness:
   (a) l-identità u n-nazzjonalità tal-persuna rikjesta;
   (b) l-isem, l-indirizz, in-numri tat-telefon u l-fax u l-indirizz tal-posta elettronika tal-awtorità ġudizzjarja emittenti;
   (c) il-prova ta' sentenza li tista' tiġi infurzata, mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja li tista' tiġi infurzata oħra li għandha l-istess effett, li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 1 u 2;
   (d) in-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 2;
   (e) deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettaq ir-reat, inkluż il-ħin, il-post u l-grad ta' parteċipazzjoni fir-reat mill-persuna rikjesta;
   (f) il-piena imposta, jekk hemm sentenza finali, jew l-iskala preskritta ta' pieni għar-reat taħt il-liġi tal-Istat Membru emittenti;
   (g) jekk possibbli, konsegwenzi oħrajn tar-reat.

2. Il-MAE għandu jiġi tradott fl-ilsien uffiċjali jew f'wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Istat eżekutur. Kwalunkwe Stat Membru jista', meta din id-Deċiżjoni Qafas tiġi adottata jew f'data aktar tard, jistqarr permezz ta' dikjarazzjoni ddepożitata għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li jaċċetta traduzzjoni f'waħda jew aktar mill-lingwi uffiċjali l-oħra tal-Istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej.

KAPITOLU 2 PROĊEDURA TA' KONSENJA

**Artikolu 9 Trasmissjoni ta' MAE**

1. Meta jkun magħruf il-post fejn tinsab il-persuna rikjesta, l-awtorità ġudizzjarja emittenti tista' tittrasmetti l-MAE direttament lill-awtorità ġudizzjarja eżekutura.
2. L-awtorità ġudizzjarja emittenti tista', fi kwalunkwe każ, tiddeċiedi li toħroġ allert għall-persuna rikjesta fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).
3. Allert bħal dan għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 95 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fi fruntieri komuni. Allert fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għandu jkun ekwivalenti għal MAE akkumpanjat mill-informazzjoni mniżżla fl-Artikolu 8(1). Għal perijodu transitorju, sakemm is-SIS tkun tista' tittrasmetti l-informazzjoni kollha deskritta fl-Artikolu 8, l-allert għandu jkun ekwivalenti għal MAE sakemm l-awtorità ġudizzjarja eżekutura tirċievi l-oriġinal fil-forma dovuta u adatta.

**Artikolu 10 Proċeduri ddettaljati għat-trasmissjoni ta' MAE**

1. Jekk l-awtorità ġudizzjarja emittenti ma tkunx taf l-awtorità ġudizzjarja eżekutura kompetenti, għandha tagħmel l-inkjesti meħtieġa, inkluż permezz ta' punti ta' kuntatt tan-NĠE, sabiex tikseb dik l-informazzjoni mill-Istat Membru eżekutur.
2. Jekk l-awtorità ġudizzjarja emittenti hekk tixtieq, it-trasmissjoni tista' ssir permezz tas-sistema ta' telekomunikazzjonijiet sigura tan-NĠE.
3. Jekk ma jkunx possibbli li jissejħu s-servizzi tas-SIS, l-awtorità ġudizzjarja emittenti tista' ssejjaħ lill-Interpol biex tittrasmetti MAE.
4. L-awtorità ġudizzjarja emittenti tista' tibgħat il-MAE bi kwalunkwe mezz sigur li jista' jipproduċi dokumentazzjoni bil-miktub taħt kondizzjonijiet li jippermettu lill-Istat Membru eżekutur jistabbilixxi l-awtentiċità tiegħu.
5. Id-diffikultajiet kollha marbutin mat-trasmissjoni jew l-awtentiċità ta' kwalunkwe dokument meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-MAE għandhom jiġu ttrattati b'kuntatti diretti bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji involuti, jew, fejn xieraq, bl-involviment tal-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri.

6. Jekk l-awtorità li tirċievi MAE mhijiex kompetenti biex taġixxi għalih, għandha awtomatikament tibgħat il-MAE lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tagħha u għandha tinforma lill-awtorità ġudizzjarja emittenti kif meħtieġ.

### Artikolu 11 Drittijiet ta' persuna rikjesta

1. Meta persuna rikjesta tiġi arrestata, l-awtorità ġudizzjarja eżekutura kompetenti għandha, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha, tinforma lill-persuna bil-MAE u bil-kontenut tiegħu, u wkoll bil-possibbiltà li taċċetta li tikkonsenja għall-awtorità ġudizzjarja emittenti.
2. Persuna rikjesta li tiġi arrestata għall-fini tal-eżekuzzjoni ta' MAE għandu jkollha d-dritt li tkun assistita minn avukat u minn interpretu f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru eżekutur.

### Artikolu 12 Żamma tal-persuna f'detenzjoni

Meta persuna tiġi arrestata abbażi ta' MAE, l-awtorità ġudizzjarja eżekutura għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk il-persuna rikjesta għandhiex tibqa' f'detenzjoni, f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru eżekutur. Il-persuna tista' tiġi rilaxxata proviżorjament fi kwalunkwe ħin f'konformità mal-liġi interna tal-Istat Membru eżekutur, previst li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru msemmi jieħu l-miżuri kollha li jikkunsidra meħtieġa biex jimpedixxi l-persuna milli tevadi l-ġustizzja.

### Artikolu 13 Kunsens għal konsenja

1. Jekk il-persuna arrestata tindika li tikkunsenta għal konsenja, dak il-kunsens u, jekk xieraq, ir-renunzja espressa ta' intitolament għar-regola ta' speċjalità, imsemmija fl-Artikolu 27(2), għandhom jingħataw quddiem l-awtorità ġudizzjarja eżekutura, f'konformità mal-liġi interna tal-Istat Membru eżekutur.
2. Kull Stat Membru għandu jadotta l-miżuri meħtieġa biex jassigura li l-kunsens u, fejn xieraq, ir-renunzja, kif imsemmijin fil-paragrafu 1, huma stabbiliti b'tali mod li juru li l-persuna kkonċernata esprimiethom volontarjament u f'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi. Għal dak il-għan, il-persuna rikjesta għandu jkollha d-dritt għal parir legali.
3. Il-kunsens u, fejn xieraq, ir-renunzja, kif imsemmijin fil-paragrafu 1, għandhom ikunu rreġistrati formalment f'konformità mal-proċedura stabbilita mil-liġi interna tal-Istat Membru eżekutur.

4. Fil-prinċipju, il-kunsens ma jistax jiġi rrevokat. Kull Stat Membru jista' jipprevedi li l-kunsens u, jekk xieraq, ir-renunzja jkunu jistgħu jiġu rrevokati, skont ir-regoli applikabbli taħt il-liġi interna tiegħu. F'dan il-każ, il-perijodu bejn id-data tal-kunsens u dik tar-revoka tiegħu m'għandux jiġi kkunsidrat fl-istabbiliment tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 17. Stat Membru li jixtieq li jkollu rikors għal din il-possibbiltà għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill kif meħtieġ meta din id-Deċiżjoni Kwadru tiġi adottata u għandu jispeċifika l-proċeduri li bihom ir-revoka tal-kunsens għandha tkun possibbli u kwalunkwe emenda tagħhom.

**Artikolu 14 Smigħ tal-persuna rikjesta**

Fejn il-persuna arrestata ma tagħtix kunsens għall-konsenja tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 13, il-persuna għandha tkun intitolata li tinstema' mill-awtorità ġudizzjarja eżekutura, skont il-liġi tal-Istat Membru eżekutur.

**Artikolu 15 Deċiżjoni ta' konsenja**

1. L-awtorità ġudizzjarja eżekutura għandha tiddeċiedi, fil-limiti ta' żmien u taħt il-kondizzjonijiet definiti f'din id-Deċiżjoni Kwadru, jekk il-persuna għandhiex tiġi kkonsenjata.
2. Jekk l-awtorità ġudizzjarja eżekutura ssib li l-informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru emittenti mhijiex suffiċjenti biex tittieħed deċiżjoni dwar konsenja, hija għandha titlob l-informazzjoni supplementari meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikoli 3 sa 5 u l-Artikolu 8, tiġi fornita bħala materja ta' urġenza u tista' tiffissa limitu ta' żmien għar-riċeviment tagħha, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li jkunu rispettati l-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 17.
3. L-awtorità ġudizzjarja emittenti tista' f'kull ħin tibgħat kwalunkwe informazzjoni utli addizzjonali lill-awtorità ġudizzjarja eżekutura.

### Artikolu 16 Deċiżjoni fil-każ ta' talbiet multipli

1. Jekk żewġ Stati Membri jew aktar ikunu ħarġu MAE għall-istess persuna, id-deċiżjoni dwar liema MAE għandu jiġi esegwit għandha tittieħed mill-awtorità ġudizzjarja eżekutura b'konsiderazzjoni xierqa taċ-ċirkostanzi kollha u speċjalment tas-serjetà relattiva u l-post tar-reati, tad-dati rispettivi tal-MAE u jekk il-mandat ikunx inħareġ għall-finijiet ta' prosekuzzjoni jew għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.
2. L-awtorità ġudizzjarja eżekutura tista' tfittex il-parir tal-Eurojust biex tagħmel l-għażla msemmija fil-paragrafu 1.
3. Fil-każ ta' kunflitt bejn MAE u talba għal estradizzjoni ppreżentata minn pajjiż terz, id-deċiżjoni dwar jekk il-MAE jew it-talba għal estradizzjoni tieħu preċedenza għandha tittieħed mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru eżekutur b'konsiderazzjoni xierqa taċ-ċirkostanzi kollha, b'mod partikolari dawk imsemmijin fil-paragrafu 1 u dawk imsemmijin fil-konvenzjoni applikabbli.
4. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri taħt l-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

### Artikolu 17 Limiti ta' żmien u proċeduri għad-deċiżjoni biex jiġi esegwit MAE

1. MAE għandu jiġi ttrattat u esegwit bħala materja ta' urġenza.
2. F'każijiet fejn il-persuna rikjesta tagħti l-kunsens għall-konsenja tagħha, id-deċiżjoni finali dwar l-eżekuzzjoni tal-MAE għandha tittieħed fi żmien perijodu ta' għaxart ijiem wara li jingħata l-kunsens.
3. F'każijiet oħrajn, id-deċiżjoni finali dwar l-eżekuzzjoni tal-MAE għandha tittieħed fi żmien perijodu ta' 60 jum wara l-arrest tal-persuna rikjesta.
4. Meta f'każijiet speċifiċi l-MAE ma jistax jiġi esegwit fi żmien il-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 2 jew 3, l-awtorità ġudizzjarja eżekutura għandha tinforma immedjatament lill-awtorità ġudizzjarja emittenti b'dan, u tagħti r-raġunijiet għad-dewmien. F'każ bħal dan, il-limiti ta' żmien jistgħu jiġu estiżi bi 30 jum ieħor.
5. Sakemm l-awtorità ġudizzjarja eżekutura ma tkunx ħadet deċiżjoni finali dwar il-MAE, hija għandha tiżgura li l-kondizzjonijiet materjali meħtieġa għal konsenja effettiva tal-persuna jibqgħu sodisfatti.
6. Għandhom jingħataw raġunijiet għal kwalunkwe rifjut tal-eżekuzzjoni ta' MAE.

7. Fejn f'ċirkostanzi eċċezzjonali Stat Membru ma jistax jirrispetta l-limiti ta' żmien previsti f'dan l-Artikolu, għandu jinforma lill-Eurojust, fiwaqt li jagħti r-raġunijiet għad-dewmien. Barra minn hekk, Stat Membru li esperjenza dewmien ripetut fuq il-parti ta' Stat Membru ieħor fl-eżekuzzjoni ta' MAE għandu jinforma lill-Kunsill bil-ħsieb li tiġi evalwata l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru fil-livell ta' Stati Membri.

**Artikolu 18 Sitwazzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni**

1. Meta l-MAE ikun inħareġ għall-fini li titwettaq prosekuzzjoni kriminali, l-awtorità ġudizzjarja eżekutura għandha:
   (a) jew taqbel li l-persuna rikjesta għandha tinstema' skont l-Artikolu 19;
   (b) jew taqbel mat-trasferiment temporanju tal-persuna rikjesta.
2. Il-kondizzjonijiet u t-tul tat-trasferiment temporanju għandhom jiġu ddeterminati bi ftehim reċiproku bejn l-awtorità ġudizzjarja eżekutura u dik emittenti.
3. Fil-każ ta' trasferiment temporanju, il-persuna għandha tkun tista' tirritorna fl-Istat Membru eżekutur sabiex tattendi seduti dwarha bħala parti mill-proċedura ta' konsenja.

**Artikolu 19 Smigħ tal-persuna sakemm tittieħed deċiżjoni**

1. Il-persuna rikjesta għandha tinstema' minn awtorità ġudizzjarja, assistita minn persuna oħra nnominata skont il-liġi tal-Istat Membru tal-qorti rikjedenti.
2. Il-persuna rikjesta għandha tinstema' skont il-liġi tal-Istat Membru eżekutur u bil-kondizzjonijiet deċiżi bi ftehim reċiproku bejn l-awtorità ġudizzjarja emittenti u dik eżekutura.
3. L-awtorità ġudizzjarja eżekutura kompetenti tista' tassenja awtorità ġudizzjarja oħra tal-Istat Membru tagħha biex tieħu parti fis-seduta tal-persuna rikjesta sabiex tassigura l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Artikolu u tal-kondizzjonijiet stabbiliti.

**Artikolu 20 Privileġġi u immunitajiet**

1. Fejn il-persuna rikjesta tgawdi minn privileġġ jew immunità fir-rigward ta' ġurisdizzjoni jew eżekuzzjoni fl-Istat Membru eżekutur, il-limiti ta' żmien imsemmijin fl-Art. 17 m'għandhomx jibdew jgħoddu dment li l-awtorità ġudizzjarja eżekutura ma tiġix informata, u mill-jum li fih tiġi informata, bil-fatt li l-privileġġ jew l-immunità ġiet irrinunzjata. L-Istat Membru eżekutur għandu jassigura li l-kondizzjonijiet materjali meħtieġa għal konsenja effettiva huma sodisfatti meta l-persuna ma tgawdix aktar dan il-privileġġ jew l-immunità.

2. Fejn is-setgħa tar-rinunzja tal-privileġġ jew l-immunità taqa' taħt awtorità tal-Istat Membru eżekutur, l-awtorità ġudizzjarja eżekutura għandha titlobha teżerċita dik is-setgħa minnufih. Meta s-setgħa tar-rinunzja tal-privileġġ jew l-immunità taqa' taħt l-awtorità ta' Stat ieħor jew ta' organizzazzjoni internazzjonali, għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja emittenti li titlobha teżerċita dik is-setgħa.

**Artikolu 21 Obbligi internazzjonali ta' kompetizzjoni**

Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex tippreġudika l-obbligi tal-Istat Membru eżekutur fejn il-persuna rikjesta ġiet estradita għal dak l-Istat Membru minn pajjiż terz u fejn dik il-persuna hi protetta minn disposizzjonijiet tal-arranġament taħt liema l-persuna kienet estradita fir-rigward ta' speċjalità. L-Istat Membru eżekutur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jitlob minnufih il-kunsens tal-Istat minn liema l-persuna rikjesta ġiet estradita sabiex il-persuna tkun tista' tiġi kkonsenjata lill-Istat Membru li ħareġ il-MAE. Il-limiti ta' żmien imsemmijin fl-Artikolu 17 m'għandhomx jibdew jgħoddu qabel id-data li fiha dawn ir-regoli ta' speċjalità ma jibqgħux japplikaw. Sakemm tittieħed id-deċiżjoni tal-Istat minn liema l-persuna rikjesta kienet estradita, l-Istat Membru eżekutur għandu jassigura li l-kondizzjonijiet materjali meħtieġa għal konsenja effettiva jibqgħu sodisfatti.

**Artikolu 22 Notifika tad-deċiżjoni**

L-awtorità ġudizzjarja eżekutura għandha tinnotifika lill-awtorità ġudizzjarja emittenti immedjatament bid-deċiżjoni dwar l-azzjoni li għandha tittieħed rigward il-MAE.

**Artikolu 23 Limiti ta' żmien għal konsenja tal-persuna**

1. Il-persuna rikjesta għandha tiġi kkonsenjata malajr kemm jista' jkun f'data maqbula bejn l-awtoritajiet ikkonċernati.
2. Hija għandha tiġi kkonsenjata sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-deċiżjoni finali dwar l-eżekuzzjoni tal-MAE.
3. Jekk il-konsenja tal-persuna rikjesta fil-perijodu stabbilit fil-paragrafu 2 tkun impeduta minn ċirkostanzi li mhumiex fil-kontroll ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri, l-awtorità ġudizzjarji eżekutura u dik emittenti għandhom jagħmlu kuntatt ma' xulxin immedjatament u jaqblu dwar data ta' konsenja ġdida. F'dak il-każ, il-konsenja għandha sseħħ f'10 ijiem mid-data l-ġdida hekk maqbula.
4. Il-konsenja tista' bħala eċċezzjoni tiġi posposta temporanjament għal raġunijiet umanitarji serji, pereżempju jekk hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li din tista' tqiegħed il-ħajja jew is-saħħa tal-persuna rikjesta f'periklu ċar. L-eżekuzzjoni tal-MAE għandha sseħħ hekk kif dawn ir-raġunijiet ma jibqgħux jeżistu. L-awtorità ġudizzjarja eżekutura għandha tinforma immedjatament lill-awtorità ġudizzjarja emittenti u tiftiehem dwar data ġdida ta' konsenja. F'dak il-każ, il-konsenja għandha ssir fi żmien għaxart ijiem mid-data l-ġdida hekk miftehma.
5. Malli jiskadu l-limiti ta' żmien imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 4, jekk il-persuna għadha qed tinżamm f'kustodja hija għandha tiġi rilaxxata.

**Artikolu 24 Konsenja posposta jew kondizzjonali**

1. L-awtorità ġudizzjarja eżekutura tista', wara li tiddeċiedi li tesegwixxi l-MAE, tipposponi l-konsenja tal-persuna rikjesta sabiex hija tkun tista' tiġi pproċessata fl-Istat Membru eżekutur jew, jekk diġà ingħatat sentenza, sabiex hija tkun tista' tiskonta, fit-territorju tagħha, sentenza li ngħatat għal att ieħor li mhux dak imsemmi fil-MAE.
2. Minflok li tipposponi l-konsenja, l-awtorità ġudizzjarja eżekutura tista' tikkonsenja temporanjament il-persuna rikjesta lill-Istat Membru emittenti taħt kondizzjonijiet li għandhom jiġu ddeterminati bi qbil reċiproku bejn l-awtorità ġudizzjarja eżekutura u dik emittenti. Il-qbil għandu jsir bil-miktub u l-kondizzjonijiet għandhom ikunu vinkolanti fuq l-awtoritajiet kollha fl-Istat Membru emittenti.

**Artikolu 25 Transitu**

1. Kull Stat Membru għandu, ħlief meta jagħmel użu mill-possibbiltà ta' rifjut meta t-transitu ta' ċittadin jew resident hu meħtieġ għall-fini tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, jippermetti t-transitu mit-territorju tiegħu ta' persuna rikjesta li qed tiġi kkonsenjata dment li huwa ngħata informazzjoni dwar:
   (a) l-identità u n-nazzjonalità tal-persuna soġġetta għall-MAE;
   (b) l-ezistenza ta' MAE;
   (c) in-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat;
   (d) id-deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi tar-reat, inklużi d-data u l-post.

   Fejn persuna li hi s-suġġett ta' MAE għall-finijiet ta' prosekuzzjoni hi ċittadina jew residenta tal-Istat Membru ta' transitu, it-transitu jista' jkun soġġett għall-kondizzjoni li l-persuna, wara li tkun insteġħmet, tiġi rritornata lill-Istat Membru ta' transitu biex tiskonta s-sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni mogħtija kontriha fl-Istat Membru emittenti.
2. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità responsabbli li tirċievi talbiet għat-transitu u d-dokumenti neċessarji, kif ukoll kwalunkwe korrispondenza uffiċjali oħra relatata ma' talbiet għat-transitu. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw din in-nominazzjoni lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.
3. It-talba għal transitu u l-informazzjoni mniżżla fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu indirizzati lill-awtorità nnominata skont il-paragrafu 2 bi kwalunkwe mezz li jista' jipproduċi dokument miktub. L-Istat Membru ta' transitu għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu bl-istess proċedura.
4. Din id-Deċiżjoni Kwadru ma tapplikax fil-każ ta' trasport bl-ajru mingħajr waqfa skedata. Madankollu, jekk ikun hemm inżul mhux skedat, l-Istat Membru emittenti għandu jipprovdi lill-awtorità nnominata skont il-paragrafu 2 l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1.
5. Fejn transitu jinvolvi persuna li għandha tiġi estradita minn Stat terz għal Stat Membru dan l-Artikolu għandu japplika mutatis mutandis. B'mod partikolari l-espressjoni "MAE" għandha titqies bħala li hi mibdula b'"talba għal estradizzjoni".

KAPITOLU 3 EFFETTI TAL-KONSENJA

**Artikolu 26 Tnaqqis tal-perijodu ta' detenzjoni skontat fl-Istat Membru eżekutur**

1. L-Istat Membru emittenti għandu jnaqqas il-perijodi kollha ta' detenzjoni li jirriżultaw mill-eżekuzzjoni ta' MAE mill-perijodu totali ta' detenzjoni li għandu jiġi skontat fl-Istat Membru emittenti bħala riżultat ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni li ngħatat.
2. Għal dak il-għan, l-informazzjoni kollha rigward it-tul ta' żmien tad-detenzjoni tal-persuna rikjesta abbażi tal-MAE għandha tintbagħat mill-awtorità ġudizzjarja eżekutura jew lill-awtorità ċentrali nnominata taħt l-Art. 7 lill-awtorità ġudizzjarja emittenti fil-ħin tal-konsenja.

**Artikolu 27 Prosekuzzjoni possibbli għal reati oħrajn**

1. Kull Stat Membru jista' jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li, fir-relazzjonijiet tiegħu ma' Stati Membri oħrajn li taw l-istess notifika, il-kunsens hu kkunsidrat li ngħata għall-prosekuzzjoni, l-għoti ta' sentenza jew id-detenzjoni bil-ħsieb li tiġi esegwita sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal reat li twettaq qabel il-konsenja tal-persuna, barra dak għal liema hija ġiet ikkonsenjata, ħlief jekk f'każ partikolari l-awtorità ġudizzjaraja eżekutura tiddikjara mod ieħor fid-deċiżjoni tagħha dwar il-konsenja.
2. Ħlief fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 3, persuna kkonsenjata ma tistax tiġi pproċessata, mogħtija sentenza jew b'xi mod ieħor imċaħħda mil-libertà tagħha għal reat imwettaq qabel il-konsenja tagħha ħlief għal dak li għalih ġiet ikkonsenjata.
3. Il-paragrafu 2 ma japplikax fil-każijiet li ġejjin:
   (a) meta l-persuna wara li kellha opportunità li titlaq mit-territorju tal-Istat Membru lil liema ġiet ikkonsenjata ma għamlitx hekk fi żmien 45 jum mir-rilaxx finali tagħha, jew irritornat għal dak it-territorju wara li telqet minnu;
   (b) ir-reat mhux punibbli b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni;
   (c) il-proċedimenti kriminali ma jwasslux għall-applikazzjoni ta' miżuri li jirrestrinġu l-libertà personali;
   (d) meta l-persuna tista' tkun soġġetta għal piena jew miżura li ma tinvolvix iċ-ċaħda tal-libertà, b'mod partikolari piena finanzjarja jew miżura minflokha, ukoll jekk il-piena jew il-miżura tista' twassal għal restrizzjoni tal-libertà personali tagħha;

(e) meta l-persuna tat il-kunsens biex tiġi kkonsenjata, fejn xieraq fl-istess ħin li l-persuna rrinunzjat ir-regola ta' speċjalità, skont l-Art. 13;

(f) meta l-persuna, wara l-konsenja tagħha, irrinunzjat espliċitament id-dritt għar-regola ta' speċjalità fir-rigward ta' reati speċifiċi ta' qabel il-konsenja tagħha. Ir-renunzja għandha tingħata quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Istat Membru emittenti u għandha tiġi rreġistrata skont il-liġi interna ta' dak l-Istat. Ir-rinunzja għandha titfassal b'tali mod li jkun ċar li l-persuna għamlitha volontarjament u b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi. Għal dak il-għan, il-persuna għandu jkollha d-dritt għal parir legali;

(g) meta l-awtorità ġudizzjarja eżekutura li kkonsenjat il-persuna tagħti l-kunsens tagħha skont il-paragrafu 4.

4. Talba għal kunsens għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità ġudizzjarja eżekutura, flimkien mal-informazzjoni msemmija fl-Art. 8(1) u traduzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8(2). Il-kunsens għandu jingħata meta r-reat li għalih huwa mitlub, huwa stess hu soġġett għal konsenja skont id-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru. Il-kunsens għandu jiġi rrifjutat għar-raġunijiet imsemmijin fl-Art. 3 u barra minn hekk jista' jiġi rrifjutat biss għar-raġunijiet imsemmijin fl-Art. 4. Id-deċiżjoni għandha tittieħed mhux aktar tard minn 30 jum wara li tiġi rċevuta t-talba. Għas-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Art. 5, l-Istat Membru emittenti għandu jagħti l-garanziji previsti fih.

**Artikolu 28 Konsenja jew estradizzjoni sussegwenti**

1. Kull Stat Membru jista' jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li, fir-relazzjonijiet tiegħu ma' Stati Membri oħrajn li taw l-istess notifika, il-kunsens għall-konsenja ta' persuna lil Stat Membru li mhux l-Istat Membru eżekutur skont MAE li nħareġ għal reat imwettaq qabel il-konsenja tal-persuna hu kkunsidrat bħala li ngħata, ħlief f'każ partikolari fejn l-awtorità ġudizzjarja eżekutura tiddikjara mod ieħor fid-deċiżjoni tagħha dwar il-konsenja.

2. Fi kwalunkwe każ, persuna li ġiet ikkonsenjata lill-Istat Membru emittenti skont MAE tista', mingħajr il-kunsens tal-Istat Membru eżekutur, tiġi kkonsenjata lil Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru eżekutur skont MAE maħruġ għal kwalunkwe reat imwettaq qabel il-konsenja tagħha fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn il-persuna rikjesta, wara li kellha opportunità li titlaq mit-territorju tal-Istat Membru li lilu ġiet ikkonsenjata, ma għamlitx hekk fi żmien 45 jum mir-rilaxx finali tagħha, jew irritornat lejn dak it-territorju wara li telqet minnu;

(b) fejn il-persuna rikjesta tagħti kunsens biex tiġi kkonsenjata lil Stat Membru li mhux l-Istat Membru eżekutur skont MAE. Il-kunsens għandu jingħata quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Istat Membru emittenti u għandu jiġi rreġistrat skont il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat. Il-kunsens għandu jitfassal b'tali mod li jkun ċar li l-persuna kkonċernata tagħtu b'mod volontarju u b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi. Għal dak l-għan, il-persuna rikjesta għandu jkollha d-dritt għal parir legali;

(c) fejn il-persuna rikjesta mhijiex soġġetta għar-regola ta' speċjalità, skont l-Art. 27(3)(a), (e), (f) u (g).

3. L-awtorità ġudizzjarja eżekutura tagħti l-kunsens għal konsenja lil Stat Membru ieħor skont ir-regoli li ġejjin:

(a) it-talba għal kunsens għandha tiġi ppreżentata skont l-Art. 9, flimkien mal-informazzjoni msemmija fl-Art. 8(1) u traduzzjoni kif imniżżel fl-Art. 8(2);

(b) il-kunsens għandu jingħata meta r-reat li għalih intalab, huwa stess hu soġġett għal konsenja skont id-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru;

(c) id-deċiżjoni għandha tittieħed mhux aktar tard minn 30 jum wara li tiġi rċevuta t-talba;

(d) il-kunsens għandu jiġi rrifjutat għar-raġunijiet imsemmijin fl-Art. 3 u barra minn hekk jista' jiġi rrifjutat biss għar-raġunijiet imsemmijin fl-Art. 4. Għas-sitwazzjonijiet imsemmijin fl-Art. 5, l-Istat Membru emittenti għandu jagħti l-garanziji previsti f'dan.

4. Minkejja l-paragrafu 1, persuna li ġiet ikkonsenjata skont MAE m'għandhiex tiġi estradita lejn Stat terz mingħajr il-kunsens tal-awtorità kompetenti tal-Istat li kkonsenja l-persuna. Dan il-kunsens għandu jingħata skont il-Konvenzjonijiet li bihom dak l-Istat Membru hu marbut, kif ukoll skont il-liġi interna tiegħu.

**Artikolu 29 Trasferiment ta' proprjetà**

1. Fuq it-talba tal-awtorità ġudizzjarja emittenti jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, l-awtorità ġudizzjarja eżekutura għandha, b'mod konformi mal-liġi nazzjonali tagħha, tissekwestra u tikkonsenja proprjetà li:

(a) tista' tkun meħtieġa bħala evidenza, jew

(b) tkun inkisbet mill-persuna rikjesta b'riżultat tar-reat.

2. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ttrasferita wkoll jekk il-MAE ma jistax jitwettaq minħabba l-mewt jew il-ħarba tal-persuna rikjesta.
3. Jekk il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 1 hi soġġetta għal sekwestru jew konfiska fit-territorju tal-Istat Membru eżekutur, dan tal-aħħar jista', jekk il-proprjetà hi meħtieġa f'konnessjoni ma' proċedimenti kriminali pendenti, iżommha temporanjament jew jittrasferiha lill-Istat Membru emittenti, bil-kondizzjoni li tiġi rritornata.
4. Kwalunkwe dritt li l-Istat Membru eżekutur jew partijiet terzi jistgħu jkunu akkwistaw fil-proprjetà msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ppreservati. Fejn jeżistu drittijiet bħal dawn, l-Istat Membru emittenti għandu jirritorna l-proprjetà mingħajr ħlas lill-Istat Membru eżekutur hekk kif il-proċedimenti kriminali jintemmu.

**Artikolu 30 Spejjeż**

1. Spejjeż li saru fit-territorju ta' Stat Membru eżekutur għall-eżekuzzjoni ta' MAE għandhom jitħallsu minn dak l-Istat Membru.
2. L-ispejjeż l-oħrajn kollha għandhom jitħallsu mill-Istat Membru eżekutur.

KAPITOLU 4 DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

**Artikolu 31 Relazzjoni ma' strumenti legali oħrajn**

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tagħhom f'relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u Stati terzi, din id-Deċiżjoni Kwadru għandha, mill-1 ta' Jannar 2004, tibdel id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-konvenzjonijiet li ġejjin applikabbli fil-qasam tal-estradizzjoni f'relazzjonijiet bejn l-Istati Membri:
   (a) il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957, il-protokoll addizjonali tagħha tal-15 ta' Ottubru 1975, it-tieni protokoll addizjonali tas-17 ta' Marzu 1978, u l-Konvenzjoni Ewropea dwar it-trażżin tat-terroriżmu tas-27 ta' Jannar 1977 sa fejn jikkonċerna l-estradizzjoni;
   (b) il-Ftehim bejn it-12-il Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej dwar is-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-metodi għat-trasmissjoni ta' talbiet ta' estradizzjoni tas-26 ta' Mejju1989;

(c) il-Konvenzjoni tal-10 ta' Marzu 1995 dwar proċedura simplifikata ta' estradizzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE;

(d) il-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1996 dwar l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE;

(e) It-Titolu III tal-Kapitolu 4 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fi fruntieri komuni.

2. L-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw ftehimiet jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali fis-seħħ meta din id-Deċiżjoni Kwadru tiġi adottata dment li dawn il-ftehimiet jew l-arranġamenti jippermettu li l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni Kwadru jiġu estiżi jew jitkabbru u jgħinu jissimplifikaw jew jiffaċilitaw aktar il-proċeduri għall-konsenja ta' persuni li huma s-suġġett ta MAE.

L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehimiet jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali wara li din id-Deċiżjoni Kwadru tkun daħlet fis-seħħ dment li dawn il-ftehimiet jew arranġamenti jippermettu li l-preskrizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru jiġu estiżi jew jitkabbru u jgħinu biex jissimplifikaw jew jiffaċilitaw aktar il-proċeduri għall-konsenja ta' persuni li huma s-suġġett ta' MAE, b'mod partikolari billi jiffissaw limiti ta' żmien iqsar minn dawk iffissati fl-Art. 17, billi jestendu l-lista ta' reati stabbiliti fl-Art. 2(2), billi jillimitaw aktar ir-raġunijiet għar-rifjut imniżżlin fl-Artikoli 3 u 4, jew billi jniżżlu l-limitu previst fl-Art. 2(1) jew (2).

Il-ftehimiet u l-arranġamenti msemmijin fit-tieni subparagrafu ma jistgħu fl-ebda każ jaffetwaw ir-relazzjonijiet ma' Stati Membri li mhumiex parti għalihom. L-Istati Membri għandhom, fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, jinnotifikaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bil-ftehimiet u l-arranġamenti eżistenti, imsemmijin fl-ewwel subparagrafu, li jixtiequ jkomplu japplikaw. L-Istati Membri għandhom ukoll jinnotifikaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe ftehim jew arranġament ġdid imsemmi fit-tieni subparagrafu, fi żmien tliet xhur mill-iffirmar tiegħu.

3. Fejn il-konvenzjonijiet jew il-ftehimiet imsemmijin fil-paragrafu 1 japplikaw għat-territorji ta' Stati Membri jew għal territorji li r-relazzjonijiet esterni tagħhom jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' Stat Membru, għal liema din id-Deċiżjoni Kwadru ma tapplikax, dawn l-istrumenti għandhom ikomplu jirregolaw ir-relazzjonijiet eżistenti bejn dawk it-territorji u l-Istati Membri l-oħrajn.

**Artikolu 32 Dispożizzjoni transitorja**

Talbiet għal estradizzjoni rċevuti qabel l-1 ta' Jannar 2004 ser ikomplu jiġu rregolati minn strumenti eżistenti relatati mal-estradizzjoni. Talbiet irċevuti wara dik id-data ser jiġu rregolati mir-regoli adottati minn Stati Membri skont din id-Deċiżjoni Kwadru. Madankollu, kwalunkwe Stat Membru jista', fil-ħin tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru mill-Kunsill, jagħmel dikjarazzjoni fejn jindika li bħala Stat Membru eżekutur hu ser ikompli jittratta talbiet dwar atti mwettqin qabel data li huwa jispeċifika skont is-sistema ta' estradizzjoni applikabbli qablel l-1 ta' Jannar 2004. Id-data in kwistjoni ma tistax tkun aktar tard mis-7 ta' Awwissu 2002. Id-dikjarazzjoni msemmija ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. Tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe ħin.

**Artikolu 33 Dispożizzjonijiet dwar l-Awstrija u l-Ġibiltà**

1. Dment li l-Awstrija ma tkunx immodifikat l-Art. 12(1) tal-"Auslieferungs- und Rechtshilfegesetz" u, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008, hija tista' tippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji eżekutura tagħha jirrifjutaw l-infurzar ta' MAE jekk il-persuna rikjesta hija ċittadina Awstrijaka u jekk l-att li għalih inħareġ il-MAE mhux punibbli taħt il-liġi Awstrijaka.
2. Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tapplika għall-Ġibiltà.

**Artikolu 34 Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru sal-31 ta' Diċembru 2003.
2. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom skont din id-Deċiżjoni Kwadru. Meta jagħmel dan, kull Stat Membru jista' jindika li ser japplika b'mod immedjat din id-Deċiżjoni Kwadru fir-relazzjonijet tiegħu ma' dawk l-Istati Membri li taw l-istess notifika. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jikkomunika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni l-informazzjoni rċevuta skont l-Art. 7(2), l-Art. 8(2), l-Art. 13(4) u l-Art. 25(2). Huwa għandu wkoll jippubblika l-informazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

3. Abbażi tal-informazzjoni kkomunikata mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-31.12.2004, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, akkumpanjat, fejn meħtieġ, minn proposti leġislattivi.

4. Fit-tieni nofs tal-2003 l-Kunsill għandu jagħmel reviżjoni, b'mod partikolari tal-applikazzjoni prattika, tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru mill-Istati Membri kif ukoll tal-funzjonament tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

**Artikolu 35 Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dAk tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

**ANNESS II**

**IL-FORMOLA TAL-MANDAT TA' ARREST EWROPEW**

\\



(a) Informazzjoni dwar l-identità tal-persuna rikjesta:
Isem:
L-ewwel isem (ismijiet):
L-isem ta' qabel iż-żwieg, fejn applikabbli:
Ismijiet fittizji, fejn applikabbli:
Sess:
Nazzjonalità:
Data tat-twelid:
Post tat-twelid:
Residenza u/jew indirizz magħruf:

Ilsien/Ilsna li l-persuna rikjesta tifhem (jekk magħrufa):

Marki distintivi/deskrizzjoni tal-persuna rikjesta:

Ritratt u marki tas-swaba' tal-persuna rikjesta, jekk qegħdin għad-dispożizzjoni u jistgħu jigu trasmessi, jew dettalji għall-kuntatt tal-persuna li għandha tigi kkuntattjata sabiex tinkiseb dik l-informazzjoni jew profil tad-DNA (fejn din il-prova tista' tingħata iżda ma gietx inkluża)

(b) Id-Deċiżjoni li fuqha huwa bbażat il-mandat:

1. Mandat ta' arrest jew deċiżjoni gudizzjarja li għandha l-istess effett:

   Tip:

2. Sentenza li tista' tigi infurzata:

   Referenza:

(c) Indikazzjonijiet dwar it-tul tas-sentenza:

1. It-tul tas-sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni imposta:

2. It-tul tas-sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni imposta:

   Is-sentenza li għad trid tingħata:


(d) Deciżjoni moghtija in absentia u:
– il-persuna in kwistjoni giet imsejha in persuna jew informata mod iehor bid-data u l-post tas-seduta li waslet ghad-deciżjoni moghtija in absentia
jew
– il-persuna in kwistjoni ma gietx imsejha in persuna jew informata mod iehor bid-data u l-post tas-seduta li waslet ghad-deciżjoni moghtija in absentia imma ghandha l-garanziji legali li gejjin wara c-cediment (dawn il-garanziji jistghu jigu moghtija bil-quddiem)
Specifika l-garanziji legali

(e) Offiżi:

Dan il-mandat jirrigwarda fit-total: .................. offiżi.

Deskrizzjoni tac-cirkostanzi go liema l-offiża/offiżi kienet/kienu mwettqa/imwettqin, inklużi l-hin, il-post u l-grad ta' partecipazzjoni fl-offiża mill-persuna rikjesta:

Natura u klassifikazzjoni legali ta' l-offiża/offiżi u d-dispożizzjoni/kodici statutorja applikabbli :

I. Jekk applikabbli, ittikkja wiehed jew aktar mill-offiżi li gejjin punibbli fl-Istat Membru li johrog il-mandat b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni ta' massimu ta' mill-inqas 3 snin kif definit mil-ligijiet ta' l-Istat Membru li johrog il-mandat:

0 il-partecipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali;
0 it-terroriżmu;
0 it-traffikar fil-bnedmin;
0 l-isfruttament sesswali ta' tfal u l-pornografjia tat-tfal;
0 it-traffikar illecitu fi drogi narkotici u sostanzi psikotropici;
0 it-traffikar illecitu f'armi, munizzjonijiet u splossivi;
0 il-korruzzjoni;

0 il-frodi, inkluż dak li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fis-sens tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 fuq il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-KomunitajietEwropej;
0 il-hasil ta' flus gejjin minn reati;
0 l-iffalsifikar ta' munita, inkluża l-euro;
0 ir-reati konnessi mal-kompjuters;
0 ir-reati ta' l-ambjent, inkluż it-traffikar illecitu fi speci ta' annimali li huma fil-perikolu u fi speci u varjetajiet ta' pjanti li huma fil-perikolu;
0 il-facilitazzjoni ta' dhul u residenza mhux awtorizzata;
0 l-omocidju volontarju, offiża gravi fuq il-persuna;
0 il-kummerc illecitu f'organi u tessuti tal-bniedem;
0 il-htif tan-nies, restrizzjoni illegali u l-htif ta' ostaggi;
0 ir-razziżmu u l-ksenofobija;
0 is-serq organizzat jew bl-użu ta' armi;
0 it-traffikar illecitu f'merkanzija kulturali, inklużi l-antikitajiet u xoghlijiet ta' l-arti;
0 l-imbrolju;
0 l-intrigi ta' qerq u l-estorsjoni;
0 il-falsifikazzjoni u l-piraterija ta' prodotti;
0 il-falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar ta' dawn;
0 il-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament;
0 it-traffikar illecitu f'sostanzi ta' l-ormoni u affarijiet ohra li jippromwovu l-iżvilupp;
0 it-traffikar illecitu f'materjali nukleari jew radjoattivi;
0 it-traffikar f'vetturi misruqa;

0 l-istupru;
0 il-hruq ta' proprjetà apposta;
0 ir-reati li jaqghu fil-gurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;
0 il-qbid illegali ta' ingenji ta' l-ajru/vapuri;
0 is-sabotagg.

II. Deskrizzjonijiet shah ta' offiża/offiżi mhux koperti mit-taqsima I hawn fuq:

(f) Cirkostanzi ohra rilevanti ghall-każ (informazzjoni b'ghażla):

*(NB: Dan jista' jkopri kummenti dwar l-ekstraterritorjalità, l-interruzzjoni ta' perijodi ta' limitazzjoni ta' hin u konsegwenzi ohra ta' l-offiża)*

(g) Dan il-mandat hu rilevanti wkoll ghall-qbid u t-trasferiment ta' proprjetà li tista' tkun mehtiega bhala prova:

Dan il-mandat hu rilevanti wkoll ghall-qbid u t-trasferiment ta' proprjetà akkwistata mill-persuna rikjesta bhala riżultat ta' l-offiża:
Deskrizzjoni tal-proprjetà (u l-lokalità) (jekk maghrufa):

(h) L-offiża/offiżi fuq il-bażi ta' liema dan il-mandat gie mahrug hi (huma) punibbli minn/waslet (waslu) ghal sentenza ta' kustodja ghall-hajja jew ordni ta' detenzjoni ghall-hajja:

– is-sistema legali ta' l-Istat Membru li johrog il-mandat jippermetti reviżjoni tal-piena jew miżura imposta fuq talba jew mill-inqas wara 20 sena bil-ghan li din il-piena jew miżura ma tigix esegwita,

u/jew

– is-sistema legali ta' l-Istat Membru li johrog il-mandat jippermetti l-applikazzjoni ta' miżuri ta' klemenza ghal liema l-persuna hi intitolata taht il-ligi jew prattika ta' l-Istat Membru li johrog il-mandat, bil-ghan li din il-piena jew miżura ma tigix esegwita.

(i) L-awtorità gudizzjarja li harget il-mandat:
Isem ufficjali:

Isem ir-rappreżentant taghha 1) :

Pożizzjoni tax-xoghol (titolu/grad):

Referenza tal-fajl:
Indirizz:

Tel.: (kodici tal-pajjiż) (kodici taż-żona/belt) (...)
Fax (kodici tal-pajjiż) (kodici taż-żona/belt) ( )
E-mail
Dettalji ghall-kuntatt tal-persuna li ghandha tkun ikkuntattjata biex taghmel l-arrangamenti prattici mehtiega ghac-cediment:

1) Referenza ghall-'possessur' ta' l-awtorità gudizzjarja tkun inkluża fil-verżjonijiet lingwistici differenti.

Fejn awtorità centrali giet maghmula responsabbli ghat-trasmissjoni u r-ricevuta amministrattiva ta' mandati ta' arrest Ewropej:
Isem ta' l-awtorità centrali:

Persuna li ghandha tigi kkuntattjata, jekk applikabbli (titolu/grad u isem):

Indirizz:

Tel.: (kodici tal-pajjiż) (kodici taż-żona/ belt) (...)
Fax: (kodici tal-pajjiż) (kodici taż-żona/ belt) (...)
E-mail:

Firma ta' l-awtorità gudizzjarja li tohrog il-mandat u/jew tar-rappreżentant taghha:

Isem:
Pożizzjoni tax-xoghol (titolu/grad):
Data:

Timbru ufficjali (jekk qieghed ghad-dispożizzjoni)

## ANNESS III

## LINJI GWIDA DWAR KIF TIMTELA
## L-FORMOLA TAL-MANDAT TA' ARREST EWROPEW

Dan il-mandat ġie magħmul minn awtorità ġudizzjarja kompetenti. Nitlob li l-persuna msemmija hawn isfel tiġi arrestata u ċeduta għall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

***Kumment***[1]

- *Huwa rrakkomandat li l-formola titniżżel mis-sit web tan-NĠE u tinżamm fil-kompjuter tiegħek stess, f'każ li ma jkunx hemm aċċess għas-sit web meta meħtieġ.*
- *Imla l-formola permezz ta' kompjuter.*
- *Jekk kaxxa ma tkunx rilevanti, ikteb "mhux applikabbli" jew indika b'mod ċar, pereżempju b'marka speċifika (eż.: -) li mhux applikabbli.*
- *Jekk hemm diversi reati koperti mill-MAE, jekk jogħġbok innumerahom reat 1, 2, 3, eċċ u żomm dik in-numerazzjoni matul il-MAE kollu u b'mod partikolari fil-kaxxa (b).*

[1] Il-kummenti mdaħħlin hawnhekk m'humiex vinkolanti. Madankollu l-awtoritajiet ġudizzjarji huma mfakkra fl-obbligu tagħhom li jinterpretaw il-liġi nazzjonali tagħhom f'konformità mad-Deċiżjoni Kwadru (ara l-kawża Pupino C-105/03).

*Kaxxa (a)*

***Informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-persuna rikjesta***

***Kumment:***

Jekk jogħġbok imla l-partijiet kollha, jekk possibbli.

(a) Informazzjoni dwar l-identità tal-persuna rikjesta:

Isem: ***Kumment: parti obbligatorja. Inkludi l-isem uffiċjali preċedenti, jekk magħruf, u ikteb l-isem kif inhu fil-lingwa nazzjonali, l-isem m'għandux jiġi tradott.***

L-ewwel isem(ismijiet): ***Kumment: parti obbligatorja***

L-isem ta' qabel iż-żwieġ, fejn applikabbli:

Ismijiet fittizji, fejn applikabbli: ***Kumment: Inkludi ismijiet foloz. Indika l-laqmijiet fil-parentesi. Jekk il-persuna tuża identità falza, din l-identità falza għandha tiddaħħal fil-partijiet kollha, eż. data tat- twelid falza u indirizz falz.***

Sess: ***Kumment: parti obbligatorja.***

Nazzjonalità: ***Kumment: parti obbligatorja.***

Data tat-twelid: ***Kumment: parti obbligatorja.***

Post tat-twelid: ***Kumment: parti obbligatorja, jekk l-informazzjoni hija disponibbli.***

Residenza u/jew indirizz magħruf: ***Kumment: parti obbligatorja, jekk l-informazzjoni hija disponibbli. Indika "mhux magħruf" jekk m'hemm l-ebda informazzjoni.***

Ilsien/Ilsna li l-persuna rikjesta tifhem (jekk magħrufa):

Marki distintivi/deskrizzjoni tal-persuna rikjesta: ***Kumment: parti obbligatorja, jekk l-informazzjoni hija disponibbli. Indika wkoll, jekk il-persuna hijiex perikoluża u/jew tistax li tkun qed iġġorr arma.***

Ritratt u marki tas-swaba' tal-persuna rikjesta, jekk qegħdin għad-dispożizzjoni u jistgħu jiġu trasmessi, jew dettalji għall-kuntatt tal-persuna li għandha tiġi kkuntattjata biex tinkiseb dik l-informazzjoni jew profil tad-DNA (fejn din il-prova tista' tiġi mogħtija imma ma ġietx inkluża)
***Kumment: Obbligu li jkunu pprovduti via l-Interpol jew is-SIS jekk l-informazzjoni hija disponibbli. Dan huwa kruċjali sabiex jiġi żgurat li tiġi arrestata l-persuna t-tajba.***

***Kaxxa (b)***
***Informazzjoni dwar id-deċiżjoni li fuqha huwa bbażat il-MAE***

***Kumment:***

Il-Formola għandha timtela biss fir-rigward tal-fini rikjest - każijiet ta' prosekuzzjoni jew kundanna. Il-Kaxxa (b) tuża t-terminu "Deċiżjoni". Dan jista' jfisser ordni tal-qorti jew ordni ġudizzjarja, inkluż ordni minn imħallef investigattiv jew korp ġudizzjarju kompetenti ekwivalenti. F'xi Stati Membri l-ordni ta' detenzjoni sottostanti tista' tkun deċiżjoni li biha s-suspettat huwa riferut lill-qorti tal-proċess, jekk din id-deċiżjoni hija bażi għal detenzjoni (ta' qabel il-proċess) f'dawk l-Istati Membri. Meta d-deċiżjoni li tkun wasslet għall-ordni ta' detenzjoni tkun inbidlet, pereżempju, f'sentenza in absentia, għandu jinħareġ MAE ġdid (bit-titolu l-ġdid).

**Stadju ta' qabel il-proċess** (MAE jinħareġ biex titwettaq prosekuzzjoni kriminali)

- (b) 1. Identifika d-deċiżjoni li fuqha huwa bbażat il-mandat (Ordni tal-qorti jew ordni ġudizzjarja maħruġa fi jj/xx/sena, li ddeterminat miżura koerċitiva ta' detenzjoni preventiva). Innota li jekk timtela l-kaxxa (b) 1. għandha timtela wkoll il-kaxxa (c) 1.
- f'(b) 2. ikteb "mhux applikabbli".

**Stadju ta' wara l-proċess** (MAE maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' sentenza jew meta ngħatat sentenza in absentia).

- (b) 1. Meta MAE jinħareġ f'każijiet deċiżi in absentia, jekk jogħġbok identifika d-deċiżjoni tal-qorti. Għandha timtela kaxxa waħda biss. Jekk id-deċiżjoni ġudizzjarja ngħatat in absentia, għallura s-sentenza mhijiex infurzabbli fil-parti l-kbira tal-Istati Membri u għandha timtela (b)1.. Il-Kaxxa (f) tista' tintuża wkoll biex tispjega s-sitwazzjoni.
- (b) 2. Irreferi għas-sentenza jew id-deċiżjoni rilevanti, li saret finali fil-jj/xx/ssss u daħħal in-numru tal-każ u l-isem tal-qorti li ħarġet id-deċiżjoni.

(b) Id-Deċiżjoni li fuqha huwa bbażat il-mandat:

1. Mandat ta' arrest jew deċiżjoni ġudizzjarja li għandha l-istess effett:

Tip: ***Kumment: Speċifika l-ordni tal-qorti jew ordni ġudizzjarja oħra u d-data u r-referenza tal-każ.***

2. Sentenza li tista' tiġi infurzata: ***Kumment: Jekk is-sentenza tista' tiġi infurzata, speċifika wkoll id-data ta' meta saret finali.***

Referenza: ***Kumment: indika d-data, in-numru tal-każ, it-tip ta' deċiżjoni.***

***Kaxxa (c)***
***Informazzjoni dwar it-tul tas-sentenza/tas-sentenza ta' kustodja***

***Kumment:***

Il-fini ta' din il-kaxxa huwa li jiġi rreġistrat il-fatt li l-MAE jeċċedi l-limiti ta' kastig stabbiliti fl-Art. 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru. Matul l-istadju ta' qabel il-proċess, dak il-minimu japplika għal sentenza li tista' tiġi imposta fil-prinċipju, u fejn ingħatat sentenza, huwa japplika għat-tul tal-piena reali. Bħal fil-kaxxa (b), fil-prinċipju għandu jimtela paragrafu wieħed biss.

**Stadju ta' qabel il-proċess** (MAE jinħareġ biex titwettaq prosekuzzjoni kriminali)

- (c) 1. Indika l-piena li tista' tiġi imposta fil-prinċipju. Jekk jogħġbok innota li skont l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru l-MAE jista' jinħareġ għal atti punibbli b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni ta' perijodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar. Fejn timtela l-kaxxa (b) 1., għandha timtela wkoll il-kaxxa (c) 1..
- f'(c) 2. ikteb "mhux applikabbli".

**Stadju ta' wara l-proċess** (MAE maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' sentenza/sentenza mogħtija in absentia)

- (c) 2. Indika t-tul tas-sentenza ta' kustodja jew l-ordni ta' detenzjoni imposta. Jekk jogħġbok innota li skont l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru, MAE jista' jinħareġ għal sentenzi ta' mill-inqas 4 xhur fejn tkun ingħatat sentenza jew tkun inħarġet ordni ta' detenzjoni. Fejn timtela l-kaxxa (b) 2. għandha timtela wkoll il-kaxxa (c) 2.
- (c) 2. Indika s-snin, ix-xhur u l-jiem. Għandu jiġi nnotat li d-Deċiżjoni Kwadru ma stabbilietx ammont minimu tal-bqija ta' sentenza sabiex jinħareġ MAE. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(1) japplikaw biss fejn ingħatat sentenza ta' mill-inqas 4 xhur jew fejn inħarġet ordni ta' detenzjoni. Huwa rrakkomandat li d-deċiżjoni li jinħareġ MAE titqies b'attenzjoni f'sitwazzjonijiet fejn il-**bqija ta' sentenza** hija inqas minn 4 xhur iżda s-sentenza oriġinali kienet 4 xhur jew aktar. Normalment f'tali każijiet huwa rrakkomandat li l-MAE ma jinħariġx.

(c) Indikazzjonijiet dwar it-tul tas-sentenza:

1. Tul massimu tas-sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni li tista' tiġi imposta għall-offiża/offiżi:

2. It-tul tas-sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni imposta: ***Kumment: F'każijiet fejn inħarġet sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, il-perijodu tal-ordni ta' detenzjoni jista' jkun indefinit, eż. sentenza ta' għomor priġunerija jew sentenza li tinvolvi kura psikjatrika.***

Is-sentenza li għad trid tingħata: ***Kumment: Jekk is-sentenza hija ta' tul indefinit, indika li baqa' mill-inqas 4 xhur biex jiġu skontati.***

***Kaxxa (d)***

***Każijiet meta d-deċiżjonijiet jingħataw in absentia:***

***Kumment:***

L-inċiżi fil-formola jinbidlu f'kaxxi, agħfas fuq kaxxa waħda għas-sitwazzjoni applikabbli. Hemm żewġ sitwazzjonijiet: jew il-persuna ġiet imsejħa personalment jew informata mod ieħor bid-data u l-post tas-seduta jew il-persuna ma ġietx imsejħa jew informata. Fit-tieni sitwazzjoni huwa għandu garanziji legali għal proċess mill-ġdid, appell jew li jagħmel oppożizzjoni (is-sistemi legali jvarjaw). Dawn il-garanziji jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Jekk jogħġbok kun speċifiku meta tindika l-garanziji.

**Stadju ta' qabel il-proċess** (MAE jinħareġ biex titwettaq prosekuzzjoni kriminali)

- Mhux applikabbli. Indika fil-kaxxa li dan mhux applikabbli.

**Stadju ta' wara l-proċess** (MAE maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' sentenza/sentenza mogħtija in absentia)

- **Jekk ġiet immarkata l-kaxxa 1, inti ma teħtieġ tispeċifika l-ebda garanziji legali.**
- "Informata mod ieħor" tfisser informata f'konformità mal-liġi nazzjonali. Indika ċ-ċirkostanzi speċifiċi. Il-persuna kif kisbet it-tagħrif reali? Ikun ta' għajnuna li jkunu magħrufin id-dettalji dwar kif il-persuna ġiet informata (ara l-kaxxa (f)), għalkemm id-Deċiżjoni Kwadru ma titlobx din l-informazzjoni. Jekk jogħġbok speċifika jekk hemm kwalunkwe limitu ta' żmien li għandu jiġi applikat għall-proċess mill-ġdid, eċċ. Ikun ta' għajnuna wkoll jekk tispeċifika meta u kemm iddum biex issir applikazzjoni għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti. Tista' applikazzjoni għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti ssir wara l-konsenja reali tal-persuna? F'xi pajjiżi n-notifika tal-MAE tista' tkun ikkunsidrata bħala informazzjoni dwar in-notifika formali tas-sentenza nfisha u bħala konsegwenza l-limiti ta' żmien għall-proċess mill-ġdid jibdew jgħoddu. F'dan il-każ l-awtorità emittenti għandha tispeċifika dan b'mod ċar sabiex l-awtorità eżekutura tinforma korrettament lill-persuna in absentia.

- **F'pajjiżi fejn każijiet ta' absentia ma jeżistux, ikteb "billi aħna m'għandniex absentia, dan mhux applikabbli"**

(d) Deċiżjoni mogħtija in absentia u:

☐ Il-persuna in kwistjoni ġiet imsejħa in persuna jew informata mod ieħor bid-data u l-post tas-seduta li wasslet għad-deċiżjoni mogħtija in absentia

jew

☐ Il-persuna in kwistjoni ma ġietx imsejħa in persuna jew informata mod ieħor bid-data u l-post tas-seduta li wasslet għad-deċiżjoni mogħtija in absentia imma għandha l-garanziji legali li ġejjin wara ċ-ċediment (dawn il-garanziji jistgħu jiġu mogħtija bil-quddiem)

Speċifika l-garanziji legali

***Kumment: F'xi Stati Membri, jiġu koperti ż-żewġ tipi ta' każ u l-imħallef għalhekk jispeċifika wkoll il-garanziji legali għas-sitwazzjoni msemmija fl-ewwel każ. Speċifika l-opportunitajiet għal appell/proċess mill-ġdid jew l-oppost u l-kondizzjonijiet biex jiġi eżerċitat ir-rimedju.***

..............................................................................................................

*[Jekk jogħġbok innota li l-kaxxa d) attwali ser tiġi sostitwita bil-formola li ġejja sa tmiem l-2010]* [1]

(d) Indika jekk il-persuna dehritx personalment għall-proċess li rriżulta fid-deċiżjoni:

1. σ Iva, il-persuna dehret personalment għall-proċess li rriżulta fid-deċiżjoni.

2. σ Le, il-persuna ma dehritx personalment għall-proċess li rriżulta fid-deċiżjoni.

3. Jekk weġibt "le" għall-mistoqsija 2 ta' hawn fuq, jekk jogħġbok indika jekk:

σ 3.1a il-persuna ġiet imsejħa personalment u għaldaqstant ġiet informata bid-data u l-post skedati tal-proċess li rriżulta fid-deċiżjoni u ġiet informata li tista' tittieħed deċiżjoni jekk hi ma tidhirx għall-proċess;

*Data li fiha l-persuna ġiet imsejħa personalment:*
.........................................................................(jum/xahar/sena)

*Post fejn il-persuna ġiet imsejħa personalment:* ............................................................................................

JEW

σ 3.1b il-persuna ma ġietx imsejħa personalment iżda b'mezzi oħrajn irċeviet realment l-informazzjoni uffiċjali tad-data u l-post skedati tal-proċess li rriżulta fid-deċiżjoni, b'tali mod li ġie stabbilit b'mod inekwivokabbli li hi kienet konxja tal-proċess skedat, u kienet informata li tista' tittieħed deċiżjoni jekk hija ma tidhirx għall-proċess;

*Iddeskrivi kif inhu stabbilit li l-persuna kkonċernata kienet konxja tal-proċess:*
.....................................................................................................................................................................
.....................................................................................................................................................................
............

1 Fis-6 ta' Ġunju 2008, il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni laħaq approċċ ġenerali rigward l-inizjattiva tar-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tal-Isvezja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Renju Unit u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-infurzar ta' deċiżjonijiet mogħtija *in absentia* u li temenda id-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri, id-Deċiżjoni Kwadru 2005/214/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku ta’ penali finanzjarji, id-Deċiżjoni Kwadru 2006/783/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għall-ordinijiet ta' konfiska u d-Deċiżjoni Kwadru 2008/…/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu sentenzi jew miżuri ta' kustodja li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Huwa mistenni li din id-deċiżjoni tiġi adottata formalment qabel tmiem l-2008 u li l-proċedura ta' implimentazzjoni tkun sentejn.

JEW

☐ 3.2 konxja tal-proċess skedat il-persuna kienet tat mandat lil konsulent legali, li kien maħtur mill-persuna kkonċernata jew mill-Istat, biex jiddefendiha fil-proċess, u fil-fatt ġiet difiża minn dak il-konsulent fil-proċess;

*Agħti informazzjoni dwar kif din il-kondizzjoni ġiet sodisfatta:*

........................................................................................

JEW

☐ 3.3 il-persuna, wara li ġiet innotifikata bid-deċiżjoni, iddikjarat espressament li hija ma tikkontestax din id-deċiżjoni.

*Iddeskrivi meta u kif il-persuna ddikjarat espressament li hija ma tikkontestax id-deċiżjoni:*

.....................................................................................

JEW

☐ 3.4 il-persuna kellha d-dritt għal proċess mill-ġdid jew appell taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

☐ 3.4.1 il-persuna ġiet innotifikata personalment bid-deċiżjoni fi ................ (jum/xahar/sena); u

– il-persuna ġiet informata espressament bid-dritt għal proċess mill-ġdid jew appell u biex tkun preżenti waqt dak il-proċess; u

– wara li ġiet informata b'dan id-dritt, il-persuna ma talbitx proċess mill-ġdid jew appell fil-perijodu ta' żmien applikabbli.

JEW

☐ 3.4.2 il-persuna ma ġietx innotifikata personalment bid-deċiżjoni, iżda

– il-persuna ser tiġi nnotifikata personalment b' din id-deċiżjoni mingħajr dewmien wara l-konsenja; u

– meta nnotifikata bid-deċiżjoni, il- persuna ser tiġi informata espressament bid-dritt tagħha għal proċess mill-ġdid jew appell u biex tkun preżenti waqt dak il-proċess; u

– wara li tiġi nnotifikata bid-deċiżjoni, il-persuna ser ikollha d-dritt titlob proċess mill-ġdid jew appell fi żmien …. jum.

Jekk immarkajt din il-kaxxa 3.4.2, jekk jogħġbok ikkonferma li

□ jekk il-persuna rikjesta, wara li ġiet informata fl-Istat eżekutur dwar il-kontenut tal-mandat ta' arrest Ewropew, titlob li tirċievi kopja tad-deċiżjoni qabel tiġi kkonsenjata, dik il-persuna għandha, immedjatament wara tali talba, tingħata kopja tad-deċiżjoni permezz tal-awtorità eżekutura.

u

□ jekk il-persuna tkun talbet proċess mill-ġdid jew appell, id-detenzjoni tal-persuna li tkun qed tistenna tali proċess mill-ġdid jew appell, sakemm il-proċedimenti jiġu ffinalizzati, tiġi riveduta f'konformità mal-liġi tal-Istat emittenti, fuq bażi regolari jew fuq talba tal-persuna kkonċernata; tali reviżjoni għandha b'mod partikolari tinkludi l-possibbiltà ta' sospensjoni jew interruzzjoni tad-detenzjoni;

u

□ jekk il-persuna tkun talbet proċess mill-ġdid jew appell, tali proċess mill-ġdid jew appell għandu jibda fi żmien debitu wara l-konsenja.

***Kaxxa (e)***
***Reati kkonċernati***

***Kumment:***

L-idea oriġinali tal-kaxxa (e) kienet li tista' ssir deskrizzjoni relattivament qasira iżda preċiża taċ-ċirkostanzi tal-każ, inklużi l-ħin, il-post, il-grad ta' parteċipazzjoni fir-reat mill-persuna rikjesta. Għall-parti l-kbira tal-każijiet fejn ikun inħareġ MAE, l-imħallef eżekutur m'għandux "imur lil hinn mill-kaxxa"; fi kliem ieħor, m'għandux jeżamina l-fatti tal-każ meta tiġi mmarkata kaxxa relatata ma' waħda mit-32 kategorija ta' reati. Din kienet ir-raġuni wkoll għalfejn kien meqjus li deskrizzjoni qasira u preċiża kienet tkun biżżejjed f'każijiet bħal dawn, u deskrizzjoni sħiħa kienet meħtieġa biss taħt II, meta kellha tiġi vverifikata kriminalità doppja.

Madankollu, il-prattika wriet li ħafna drabi deskrizzjoni sħiħa tal-każ diġà hija inkluża fil-bidu tal-kaxxa. F'każijiet ta' abolizzjoni ta' kriminalità doppja, hija d-definizzjoni tar-reat fil-Kodiċi Kriminali tal-Istat Membru emittenti li tapplika u mhuwiex meħtieġ li t-test tal-Kodiċi jiġi inkorporat fil-MAE (jew li jiġi mehmuż kif inhi l-prattika ta' xi awtoritajiet ġudizzjarji - dan jevita traduzzjoni mhux meħtieġa ta' testi legali, għalkemm xi ġurisdizzjonijiet jitolbu kopji tat-test legali.). Jeħtieġ li ċ-ċirkostanzi tal-każ jkunu dejjem deskritti bis-sħiħ u b'mod eżawrjenti, sabiex l-applikazzjoni tar-regola ta' speċjalità, *ne bis in idem* u l-preskrizzjoni jkunu jistgħu jiġu vvalutati.

**Stadju ta' qabel il-proċess u dak ta' wara l-proċess**

- Daħħal in-numru ta' reati kkonċernati.
- Agħti spjegazzjoni preċiża tal-fatti li jiġġustifikaw it-talba: uża sentenzi qosra li jistgħu jiġu tradotti faċilment. Id-deskrizzjoni fattwali għandha tikkonsisti biss f'sommarju qasir u mhux fi traskrizzjoni sħiħa tal-paġni kollha tal-fajl. Madankollu f'każijiet aktar kumplessi, u b' mod partikolari meta tapplika l-kriminalità doppja, tenħtieġ deskrizzjoni itwal sabiex jiġu ddokumentati l-aspetti prinċipali tal-fatti. F'dawk il-każijiet, inkludi d-data li hija **essenzjali** għal deċiżjoni dwar il-MAE mill-awtorità eżekutura, b'mod partikolari biex tiġi identifikata kwalunkwe raġuni possibbli għan-non-rikonoxximent jew bil-ħsieb li tiġi applikata r-regola ta' speċjalità jew *ne bis in idem*. Deskrizzjoni qasira tkun utli wkoll għad-dħul ta' allerti fis-SIS mill-Uffiċċju SIRENE Nazzjonali.

- Daħħal il-klassifikazzjoni legali tar-reat u liema dispożizzjonijiet huwa jikser.
- Jekk l-awtorità emittenti tirrikonoxxi r-reat bħala reat fil-lista, hija għandha timmarka kategorija tar-reat mil-lista.
- Jekk ir-reat attentat ikun punibbli b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni ta' massimu ta' mill-inqas 3 snin, għandha tiġi mmarkata l-kaxxa rilevanti (dik ta' reat).
- L-intenzjoni oriġinali tal-awturi tad-Deċiżjoni Kwadru kienet li ma jkunx meħtieġ li jiġu inkorporati testi legali fil-MAE. Dan jirriżulta biss fi traduzzjonijiet mhux meħtieġa. Hemm raġunijiet tekniċi għall-esklużjoni ta' testi legali, bħall-fatt li t-tul tat-trasmissjoni elettronika tal-kaxxa minn SIRENE huwa limitat għal 1024 karattru (madwar 15-il linja ta' tipa Word tad-daqs 12); jekk jinqabeż dan il-limitu, SIRENE jkollha tittrasmetti parti mill-informazzjoni f'formola komplimentari oħra (il-formola M) u tħejji *"traduzzjoni ta' appoġġ"*, bir-riskju ta' saturazzjoni tas-sistema, b'kont meħud tal-fatt li hemm riżorsi limitati disponibbli għal dan il-proċess.
- Huwa rrakkomandat li tintuża formola waħda biss għal MAE wieħed rigward persuna waħda. Jekk ikun fiha diversi reati, dan għandu jintwera b'mod ċar (eż. billi jintużaw "reat 1", "reat 2", "reat 3",..) liema numru jirreferi għal-liema reat (ara b'mod partikolari l-kaxxa (b)). Innota li s-sistema SIS tippermetti biss li jiddaħħal MAE wieħed.
- Konsenja għal *reati aċċessorji* tfisser konsenja għal reat wieħed jew diversi punibbli b'sanzjoni aktar baxxa mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru. Id-Deċiżjoni Kwadru nfisha ma tipprevedix espliċitament mod kif tiġi ttrattata l-kwistjoni ta' konsenja aċċessorja. Xi Stati Membri jippermettuha filwaqt li oħrajn le. Qabel ma jinħareġ MAE, għandha tingħata attenzjoni għall-fatt li din is-sitwazzjoni tista' twassal għall-invalidità tal-MAE, b'mod partikolari f'każijiet ta' kundanna fejn is-sentenza ta' priġunerija kumulattiva hija l-objettiv tal-MAE u l-partijiet tar-reati mhumiex koperti mil-limitu.
- Fil-każ ta' diversi MAE maħruġin mill-istess pajjiż rigward l-istess persuna, dawn il-MAE m'għandhomx jiġu kkunsidrati li huma f'kompetizzjoni. Madankollu, xi ġurisdizzjonijiet ma jaċċettawx aktar minn MAE wieħed fir-rigward tal-istess persuna mill-istess Stat Membru emittenti.

(e) Offiżi:

Dan il-mandat jirrigwarda fit-total: .................. offiżi.

Deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi ġo liema l-offiża/offiżi kienet/kienu imwettqa/imwettqin, inklużi l-ħin, il-post u l-grad ta' parteċipazzjoni fl-offiża/offiżi mill-persuna rikjesta: ***Kumment: Għaċ-ċarezza, fejn huma kkonċernati eż. 3 reati, id-deskrizzjonijiet għandhom jiġu nnumerati 1, 2 u 3. Uża sentenzi qosra, iżda agħti deskrizzjoni fattwali kompluta. Jekk jogħġbok kun preċiż.***
.......................................................................................................

Natura u klassifikazzjoni legali tal-offiża/offiżi u d-dispożizzjoni/kodiċi statutorja applikabbli:
***Kumment:*** ***Daħħal il-klassifikazzjoni legali tar-reat u liema dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali huwa jikser***.........................................................................................................................................
.........................................................................................................................................................

I. Jekk applikabbli, ittikkja wieħed jew aktar mill-offiżi li ġejjin punibbli fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni ta' massimu ta' mill-anqas 3 snin kif definit mil-liġijiet tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat:

☐ il-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali;
☐ it-terroriżmu;
☐ it-traffikar ta' bnedmin;
☐ l-isfruttament sesswali ta' tfal u l-pornografjia tat-tfal;
☐ it-traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u sostanzi psikotropiċi
☐ it-traffikar illeċitu f'armi, munizzjonijiet u splossivi;
☐ il-korruzzjoni;
☐ il-frodi, inkluż dak li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fis-sens tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej;

☐ il-ħasil ta' flus ġejjin minn reati;
☐ l-iffalsifikar ta' munita, inkluża l-euro;
☐ ir-reati konnessi mal-kompjuters;
☐ ir-reati tal-ambjent, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali li huma fil-perikolu u fi speċi u varjetajiet ta' pjanti li huma fil-perikolu;

☐ il-faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzata;
☐ l-omiċidju volontarju, offiża gravi fuq il-persuna;
☐ il-kummerċ illeċitu f'organi u tessuti tal-bnedmin;
☐ il-ħtif tan-nies, restrizzjoni illegali u l-ħtif ta' ostaġġi;
☐ ir-razzizmu u l-ksenofobija;
☐ is-serq organizzat jew bl-użu ta' armi;
☐ it-traffikar illeċitu f'merkanzija kulturali, inklużi l-antikitajiet u xogħlijiet tal-arti;
☐ l-imbrolju;
☐ l-intrigi ta' qerq u l-estorsjoni;

- il-falsifikazzjoni u l-piraterija ta' prodotti;
- il-falsifikazzjoni ta’ dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom;
- il-falsifikazzjoni ta’ mezzi ta' pagament;
- it-traffikar illeċitu fi sostanzi tal-ormoni u affarijiet oħrajn li jippromwovu l-iżvilupp;
- it-traffikar illeċitu fi materjali nukleari jew radjoattivi;
- it-traffikar f'vetturi misruqa;
- l-istupru;
- il-ħruq ta' propjetà apposta;
- ir-reati li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;
- il-qbid illegali ta’ inġenji tal-ajru/vapuri;
- is-sabotaġġ.

II. Deskrizzjonijiet sħaħ ta' offiża/offiżi mhux koperti mit-taqsima I hawn fuq: ***Kumment: Dak li huwa diġà deskritt hawn fuq taħt (e) m'għandux jiġi ripetut fit-taqsima II. Minbarra d-deskrizzjoni sħiħa, mhi meħtieġa l-ebda informazzjoni dwar il-leġislazzjoni nazzjonali.***

***Jekk iċ-ċirkostanzi diġà huma indikati hawn fuq tirrepetihomx. Iddaħħalx it-testi legali jekk iċ-ċirkostanzi huma identifikati b'mod ċar hawn fuq; uża din il-kaxxa biss jekk tapplika l-kriminalità doppja u teħtieġ tagħti aktar dettalji dwar iċ-ċirkostanzi minbarra dawk li huma diġà msemmijin hawn fuq. Biex imħallef jeżamina l-kriminalità doppja mhux meħtieġ li jkun hemm it-test legali iżda biss li jkunu magħrufin iċ-ċirkostanzi preċiżi tal-każ, għalkemm xi ġurisdizzjonijiet jirrekjedu l-kopji tat-test legali.***

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................

*Kaxxa (f)*

*Ċirkostanzi oħrajn rilevanti għall-każ*

***Kumment:***

Normalment din il-kaxxa ma timteliex. Użaha biss meta jkunu previsti diffikultajiet fl-eżekuzzjoni tal-MAE, minkejja l-kjarifiki permezz ta' komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti. Dan huwa l-post adatt fejn jintalbu l-konsenji temporanji, jew meta tkun mistennija deċiżjoni negattiva jew ikun meħtieġ att proċedurali speċifiku (b'mod partikolari dikjarazzjoni mis-suspettat). Jekk ir-regoli tal-Istat eżekutur jippermettu dan, hawnhekk jista' jintalab smigħ b'video-konferenza. Din il-kaxxa għandha tintuża biex issir talba għal kunsens taħt l-Artikolu 27(4) tad-Deċiżjoni Kwadru.

**Stadju ta' qabel il-proċess** (MAE jinħareġ biex titwettaq prosekuzzjoni kriminali)

- Iddeskrivi ċ-ċirkostanzi l-oħrajn rilevanti għall-każ, eż. jekk ir-reat twettaq ħafna żmien ilu, għaliex il-MAE qed jinħareġ issa?

**Stadju ta' wara l-proċess** (MAE maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' sentenza/sentenza mogħtija in absentia)

- Iddeskrivi ċirkostanzi oħrajn rilevanti għall-każ. Pereżempju ..."assenza illegali mill-ħabs minħabba li l-ħati ma reġax lura lejn il-faċilità tal-ħabs wara perijodu ta' rilaxx temporanju mit-13 sad-19 ta' Novembru 1995..".

(f) Ċirkostanzi oħra rilevanti għall-każ (informazzjoni b'għażla):

*(NB: Dan jista' jkopri kummenti fuq l-ekstraterritorjalità, l-interruzzjoni ta' perjodi ta' limitazzjoni ta' ħin u konsegwenzi oħra tal-offiża).* ***Kumment: Dan jista' jkopri wkoll rimarki dwar restrizzjonijiet rigward kuntatti ma' partijiet terzi wara l-arrest, indikazzjonijiet li hemm riskju tal-qerda ta' evidenza jew riskju ta' reċidività. Normalment mhux meħtieġ li tindika xi interruzzjoni ta' limitazzjoni ta' żmien, iżda jekk ir-reat twettaq ħafna żmien ilu, din l-indikazzjoni tista' tkun utli. Xi Stati Membri jistgħu jeħtieġu dan ukoll fuq bażi regolari, għalkemm id-Deċiżjoni Kwadru ma teħtieġx dan.***

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

## *Kaxxa (g)*
## *Sekwestru*

***Kumment:***

**Stadju ta' qabel il-proċess** (MAE jinħareġ biex titwettaq prosekuzzjoni kriminali)

- Agħti deskrizzjoni qasira tal-oġġett rikjest (jiġifieri arma, karta tal-identità, dokumenti tal-ivvjaġġar eċċ). Fejn din it-tip ta' kooperazzjoni mhix rikjesta, ikteb "mhux applikabbli.
- Pereżempju, iddeskrivi l-arma li tenħtieġ tinqabad.
- Jekk disponibbli, għandha tingħata kwalunkwe informazzjoni dwar talba għal MLA (Assistenza Legali Reċiproka) jew ordni ta' ffriżar separati.
- Kaxxa (g) ma tirreferix għal "oġġetti personali"; indika l-oġġetti li jistgħu jitqiesu bħala evidenza, eż. laptop, dokumenti personali jew telefons ċellulari, sabiex ikun possibbli s-sekwestru ta' proprjetà mingħajr ma jinħareġ MAE ieħor.
- Waqt li timla l-formola żomm f'moħħok li s-sekwestru jista' jevita ittri rogatorji futuri.

**Stadju ta' wara l-proċess** (MAE maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' sentenza/sentenza mogħtija in absentia)

- Ikteb "mhux applikabbli" (sakemm m'hemmx ordni ta' konfiska fis-sentenza).

| | |
|---|---|
| (g) | Dan il-mandat hu rilevanti wkoll għall-qbid u t-trasferiment ta' proprjetà li tista' tkun meħtieġa bħala prova:<br><br>Dan il-mandat hu rilevanti wkoll għall-qbid u t-trasferiment ta' proprjetà akkwistata mill-persuna rikjesta bħala riżultat tal-offiża:<br><br>Deskrizzjoni tal-proprjetà (u l-lokalità) (jekk magħrufa): ***Kumment: aktar ma din il-kaxxa timtela b'mod preċiż, aktar jistgħu jiġu evitati ittri rogatorji futuri.***<br>..............................................................................................................................<br>..............................................................................................................................<br>.............................................................................................................................. |

*Kaxxa (h)*

***Kumment:***

L-inċiżi nbidlu f'kaxxi - immarka fejn applikabbli. Jekk il-Kostituzzjoni ma tippermettix sentenza ta' priġunerija għall-għomor, ikteb "mhux applikabbli"

**Stadju ta' qabel il-proċess** (MAE jinħareġ biex titwettaq prosekuzzjoni kriminali)

- Immarka l-kaxxa jekk applikabbli.

**Stadju ta' wara l-proċess** (MAE maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' sentenza/sentenza mogħtija in absentia)

- Immarka l-kaxxa jekk applikabbli.

| |
|---|
| (h) L-offiża/offiżi fuq il-bażi ta' liema dan il-mandat ġie maħruġ hi (huma) punibbli minn/wasslet (wasslu) għal sentenza ta' kustodja għall-ħajja jew ordni ta' detenzjoni għall-ħajja:<br><br>□ is-sistema legali tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat jippermetti reviżjoni tal-piena jew miżura imposta – fuq talba jew mill-inqas wara 20 sena – bil-għan li din il-piena jew miżura ma tiġix esegwita,<br><br>u/jew<br><br>□ is-sistema legali tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat jippermetti l-applikazzjoni ta' miżuri ta' klemenza għal liema l-persuna hi intitolata taħt il-liġi jew prattika tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat, bil-għan li din il-piena jew miżura ma tiġix esegwita. |

*Kaxxa (i)*

*Informazzjoni dwar l-awtorità emittenti*

***Kumment:***

- Isem ir-rappreżentant tagħha: fil-verżjonijiet lingwistiċi differenti ser tiġi inkluża referenza għad-"detentur"
  tal-awtorità ġudizzjarja.
- Daħħal l-indirizz tal-awtorità emittenti
- Daħħal in-numru tat-telefon / fax / indirizz tal-posta elettronika tal-awtorità emittenti
- Dettalji ta' kuntatt għal arranġamenti prattiċi: Jekk possibbli, indika l-isem u d-dettalji ta' kuntatt
  ta' uffiċjal ġudizzjarju li huwa familjari ma' lingwa barranija (Ingliż/Franċiż).

(i) L-awtorità ġudizzjarja li ħarġet il-mandat:

Isem uffiċjali:..........................................................................................................

Isem tar-rappreżentant tagħha: ..............................................................................

Pożizzjoni tax-xogħol (titolu/grad):.........................................................................

Referenza tal-fajl: ......................................................................................................

Indirizz:.....................................................................................................................

Tel.: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/ belt) (..)......................................................

Fax (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/ belt) ( ) ........................................................

E-mail ........................................................................................................................

Dettalji għall-kuntatt tal-persuna li għandha tkun ikkuntattjata biex tagħmel l-arranġamenti prattiċi meħtieġa għaċ-ċediment:.........................................................................................

*Informazzjoni ta' kuntatt dwar l-Awtorità Ċentrali*

***Kumment:***

Imla b'attenzjoni d-dettalji ta' kuntatt kollha, jekk applikabbli.

| |
|---|
| Fejn awtorità ċentrali ġiet magħmula responsabbli għat-trasmissjoni u r-riċevuta amministrattiva ta' mandati ta' arrest Ewropej:<br>Isem tal-awtorità ċentrali: ....................................................................................................<br>..........................................................................................................................<br>Persuna li għandha tiġi kkuntattjata, jekk applikabbli (titolu/grad u isem): ...............................<br>..........................................................................................................................<br>Indirizz:...............................................................................................................................<br>..........................................................................................................................<br>Tel.: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) (...) .......................................................................<br>Fax: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/ belt) (...) .......................................................................<br>E-mail: ..................................................................................................................... |

***Firma u informazzjoni tal-awtorità ġudizzjarja emittenti***

***Kumment:***

- Din tista' tkun l-awtorità ġudizzjarja jew, pereżempju, Reġistratur tal-Qorti li jiffirma f'isem il-Qorti.
- Innota li l-pajjiż rikjest jista' jeħtieġ siġill u tal-awtorità emittenti.

| |
|---|
| Firma tal-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat u/jew tar-rappreżentant tagħha:<br>..............................................................................................................................<br><br>Isem: ..............................................................................................................................<br>Pożizzjoni tax-xogħol (titolu/grad): ..........................................................................................<br>Data: ..............................................................................................................................<br><br>Timbru uffiċjali (jekk qiegħed għad-dispożizzjoni) ***Kumment: dan huwa t-timbru uffiċjali tal-awtorità emittenti taħt il-liġi interna. Użah dejjem jekk disponibbli.*** |

___________

## ANNESS IV

### LINGWI AĊĊETTATI MILL-ISTATI MEMBRI META JIRĊIEVU MANDAT TA' ARREST EWROPEW

Skont l-Artikolu 8 (2) tad-Deċiżjoni Kwadru, id-dikjarazzjonijiet li ġejjin saru mill-Istati Membri rigward il-lingwi aċċettati meta jirċievu MAE:

**Awstrija**: Ġermaniż jew lingwa oħra skont il-prinċipju tar-reċiproċità (taċċetta li tirċievi l-MAE bil-lingwa uffiċjali ta' Stat Membru li jaċċetta wkoll li jirċievi l-MAE maħruġ mill-awtoritajiet ġudizzjarji Awstrijaki bil-Ġermaniż).

**Belġju:** Franċiż, Olandiż, Ġermaniż.

**Bulgarija:** Bulgaru.

**Ċipru:** Grieg, Tork, Ingliż.

**Repubblika Ċeka:** Ċek; fir-rigward tar-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika Ċeka ser taċċetta MAE magħmul bil-lingwa Slovakka jew akkumpanjat minn traduzzjoni għal-lingwa Slovakka, filwaqt li fir-rigward tal-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka ser taċċetta MAE bil-Ġermaniż.

**Danimarka:** Daniż, Ingliż, Svediż.

**Estonja:** Estonjan jew Ingliż.

**Finlandja:** Finlandiż, Svediż, Ingliż.

**Franza:** Franċiż.

**Ġermanja:** Il-Ġermanja tapplika l-prinċipju tar-reċiproċità (taċċetta li tirċievi l-MAE fil-lingwa uffiċjali ta' Stat Membru li jaċċetta wkoll li jirċievi l-MAE maħruġ mill-awtoritajiet ġudizzjarji Ġermaniżi bil-Ġermaniż).

**Greċja:** Grieg.

**Ungerija:** Ungeriż jew traduzzjoni tal-MAE għall-Ungeriż. Fir-rigward ta' Stati Membri li ma jaċċettawx il-MAE fil-lingwa tagħhom stess jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tagħhom b'mod esklużiv, l-Ungerija taċċetta l-MAE bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż, jew akkumpanjat minn traduzzjoni f'waħda minn dawn il-lingwi.

| | |
|---|---|
| **Irlanda:** | Irlandiż jew Ingliż jew lingwa li l-Ministeru tal-Ġustizzja jista' jippreskrivi permezz ta' ordni, jew il-MAE bi traduzzjoni għall-Irlandiż jew l-Ingliż. |
| **Italja:** | Taljan. |
| **Latvja:** | Latvjan, Ingliż. |
| **Litwanja:** | Litwan, Ingliż. |
| **Lussemburgu:** | Franċiż, Ġermaniż, Ingliż. |
| **Malta:** | Malti, Ingliż. |
| **Olanda:** | Olandiż, Ingliż jew kwalunkwe lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea dment li tiġi ppreżentata traduzzjoni bl-Ingliż fl-istess ħin. |
| **Polonja:** | Pollakk. |
| **Portugall** | Portugiż. |
| **Rumanija:** | Rumen, Franċiż u Ingliż. |
| **Slovakkja:** | Slovakk jew, abbażi ta' trattati bilaterali preċedenti, Ġermaniż mal-Awstrija, Ċek mar-Repubblika Ċeka, Pollakk mal-Polonja. |
| **Slovenja:** | Sloven u Ingliż. |
| **Spanja:** | Spanjol. Meta jinħareġ MAE permezz ta' allert tas-SIS, l-awtorità ġudizzjarja eżekutura ser tiżgura li jkun hemm traduzzjoni jekk ma jkunx bl-Ispanjol. |
| **Svezja:** | Svediż, Daniż, Norveġiż, Ingliż jew traduzzjoni f'waħda minn dawn il-lingwi. |
| **Renju Unit:** | Ingliż jew traduzzjoni tal-MAE għall-Ingliż |

## ANNESS V

## LIMITI TA' ŻMIEN GĦAR-RIĊEVUTA TAL-MANDAT TA' ARREST EWROPEW WARA L-ARREST TAL-PERSUNA MFITTXIJA

| | |
|---|---|
| **Awstrija** | 40 jum. |
| **Belġju** | 10 ijiem. |
| **Bulgarija** | 24 siegħa. |
| **Ċipru** | 3 ijiem dment li l-mandat ta' arrest Ewropew inħareġ qabel l-arrest tal-persuna mfittxija. |
| **Repubblika Ċeka** | 40 jum. |
| **Danimarka** | Malajr kemm jista' jkun (skont il-liġi Daniża dwar deċiżjonijiet amministrattivi, estradizzjoni għandha ssir malajr kemm jista' jkun, jew jekk possibbli fi żmien 10 ijiem wara li l-persuna tkun ġiet arrestata jew tat il-kunsens tagħha biex tiġi estradita). |
| **Estonja** | 3 jiem ta' xogħol. |
| **Finlandja** | malajr kemm jista' jkun jew fuq talba skont limitu ta' żmien stabbilit mill-awtorità eżekutura kompetenti Finlandiża. Madankollu, il-leġislazzjoni Finlandiża ma teħtieġx preżentazzjoni mandatorja ta' MAE meta t-talba għal MAE tkun diġà inkluża f'allert tas-SIS. |
| **Franza** | 6 ijiem ta' xogħol. |
| **Ġermanja** | 40 jum. |
| **Greċja** | 15-il jum, jista' jiġi estiż għal 30 jum. |
| **Ungerija** | 40 jum |
| **Irlanda** | Il-persuna mfittxija tiġi arrestata wara li l-MAE jkun ġie riċevut u endorsjat mill-High Court. Ser jiġi applikat limitu ta' żmien ta' 7 ijiem meta s-SIS tkun applikabbli għall-Irlanda. |
| **Italja** | 10 ijiem. |
| **Latvja** | 48 siegħa. |
| **Litwanja** | 48 siegħa wara l-arrest tal-persuna. |

| | |
|---|---|
| **Lussemburgu** | 6 ijiem ta' xogħol. |
| **Malta** | F'każijiet fejn hemm allert tas-SIS, dan jitqies bħala MAE, u l-qorti tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien għar-riċevuta tal-MAE. F'każijiet oħrajn, jista' jsir arrest abbażi ta' mandat ta' arrest proviżorju u jiġi applikat perijodu ta' 48 siegħa għar-riċevuta tal-mandat. Arresti proviżorji jsiru biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali. |
| **Olanda** | Fir-rigward ta' Stati Membri li jipparteċipaw fis-SIS: mhux aktar tard mit-23 jum wara l-arrest meta dan ikun ibbażat fuq allert tas-SIS. Fir-rigward ta' Stati Membri li ma jipparteċipawx fis-SIS, il-MAE għandu jiġi riċevut malajr kemm jista' jkun. |
| **Polonja** | 48 siegħa. |
| **Portugall** | Id-deċiżjoni tħalliet għad-diskrezzjoni tal-qrati, normalment 10 ijiem. |
| **Rumanija** | 48 siegħa wara li l-persuna tkun ġiet arrestata bil-parteċipazzjoni tal-prosekutur pubbliku, l-avukat tal-persuna arrestata, u jekk meħtieġ interpretu skont il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Rumen. |
| **Slovakkja** | 18-il jum wara l-arrest ta' persuna għar-riċevuta tal-Mandat ta' Arrest Ewropew oriġinali u d-dokument oriġinali li fih it-traduzzjoni tal-MAE għal-lingwa Slovakka. Jekk id-dokumenti msemmijin ma jkunux irċevuti fi żmien 18-il jum, il-prosekutur jista' jitlob lill-imħallef għar-rilaxx ta' persuna mill-kustodja, fejn applikabbli; jekk id-dokumenti ma jkunux irċevuti fi żmien 40 jum, ir-rilaxx tal-persuna huwa mandatorju. |
| **Slovenja** | 10 ijiem. |
| **Spanja** | Il-leġislazzjoni Spanjola ma tipprevedix skadenza għar-riċevuta tal-oriġinal tal-MAE. Madankollu, l-awtoritajiet ġudizzjarji eżekuturi jitolbu li jirċievu l-MAE malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ fi żmien 10 ijiem wara l-arrest tal-persuna. |
| **Svezja** | malajr kemm jista' jkun (xi ftit jiem, deċiżjoni tal-prosekutur) |
| **Renju Unit** | 48 siegħa wara arrest proviżorju; madankollu, arresti proviżorji jsiru biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali; jekk meħtieġ, il-MAE għandu jiġi pprovdut jew is-suġġett jiġi rilaxxat. |

**ANNESS VI**

**SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA** (Awla Manja)

tas-16 ta’ Ġunju 2005

(Kooperazzjoni mill-pulizija u kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Artikoli 34 UE u 35 UE – Deċiżjoni-Qafas 2001/220/ĠAI – Pożizzjoni tal-vittmi fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali – Protezzjoni tal-persuni vulnerabbli – Smigħ ta' minuri bħala xhieda – Effetti ta' deċiżjoni-qafas)

**Fil-kawża C-105/03,**

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 35 UE, imressqa mill-Imħallef inkarigat mill-investigazzjoni preliminari fit-Tribunale di Firenze (l-Italja), permezz ta’ deċiżjoni tat-3 ta’ Frar 2003, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta’ Marzu 2003, fil-proċedimenti kriminal kontra

**Maria Pupino**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, P. Jann, C.W.A. Timmermans u A. Rosas, R. Silva de Lapuerta u A. Borg Barthet, Presidenti ta' Awla, N. Colneric, S. von Bahr, J.N. Cunha Rodrigues (Relatur), P. Kūris, E. Juhász, G. Arestis u M. Ilešič, Imħallfin

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-smigħ tas-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2004,
wara li rat is-sottomissjonijiet ippreżentati:

- għas-Sinjura Pupino, rappreżentata minn M. Guagliani u D. Tanzarella, *avvocati*,
- għall-Gvern Taljan, rappreżentat minn I.M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn P. Gentili, *avvocato dello Stato*,
- għall-Gvern Grieg, rappreżentat minn A. Samoni-Rantou u K. Boskovits, bħala aġenti,
- għall-Gvern Franċiż, rappreżentat minn R. Abraham, G. de Bergues u C. Isidoro, bħala aġenti,
- għall-Gvern Olandiż, rappreżentat minn H. G. Sevenster u C. Wissel, bħala aġenti,
- għall-Gvern Portugiż, rappreżentat minn L. Fernandes, bħala aġent,
- il-Gvern Svediż, rappreżentat minn A. Kruse u K. Wistrand, bħala aġenti,
- għall-Gvern tar-Renju Unit, rappreżentat minn R. Caudwell u E. O’Neill, bħala aġenti, assistiti minn M. Hoskins, *barrister*,
- il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn M. Condou-Durande u L. Visaggio, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 2004,
tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari hija dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2, 3 u 8 tad-Deċiżjoni-Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, tal-15 ta' Marzu 2001, dwar il-pożizzjoni tal-vittmi fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali (ĠU L 82, p. 1, aktar 'il quddiem id-"deċiżjoni-qafas") [traduzzjoni mhux uffiċjali].

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali kontra s-Sinjura Pupino, assistenta tal-kindergardin, akkużata li kkawżat offiża fuq il-persuna ta' tfal li kellhom taħt il-ħames snin dakinhar tal-fatti.

**Il-Kuntest Ġuridiku**

*Id-dritt tal-Unjoni Ewropea*

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

3 Skont l-Artikolu 34(2) UE, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mit-Trattat ta' Amsterdam, li jifforma parti mit-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, intitolat "Dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni mill-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali":

"Il-Kunsill għandu jieħu dawk il-miżuri u jinkoraġixxi dik il-kooperazzjoni, [billi] juża l-forom xierqa u l-proċeduri kif stabbiliti f'dan it-Titolu, li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni. B'dak l-iskop, billi jaġixxi unanimament fuq l-inizjattiva ta' xi Stat Membru jew tal-Kummissjoni, il-Kunsill jista'

...

b) jaddotta deċiżjonijiet ta' qafas bl-iskop tal-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri. Deċiżjonijiet ta' qafas għandhom jorbtu lill-Istati Membri dwar ir-riżultat li għandu jinkiseb iżda jħallu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali l-għażla tal-forma u l-metodi. M'għandhomx ikollhom effett dirett;

...'

4 L-Artikolu 35 UE jipprovdi li:

'1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha l-ġurisdizzjoni, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, li tagħti deċiżjonijiet preliminari dwar il-validità u l-interpretazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' qafas u deċiżjonijiet dwar l-interpretazzjoni ta' konvenzjonijiet stabbiliti taħt dan it-Titolu u dwar il-validità u l-interpretazzjoni tal-miżuri li jimplimentawhom.

2. Permezz ta' dikjarazzjoni magħmula fil-mument tal-firma tat-Trattat ta' Amsterdam jew fi kwalunkwe żmien ieħor, kull Stat Membru għandu jkun jista' jaċċetta il-ġurisdizjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjonijiet preliminari indikati f'paragrafu 1.

3. Stat Membru li jagħmel dikjarazzjoni bis-saħħa tal-paragrafu 2 għandu jispeċifika li jew:

a) kull qorti jew tribunal ta' dak l-Istat li kontra d-deċiżjonijiet tagħhom ma jkunx hemm rimedju ġudizzjarju skont il-liġi nazzjonali, ikun jista' jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti [deċiżjoni] preliminari dwar il-kwistjoni sollevata f'każ pendenti quddiemu u li tkun tikkonċerna l-validità jew l-interpretazzjoni ta' att imsemmi f'paragrafu 1, jekk il-qorti jew it-tribunal jikkonsidraw li deċiżjoni dwar dik il-kwistjoni tkun meħtieġa biex jistgħu jagħtu s-sentenza tagħhom, jew

b) kull qorti jew tribunal ta' dak l-Istat jistgħu jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizja li tagħti [deċiżjoni] preliminari dwar il-kwistjoni sollevata f'każ pendenti quddiemu u li tikkonċcerna l-validità jew l-interpretazzjoni tal-att imsemmi f'paragrafu 1 jekk il-qorti jew it-tribunal jikkonsidra li deċiżjoni dwar dik il-kwistjoni tkun meħtieġa biex tkun tista' tagħti [sentenza].

...’

5 Mill-informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* tal-1 ta' Mejju 1999 (ĠU L 114, p. 56), jirriżulta li r-Repubblika Taljana għamlet dikjarazzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 35(2) UE, li permezz tagħha hija aċċettat il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi skont il-proċeduri previsti fl-Artikolu 35(3)(b) UE.

Id-deċiżjoni-qafas

6 Skont l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni-qafas, intitolat 'Rispett u rikonoxximent':

‘1. Kull Stat Membru għandu jassigura li l-vittmi jkollhom rwol sinifikanti u xieraq fis-sistema legali kriminali tieghu. Huwa għandu jkompli jieħu azzjoni sabiex jiggarantixxi lill-vittmi trattament li jkun jirrispetta d-dinjità personali tagħhom matul il-proċedimenti u li jirrikonoxxi d-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-vittmi, b'mod partikolari fil-kuntest tal-proċediment kriminali.

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-vittmi partikolarment vulnerabbli jibbenefikaw minn trattament speċifiku li jikkorrispondi l-aħjar għas-sitwazzjoni tagħhom." [traduzzjoni mhux uffiċjali].

7 Skont l-Artikolu 3 tad-deċiżjoni-qafas, intitolat "Smigħ u preżentata ta' provi":

"Kull Stat Membru għandu jiggarantixxi lill-vittmi l-possibbiltà li jinstemgħu matul il-proċedimenti kif ukoll li jressqu xi provi.

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri xierqa sabiex l-awtoritajiet jinterrogaw lill-vittmi biss safejn dan huwa neċessarju għall-iskop tal-proċedimenti kriminali." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8 L-Artikolu 8 tad-deċiżjoni-qafas, intitolat "Dritt għal protezzjoni", paragrafu 4 tiegħu jipprovdi li:

"Kull Stat Membru għandu jiggarantixxi, fejn huwa neċessarju li l-vittmi jiġu protetti, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli, mill-konsegwenzi tax-xhieda tagħhom f'seduta pubblika, li huma jkunu jistgħu, abbażi ta' deċiżjoni tal-qorti, jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' testimonjanza li jippermettu li dan l-għan jintlaħaq, b'kull mezz xieraq li huwa kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tiegħu." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

9 Konformement mal-Artikolu 17 tad-deċiżjoni-qafas, kull Stat Membru għandu jadotta liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-osservanza tal-Artikolu ċċitat aktar 'il fuq "mhux aktar tard mit-22 ta' Marzu 2002".

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

10 L-Artikolu 392 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Taljan (aktar 'il quddiem "KPK"), li jinsab fil-Ktieb V, intitolat "Investigazzjoni Preliminari u Smigħ Preliminari", jipprovdi li:

'1. Matul l-investigazzjoni preliminari, il-Ministeru Pubbliku u l-persuna investigata jistgħu jitolbu lill-qorti tgħaddi għall-proċeduri interlokutorji:

a) għas-smiegħ ta' xhieda ta' persuna, meta jeżisti motiv validu li għalih l-istess persuna ma tistax tiġi eżaminata fil-proċedimenti minħabba infermità jew impediment ieħor gravi;

b) għas-smigħ ta' xhieda meta, minħabba elementi konkreti u speċifiċi, jeżisti motiv validu li jwassal għall-konklużjoni li hemm riskju li x-xhud ikun sottopost għal vjolenza, theddid, offerta jew wegħda ta' flus jew ta' vantaġġ ieħor sabiex ma tixhidx jew tixhed il-falz.

...

1a. Fil-proċedimenti li jikkonċernaw ir-reati msemmijin fl-Artikoli 600 bis, 600 ter, 600 quinquies, 609 bis, 609 ter, 609 quater, 609 quinquies u 609 octies tal-kodiċi kriminali [li jikkonċernaw reati sesswali jew li għandhom konnotazzjoni sesswali], il-Ministeru Pubbliku jew il-persuna investigata jistgħu jitolbu li l-qorti tgħaddi għall-proċeduri interlokutorji għas-smigħ tax-xhieda ta' persuni taħt is-16-il sena, anke jekk ma jaqgħux taħt il-każijiet previsti fil-paragrafu 1.

...'

11 Taħt l-Artikolu 398(5a) tas-CPP:

'Fil-każ ta' investigazzjonijiet li jikkonċernaw ir-reati previsti fl-Artikoli 600 bis, 600 ter, 600 quinquies, 609 bis, 609 ter, 609 quater, 609 quinquies u 609 octies tal-kodiċi kriminali, fejn fost il-persuni interessati li jagħtu x-xhieda tagħhom hemm minuri li għandhom inqas minn 16-il sena, l-Imħallef għandu, permezz ta' digriet […], jiddetermina l-post, il-ħin u l-proċeduri partikolari sabiex jgħaddi għall-ġbir tax-xhieda, meta dan huwa neċessarju jew opportun minħabba l-eżiġenzi tal-minuri. Għal dan il-għan, is-seduta tista' ukoll tinżamm f'post differenti mill-qorti, fi strutturi speċjalizzati ta' assistenza, jew, fin-nuqqas, fir-residenza tal-minuri. Ix-xhieda għandha tkun kollha kemm hi ddokumentata b'mezzi ta' reġistrazzjoni fonografika jew awdjo-viżiva. Fin-nuqqas ta' apparat ta' reġistrazzjoni jew persunal tekniku, il-qorti għandha tirrikorri għal perizja jew konsulenza teknika. L-interrogatorju għandu jitniżżel fil-qosor fi proċess verbali. It-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni hija disponibbli biss fuq talba tal-partijiet.'

**Il-fatti u d-domanda preliminari**

12 Mid-digriet tar-rinviju, fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali kontra s-Sinjura Pupino, jirriżulta li, min-naħa, hija ġiet akkużata li matul ix-xhur ta' Jannar u Frar 2001 ikkommettiet diversi reati ta' "abbuż tal-miżuri ta' dixxiplina" skont l-Artikolu 571 ta' Kodiċi Kriminali Taljan (aktar 'il quddiem "KK") kontra wħud mill-istudenti tagħha, li dak in-nhar li seħħew il-fatti kellhom inqas minn ħames snin, b'mod partikolari peress illi hija kienet issawwathom regolarment, theddidhom li tagħtihom il-kalmanti u twaħħlilhom l-istikek ma' ħalqhom u ma tħallihomx imorru t-tojlit. Min-naħa l-oħra, hija ġiet akkużata bir-reat ta' "offiża aggravata fuq il-persuna " skont l-Artikoli 582, 585 u 576 tal-KK, flimkien mal-Artikolu 61(2) u (11) tal-istess kodiċi, peress illi tat daqqa lil waħda mill-istudenti tagħha u kkaġunatilha nefħa fuq wiċċha. Il-proċedimenti mressqa quddiem it-Tribunale di Firenze jinsabu fi stadju ta' investigazzjoni preliminari.

13 F'dan ir-rigward, l-Imħallef li għamel ir-rinviju jirrileva li taħt id-dritt Taljan, il-proċedura kriminali tikkonsisti f'żewġ fażijiet distinti. Matul l-ewwel fażi, dik tal-investigazzjoni preliminari, il-Ministeru Pubbliku, taħt il-kontroll tal-Imħallef inkarigat mill-investigazzjoni preliminari, ifittex u jiġbor il-provi li fuq il-bażi tagħhom jiddetermina jekk iwaqqafx il-proċeduri jew jekk iressaqx lill-persuna kkonċernata quddiem il-qorti kriminali. F'dan l-aħħar każ, id-deċiżjoni finali, li tilqa' dawn it-talbiet jew li tiddikjara li m'hemmx lok li wieħed jipproċedi, tittieħed mill-Imħallef wara seduta ad hoc.

14 Id-deċiżjoni li l-persuna investigata titressaq quddiem il-qorti kriminali tiftaħ it-tieni fażi tal-proċedura, magħrufa bħala l-proċedura orali, li ma jkunx involut fiha l-Imħallef inkarigat mill-investigazzjoni preliminari. Il-proċess proprju jibda permezz ta' din il-fażi. Huwa biss f'dan il-mument li, bħala regola ġenerali, jiġu mressqa l-provi mill-partijiet, b'osservanza tal-prinċipju tal-kontradittorju. L-Imħallef li għamel ir-rinviju jirrileva li huwa matul il-proċeduri orali tal-kawża li l-elementi pprovduti mill-partijiet jistgħu jiġu ammessi bħala provi fis-sens tekniku tal-kelma. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-elementi ta' prova miġbura mill-Ministeru Pubbliku fil-fażi ta' investigazzjoni preliminari, bil-għan li dan jiddeċiedi jekk għandhiex tittieħed azzjoni kriminali jew jekk jitlobx l-arkivjar tal-kawża, għandhom jiġu esposti fil-proċeduri orali tal-kawża l-proprja sabiex jiksbu il-valur ta' "prova" fihom infushom.

15 Madankollu, l-imsemmi Mħallef jenfasizza li jeżistu eċċezzjonijiet għal din ir-regola, previsti fl-Artikolu 392 tal-KPK, u li jippermettu, fuq deċiżjoni tal-Imħallef inkarigat mill-investigazzjonijiet preliminari, li l-provi jiġu antiċipati, b'osservanza tal-prinċipju tal-kontradittorju, matul il-fażi tal-investigazzjoni preliminari, permezz tal-proċedura interlokutorja għas-smigħ antiċipat tal-provi. Il-provi miġbura għandhom l-istess valur probatorju bħal dawk miġbura fit-tieni fażi tal-proċedimenti. L-Artikolu 392 paragrafu 1 bis tal-KPK introduċa l-possibbiltà li jsir rikors għal din il-proċedura interlokutorja meta x-xhieda li għandha tittieħed hija ta' vittmi ta' ċerti reati, limitati għal dawk innumerati (reati sesswali jew li għandhom konnotazzjoni sesswali), li għandhom inqas minn sittax-il sena, anke jekk jaqgħu barra mill-każijiet previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-Artikolu 398 paragrafu 5 bis tal-KPK jippermetti, fost affarijiet oħra, lill-istess Imħallef jordna s-smigħ tal-provi, fil-każ tal-investigazzjonijiet relatati mar-reati indikati fl-Artikolu 392 paragrafu 1 bis tal-KPK, bi proċeduri partikolari li jippermettu li l-minuri kkonċernati jiġu protetti. Skont l-Imħallef li għamel ir-rinviju, dawn id-derogi supplementari huma maħsuba sabiex jipproteġu, min-naħa, id-dinjità, il-pudur u l-personalità tax-xhud, meta l-vittma hija minuri, u, min-naħa l-oħra, l-awtentiċità tal-provi.

16 Fil-kawża prinċipali, fix-xahar ta' Awwissu 2001, il-Ministeru Pubbliku talab lill-Imħallef inkarigat mill-investigazzjonijiet preliminari sabiex jiġbor ix-xhieda ta' tmint itfal, xhieda u vittmi tar-reati li għalihom qed tiġi investigata s-Sinjura Pupino, permezz ta' proċedura interlokutorja għas-smigħ antiċipat tal-provi abbażi tal-Artikolu 392 paragrafu 1 bis tal-KPK, għar-raġuni li s-smigħ tal-provi ma setgħax jiġi ddifferit sas-seduta tal-kontradittorju minħabba l-età estremament żgħira tax-xhieda u t-tibdiliet inevitabbli fl-istat psikoloġiku tagħhom, kif ukoll minħabba l-proċess eventwali ta' ripressjoni psikoloġika. Il-Ministeru Pubbliku talab ukoll li jgħaddi għall-ġbir tal-provi billi jsegwi l-proċeduri partikolari previsti fl-Artikolu 398 paragrafu 5 bis tal-KPK li jistabbixxi li s-smigħ jista' jsir fi struttura speċjalizzata, permezz ta' proċeduri li jipproteġu id-dinjità, il-ħajja privata u s-serenità tal-minuri kkonċernati waqt li jirrikorru, jekk ikun hemm bżonn, għas-servizzi ta' psikologu, dan minħabba n-natura delikata u l-gravità tal-fatti, kif ukoll id-diffikultà marbuta mal-età żgħira tal-vittmi. Is-Sinjura Pupino opponiet din it-talba billi sostniet li din is-sitwazzjoni ma taqa' taħt ebda waħda mill-każijiet previsti fl-Artikolu 392 paragrafi 1 u 1 bis tal-KPK.

17 Skont l-Imħallef li għamel ir-rinviju, it-talba tal-Ministeru Pubbliku għandha tiġi miċħuda abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali in eżami, safejn dawn ma jipprovdux li jista' jsir rikors għall-proċedura interlokutorja għas-smigħ tal-provi, jew li jkunu jistgħu jintużaw proċeduri partikolari għas-smigħ tal-provi, fir-rigward ta' fatti bħal dawk li hija akkużata bihom is-Sinjura Pupino, għalkemm ma hemm ebda raġuni li tipprekludi lil dawn id-dispożizzjonijiet milli jkopru każijiet oħra, apparti dawk imsemmija fl-Artikolu 392(1) tal-KPK, li jistgħu perfettament ikunu aktar gravi għall-vittma minn dawk imsemmija f'din id-dispożizzjoni. Dan huwa l-każ fil-kawża prinċipali peress illi, skont il-Ministeru Pubbliku, is-Sinjura Pupino immaltrattat ħafna tfal ta' inqas minn ħames snin u b'hekk ikkaġunatilhom trawma psikoloġika.

18 Peress illi, fil-kunsiderazzjoni dwar jekk "jeżistix jew le effett dirett tal-leġiżlazzjoni komunitarja", l-Imħallef nazzjonali għandu "jinterpreta d-dritt nazzjonali fid-dawl tal-kliem u tal-ispirtu tad-dispożizzjonijiet komunitarji" u peress illi kellu dubju fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-Artikoli 392 paragrafu 1 bis u 398 paragrafu 5 bis tal-KPK mal-Artikoli 2, 3, u 8 tad-deċiżjoni-qafas, safejn dawn jillimitaw il-fakultà tal-Imħallef inkarigat mill-investigazzjonijiet preliminari li jirrikorri, rispettivament, għas-smigħ antiċipat tal-provi u għall-proċeduri partikolari tal-ġbir u l-konstatazzjoni tal-provi f'reati sesswali jew dawk li għandhom konnotazzjoni sesswali biss, l-Imħallef inkarigat mill-investigazzjonijiet preliminari fit-Tribunale di Firenze ddeċieda li jissospendi il-proċeduri u jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar l-iskop tal-Artikoli 2, 3u 8 tad-deċiżjoni-qafas.

**Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja**

19 Permezz tal-Artikolu 46(b) UE, id-dispożizzjonijiet tat-Trattati KE, KEFA u KEEA dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-eżerċizzju ta' din il-ġurisdizzjoni, li fosthom hemm l-Artikolu 234 KE, huma applikabbli ma' dawk tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 35 UE. Minn dan jirriżulta li s-sistema prevista fl-Artikolu 234 KE hija intiża li tapplika għall-ġurisdizzjoni tal-qorti li tagħti deċiżjonijiet preliminari skont l-Artikolu 35 UE, taħt il-kundizzjonijiet previsti f'din id-dispożizzjoni.

20 Kif ġie rrilevat fil-punt 5 ta' din is-sentenza, permezz ta' dikjarazzjoni li bdiet isseħħ fl-1 ta' Mejju 1999, data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, ir-Repubblika Taljana indikat li kienet aċċettat il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar il-validità u l-interpretazzjoni tal-atti msemmija fl-Artikolu 35 UE skont kif previst fil-paragrafu 3 subparagrafu (b) ta' dan l-Artikolu.

21 Għal dak li għandu x'jaqsam mal-atti msemmija fl-Artikolu 35(1) UE, il-paragrafu 3 subparagrafu (b) ta' din id-dispożizzjoni jipprovdi, fi kliem identiku għal dak tal-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 234 KE, li "kull qorti" ta' Stat Membru għandha il-fakultà li "[titlob] lill-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti [deċiżjoni] preliminari" fuq kwistjoni li tkun tqajmet f'kawża pendenti quddiemha dwar il-"validità jew l-interpretazzjoni" ta' tali atti, "meta l-qorti jew it-tribunal jikkunsidra li deċiżjoni dwar dik il-kwistjoni tkun meħtieġa biex tkun tista' tagħti [sentenza]".

22 Min-naħa, huwa stabbilit li l-Imħallef inkarigat mill-investigazzjonijiet preliminari fil-kuntest ta' proċediment kriminali, bħal dik fil-kawża prinċipali, jintervjeni fl-eżerċizzju ta' kariga ġudizzjarja, b'mod illi għandu jiġi kkunsidrat bħala "qorti jew tribunal ta' Stat Membru" skont l-Artikolu 35 UE (ara f'dan is-sens, dwar l-Artikolu 234 KE, sentenzi tat-23 ta' Frar 1995, Cacchiarelli u Stanghellini, C-54/94 u C-74/94, Ġabra p. I-391, u tat-12 ta' Diċembru 1996, X, C-74/95 u C-129/95, Ġabra p. I-6609) u, min-naħa l-oħra, huwa stabbilit li d-deċiżjoni-qafas, ibbażata fuq l-Artikoli 31 UE u 34 UE, taqa' taħt l-atti imsemmija fl-Artikolu 35(1) UE, li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tagħti deċiżjoni preliminari dwarhom.

23 Hekk kif ġie stabbilit li fil-prinċipju l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi d-domanda preliminari magħmula lilha, il-Gvern Franċiż u dak Taljan qajmu eċċezzjoni ta' inammissibbiltà kontra t-talba ppreżentata, ibbażata fuq il-fatt li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx ser tkun utli għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali.

24 Il-Gvern Franċiż isostni li l-Imħallef li għamel ir-rinviju qed jipprova japplika ċerti dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni-qafas minflok il-leġiżlazzjoni nazzjonali, filwaqt li, skont l-istess kliem tal-Artikolu 34(2)(b) UE, id-deċiżjonijiet-qafas ma jistax ikollhom effett dirett. Barra minn hekk, skont l-imsemmi Gvern, li huwa tal-istess fehma tal-Imħallef li għamel ir-rinviju, mhuwiex possibbli li tingħata interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li tkun konformi mad-deċiżjoni-qafas. Però, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi ma jwassalx għal interpretazzjoni li tmur kontra l-liġi u lanqas għal aggravament tas-sitwazzjoni ta' individwu fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, abbażi tad-deċiżjoni-qafas biss, kif madankollu huwa l-każ fil-kawża prinċipali.

25 Il-Gvern Taljan isostni, prinċipalment, li d-deċiżjoni-qafas u d-direttiva komunitarja jikkostitwixxu sorsi tad-dritt li huma fundamentalment differenti minn xulxin u li d-deċiżjoni-qafas ma toħloqx obbligu fuq l-Imħallef nazzjonali li ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali, bħalma stabbiliet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha fir-rigward tad-direttivi komunitarji.

26 Mingħajr ma espressament juri dubji fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, l-Gvern Żvediż u dak tar-Renju Unit jaqblu mal-Gvern Taljan, filwaqt li jinsistu, b'mod partikolari, fuq in-natura intergovernattiva tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-kuntest tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

27 Fl-aħħar nett, il-Gvern Olandiż ipoġġi l-enfasi fuq il-limiti imposti fir-rigward tal-obbligu ta' interpretazzjoni konformi u jqajjem il-kwistjoni dwar jekk għandux jiġi stabbilit, kemm-il darba dan l-obbligu japplika għad-deċiżjonijiet-qafas, jekk jistgħux japplikaw għall-kawża prinċipali, meta wieħed jieħu in kunsiderazzjoni preċiżament dawn il-limiti.

28 Għandu jiġi rrilevat li, kif enfasizzat fil-punt 19 ta' din is-sentenza, is-sistema prevista fl-Artikolu 234 KE hija intiża li tapplika għall-Artikolu 35 UE, taħt il-kundizzjonijiet previsti f'din l-aħħar dispożizzjoni.

29 L-istess bħall-Artikolu 234 KE, l-Artikolu 35 UE jissuġġetta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tagħti deċiżjoni preliminari, għall-kundizzjoni li l-qorti jew it-tribunal nazzjonali "jikkunsidra li deċiżjoni dwar dik il-kwistjoni tkun meħtieġa biex tkun tista' tagħti [sentenza]", b'mod illi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mal-ammissibbiltà tad-domandi preliminari rrinvijati skont l-Artikolu 234 KE, tista', fil-prinċipju, tiġi trasposta fit-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 35 UE.

30 Minn dan isegwi li l-preżunzjoni ta' rilevanza marbuta mad-domandi preliminari rrinvijati mill-qrati nazzjonali tista' tiġi eskluża f'każijiet eċċezzjonali, meta huwa manifestament ċar li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni kkunsidrati f'dawn id-domandi ma jkollha ebda relazzjoni mar-realtà jew l-għan tal-kawża prinċipali jew meta l-problema hija ta' natura ipotetika jew li l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex quddiemha l-elementi ta' fatt jew ta' dritt neċessarji sabiex tirrispondi, b'mod utli, għad-domandi rrinvijati. Ħlief f'tali ipoteżi, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, fil-prinċipju, tagħti deċiżjoni fir-rigward tad-domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-atti msemmija fl-Artikolu 35(1) UE (ara, safejn jikkonċernaw l-Artikolu 234 KE, b'mod partikolari, sentenzi tas-7 ta' Settembru 1999, Beck u Bergdorf, C-355/97, Ġabra p. I-4977, punt 22 u tas-7 ta' Ġunju 2005, VEMW et., C-17/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 34).

31 Fir-rigward tal-argumenti żviluppati mill-Gvernijiet tal-Italja, Franza, l-Olanda l-Iżvezja u tar-Renju Unit, għandu jiġi eżaminat jekk, kif jippreżupponi l-Imħallef nazzjonali u kif inhuwa sostnut mill-Gvernijiet tal-Greċja, Franza, il-Portugal u l-Kummissjoni, l-obbligu tal-awtoritajiet nazzjonali li, safejn huwa possibbli, jinterpretaw id-dritt nazzjonali tagħhom fid-dawl tat-test u tal-għan tad-direttivi komunitarji, japplikax bl-istess effetti u limiti meta l-att ikkonċernat huwa deċiżjoni-qafas ibbażat fuq it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

32 F'każ ta' risposta pożittiva, għandu jiġi vverifikat jekk, kif osservat mill-Gvernijiet tal-Italja, Franza, l-Iżvezja u tar-Renju Unit, huwiex ċar li risposta għad-domanda preliminari ma tistax ikollha effett konkret fuq is-soluzzjoni tal-kawża prinċipali meta wieħed jieħu in kunsiderazzjoni l-limiti inerenti għall-obbligu ta' interpretazzjoni konformi.

33 Għandu mill-ewwel jiġi rrilevat li l-kliem tal-Artikolu 34(2)(b) UE huwa strettament ispirat minn dak tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE. L-Artikolu 34(2)(b) UE jattribwixxi natura vinkolanti lid-deċiżjonijiet-qafas fis-sens li huma "jorbtu" lill-Istati Membri "dwar ir-riżultat li għandu jinkiseb iżda jħallu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali l-għażla tal-forma u l-metodi".

34 In-natura vinkolanti tad-deċiżjonijiet-qafas, ifformulata bi kliem identiku għal dak tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE, iġġib magħha obbligu ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali fuq l-awtoritajiet nazzjonali, speċjalment il-qrati nazzjonali.

35 Il-fatt li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 35 UE hija inqas estiża fil-kuntest tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea milli taħt it-Trattat KE u l-fatt li ma teżisti ebda sistema kompluta ta' rimedji ġuridiċi u proċeduri intiżi sabiex jassiguraw il-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet fil-kuntest tal-imsemmi Titolu VI ma jipprekludux din il-konklużjoni.

36 Fil-fatt, indipendentement mill-grad ta' integrazzjoni indikat fit-Trattat ta' Amsterdam fil-proċess għall-ħolqien ta' unjoni dejjem iżjed ravviċinata fost il-popli tal-Ewropa skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 UE, wieħed jista' perfettament jifhem li l-awturi tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ħasbu li jkun utli li jipprovdu, fil-kuntest tat-Titolu VI tat-Trattat, ir-rikors għal strumenti ġuridiċi li għandhom effetti analogi għal dawk previsti fit-Trattat KE, bil-għan li jikkontribbwixxu, b'mod effikaċi, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni.

37 L-importanza tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjonijiet preliminari skont l-Artikolu 35 UE hija kkonfermata bil-fatt li, kull Stat Membru, sew jekk għamel dikjarazzjoni sew jekk le, bis-saħħa tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, għandu d-dritt, skont il-paragrafu 2 tal-imsemmi Artikolu, li jippreżenta sottomissjonijiet jew osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi li jiġu quddiemha taħt il-paragrafu 1 tal-istess dispożizzjoni.

38 Din il-ġurisdizzjoni jitneħħielha l-aspett essenzjali tal-effett utli tagħha jekk l-individwi ma jkollhomx id-dritt li jinvokaw id-deċiżjonijiet-qafas bil-għan li jiksbu interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali quddiem il-qrati tal-Istati Membri.

39 In sostenn tat-teżi tagħhom, il-Gvernijiet tal-Italja u tar-Renju Unit jgħidu li, b'differenza mit-Trattat KE, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ma jinvolvi ebda obbligu analogu għal dak previst fl-Artikolu 10 KE, li fuqu hija bbażata parti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiġġustifika l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali fid-dawl tad-dritt komunitarju.

40 Dan l-argument għandu jiġi miċħud.

41 It-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 1 u tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi li dan it-trattat huwa pass ġdid lejn il-ħolqien ta' unjoni dejjem iżjed ravviċinata fost il-popli tal-Ewropa u li x-xogħol tal-Unjoni, li hija bbażata fuq il-Komunitajiet Ewropej b'żieda ta' linji politiċi u forom ta' kooperazzjoni stabbiliti permezz tal-imsemmi Trattat, huwa li torganizza, b'mod li jixhed koerenza u solidarjetà, ir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u bejn il-popli tagħhom.

42 Ikun diffiċli għall-Unjoni li twettaq ix-xogħol tagħha b'mod effikaċi jekk il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, li jimplika partikolarment li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha ġenerali jew partikolari sabiex jiggarantixxu l-eżekuzzjoni tal-obbligi tagħhom taħt d-dritt tal-Unjoni Ewropea, ma jkunx impost ukoll fil-kuntest tal-kooperazzjoni mill-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li fuq kollox hija bbażata kompletament fuq il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, kif ġie rrilevat mill-Avukat Ġenerali fil-punt 26 tal-konklużjonijiet tagħha.

43 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għandu jiġi konkluż li l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi japplika fir-rigward ta' deċiżjonijiet-qafas adottati fil-kuntest tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Waqt li tapplika d-dritt nazzjonali, il-qorti tar-rinviju li trid tinterpreta dan id-dritt għandha, kemm huwa possibbli, tagħmel dan fid-dawl tat-test u tal-għan tad-deċiżjoni-qafas sabiex jintlaħaq ir-riżultat maħsub f'din tal-aħħar u sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 34(2)(b) UE.

44 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li l-obbligu tal-Imħallef nazzjonali li jirreferi għall-kontenut tad-deċiżjoni-qafas meta jinterpreta r-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali tiegħu jsib il-limiti tiegħu fil-prinċipji ġenerali tad-dritt, u b'mod partikolari f'dawk ta' ċertezza legali u ta' non-retroattività.

45 Dawn il-prinċipji jipprekludu b'mod partikolari lill-imsemmi obbligu milli jwassal li tiġi ddeterminata jew aggravata, fuq il-bażi tad-deċiżjoni-qafas u indipendentement minn liġi adottata għall-implementazzjoni ta' din tal-aħħar, ir-responsabbiltà kriminali ta' dawk li jiksru d-dispożizzjonijiet tagħha (ara, fir-rigward tad-direttivi komunitarji, b'mod partikolari, sentenzi X, iċċitata aktar 'il fuq, punt 24 u tat-3 ta' Mejju 2005, Berlusconi et., C-387/02, C-391/02 u C-403/02, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 74).

46 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li d-dispożizzjonijiet li jiffurmaw is-suġġett ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari mhumiex dwar ir-responsabbiltà kriminali tal-persuna kkonċernata, iżda dwar l-iżvolġiment tal-proċediment u dwar il-proċeduri ta' smigħ tal-provi.

47 L-obbligu ta' Mħallef nazzjonali li jirreferi għall-kontenut ta' deċiżjoni-qafas fl-interpretazzjoni tar-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali tiegħu jispiċċa meta dan l-obbligu ma jkunx jista' jiġi applikat b'mod li jinkiseb riżultat kompatibbli ma' dak maħsub minn din id-deċiżjoni-qafas. Fi kliem ieħor, il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi ma jistax ikun ta' bażi għal interpretazzjoni li tmur kontra l-liġi nazzjonali. Madankollu, dan il-prinċipju jirrikjedi li l-qorti nazzjonali tieħu in kunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, id-dritt nazzjonali kollu sabiex tevalwa safejn dan għandu jiġi applikat b'mod li ma jinkisibx riżultat li jmur kontra dak maħsub mid-deċiżjoni-qafas.

48 Għaldaqstant, kif irrilevat mill-Avukat Ġenerali fil-punt 40 tal-konklużjonijiet tagħha, ma jidhirx li interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali in konformità mad-deċiżjoni-qafas hija impossibbli fil-kawża prinċipali. Għandu jkun l-Imħallef nazzjonali li jivverifika jekk, fl-imsemmija kawża, huwiex possibbli li tingħata interpretazzjoni konformi mad-dritt nazzjonali tiegħu.

49 B'din il-premessa, għandha tingħata risposta għad-domanda preliminari.

**Fuq id-domanda preliminari**

50 Permezz tad-domanda tiegħu, l-Imħallef li għamel ir-rinviju jixtieq, essenzjalment, isir jaf jekk l-Artikoli 2, 3 u 8(4) tad-deċiżjoni-qafas għandhomx jiġu interpretati fis-sens li qorti nazzjonali għandha jkollha l-possibbiltà li tawtorizza lil tfal ta' età żgħira li, bħal dawk fil-kawża prinċipali, kienu allegatament vittmi ta' maltrattament, jagħtu x-xhieda tagħhom permezz ta' proċeduri li jiggarantulhom livell xieraq ta' protezzjoni, barra mis-seduta pubblika u qabel ma tinżamm din is-seduta.

51 Konformement mal-Artikolu 3 tad-deċiżjoni-qafas, kull Stat Membru għandu jiggarantixxi lill-vittmi l-possibbiltà li jinstemgħu matul il-proċediment, kif ukoll li jressqu xi provi, u għandu jieħu l-miżuri xierqa sabiex l-awtoritajiet jinterrogaw lill-vittmi biss safejn dan huwa neċessarju għall-iskop tal-proċedimenti kriminali.

52 L-Artikoli 2 u 8(4) ta' din id-deċiżjoni-qafas jobbligaw kull Stat Membri jieħdu azzjoni sabiex jiggarantixxu lill-vittmi trattament li jkun jirrispetta d-dinjità personali tagħhom waqt il-proċediment, jaraw li l-vittmi partikolarment vulnerabbli jibbenefikaw minn trattament speċifiku li jikkorrispondi l-aħjar għas-sitwazzjoni tagħhom u jiggarantixxu, meta jkun neċessarju li jipproteġu lill-vittmi, partikolarment dawk l-aktar vulnerabbli, mill-konsegwenzi tax-xhieda tagħhom f'seduta pubblika, li huma jkunu jistgħu, abbażi ta' deċiżjoni tal-qorti, jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' testimonjanza li jippermettu li dan l-għan jintlaħaq, b'kull mezz xieraq li huwa kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tiegħu.

53 Id-deċiżjoni-qafas ma tagħtix definizzjoni tal-kunċett ta' vulnerabbiltà tal-vittma skont l-Artikoli 2(2) u 8(4) tagħha. Madankollu, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-fatt li l-vittma ta' reat kriminali hija minuri huwiex biżżejjed, bħala regola ġenerali, sabiex tali vittma tiġi kkwalifikata bħala partikolarment vulnerabbli skont id-deċiżjoni-qafas, ma jistax jiġi kkontestat li meta, bħal fil-kawża prinċipali, tfal ta' età żgħira jallegaw li kienu soġġetti għal maltrattamenti, fuq kollox minn għalliema, dawn it-tfal jistgħu jiġu kkwalifikati bħala tali, partikolarment fid-dawl tal-età tagħhom, kif ukoll tan-natura u tal-konsegwenzi tar-reati li huma jsostni li kienu vittmi tagħhom, bil-għan illi jibbenefikaw mill-protezzjoni speċifika meħtieġa mid-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni-qafas iċċitati aktar 'il fuq.

54 Ebda waħda mit-tliet dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni-qafas imsemmija mill-Imħallef li għamel ir-rinviju ma tagħti dettalji konkreti ta' kif għandhom jiġu implementi l-għanijiet iddikjarati minnha, li jikkonsistu, b'mod partikolari, f'li lill-vittmi partikolarment vulnerabbli jiġi assigurat "trattament speċifiku li jikkorrispondi l-aħjar għas-sitwazzjoni tagħhom", b'mod illi jibbenefikaw minn "kundizzjonijiet ta' testimonjanza" partikolari, ta' natura li tiggarantixxi lill-vittmi kollha trattament "li jkun jirrispetta d-dinjità personali tagħhom", il-possibbiltà li jinstemgħu u li "jressqu provi", kif ukoll li tara li dawn il-vittmi jiġu "interrogati biss safejn dan huwa neċessarju għall-iskop tal-proċedimenti kriminali".

55 Skont il-leġiżlazzjoni in eżami fil-kawża prinċipali, ix-xhieda mogħtija matul l-investigazzjonijiet preliminari għandha ġeneralment terġa' tinstema' fis-seduta pubblika sabiex takkwista l-valur ta' prova minnha nnifisha. Madankollu, f'ċerti każijiet huwa permess li xhieda tingħata darba biss, matul il-kors tal-investigazzjonijiet preliminari, bl-istess valur probatorju, iżda permezz ta' proċeduri differenti minn dawk li għandhom jintużaw f'seduta pubblika.

56 F'dawn iċ-ċirkustanzi, sabiex jintlaħqu l-għanijiet iddikjarati fid-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni-qafas iċċitati aktar 'il fuq, jeħtieġ li qorti nazzjonali jkollha l-possibbiltà, għall-vittmi partikolarment vulnerabbli, li tuża proċedura speċjali, bħall-proċedura interlokutorja għas-smigħ antiċipat tal-provi previst fid-dritt ta' Stat Membru, kif ukoll il-proċeduri partikolari biex tingħabar xhieda intiżi ukoll sabiex, jekk din il-proċedura tikkorrispondi l-aħjar għas-sitwazzjoni ta' dawn il-vittmi u tevita li jintilfu xi elementi ta' prova, tnaqqas għall-minimu l-ammont ta' drabi li l-interrogatorji jiġu ripetuti u timpedixxi l-konsegwenzi preġudizzjali, għall-imsemmija vittmi, tax-xhieda tagħhom f'seduta pubblika.

57 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li skont l-Artikolu 8(4) tad-deċiżjoni-qafas, il-kundizzjonijiet li fihom tingħata xhieda għandhom, fi kwalunkwe każ, ikunu kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Istat Membru kkonċernat.

58 Barra minn hekk, permezz tal-Artikolu 6(2) UE, l-Unjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali, kif inhuma ggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (aktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni"), u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet komuni tal-Istati Membri, bħala prinċipji ġenerali tad-dritt.

59 Għaldaqstant id-deċiżjoni-qafas għandha tiġi interpretata b'tali mod illi jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali, fosthom b'mod partikolari, għandu jiġi indikat dritt għal smigħ xieraq, kif iddikjarat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

60 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tassigura li, kemm-il darba r-rikors għall-proċedura interlokutorja għas-smigħ antiċipat tal-provi u s-smigħ permezz ta' proċeduri partikolari previsti fid-dritt Taljan huwa possibbli fil-każ in eżami, meta wieħed jieħu in kunsiderazzjoni l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali, l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri mhijiex tali li tippriva lis-Sinjura Pupino mid-dritt tas-smigħ xieraq fil-proċediment kriminali, liema proċediment huwa kkunsidrat fit-totalità tiegħu, skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara, b'mod partikolari, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenzi tal-20 ta' Diċembru 2001, P.S. vs Il-Ġermanja, tat-2 ta' Lulju 2002, S.N. vs L-Iżvezja, *Recueil des arrêts et décisions* 2002-V, tat-13 ta' Frar 2004, Rachdad vs Franza, u deċiżjoni tal-20 ta' Jannar 2005, Accardi *et.* vs L-Italja, rikors nru 30598/02).

61 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikoli 2, 3 u 8(4) tad-deċiżjoni-qafas għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-qorti nazzjonali għandha jkollha l-possibbiltà tawtorizza li tfal ta' età żgħira, bħal dawk fil-kawża prinċipali, li kienu allegatament vittmi ta' maltrattament, jagħtu x-xhieda tagħhom permezz ta' proċeduri li jiggarantixxu lil dawn it-tfal livell xieraq ta' protezzjoni, per eżempju barra mis-seduta pubblika u qabel ma tinżamm din is-seduta. Il-qorti nazzjonali għandha tieħu in kunsiderazzjoni r-regoli kollha tad-dritt nazzjonali u tinterpretahom, safejn huwa possibbli, fid-dawl tat-test kif ukoll tal-għan tal-imsemmija deċiżjoni-qafas.

**Fuq l-ispejjeż**

62 Peress illi l-proċedura hija parti mill-kawża pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din tal-aħħar li għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali. L-ispejjeż involuti sabiex jiġu ppreżentati sottomissjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, apparti dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jiġu mħallsa lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tiddeċiedi li:

**L-Artikoli 2, 3 u 8(4) tad-Deċiżjoni-Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, tal-15 ta' Marzu 2001, dwar il-pożizzjoni tal-vittmi fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-qorti nazzjonali għandu jkollha l-possibbiltà tawtorizza li tfal ta' età żgħira, bħal dawk fil-kawża prinċipali, li kienu allegatament vittmi ta' maltrattament, jagħtu x-xhieda tagħhom permezz ta' proċeduri li jiggarantixxu lil dawn it-tfal livell xieraq ta' protezzjoni, per eżempju barra mis-seduta pubblika u qabel ma tinżamm din is-seduta.**

**Il-qorti nazzjonali għandha tieħu in kunsiderazzjoni r-regoli kollha tad-dritt nazzjonali u tinterpretahom, safejn huwa possibbli, fid-dawl tat-test kif ukoll tal-għan tal-imsemmija deċiżjoni-qafas.**

Firem

---

**SENTENZA TAL-QORTI** (Awla Manja)

il-3 ta' Mejju 2007

Kooperazzjoni fil-qasam tal-pulizija u kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali - Artikoli 6(2) u 34(2)(b) UE - Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA - Mandat ta' arrest Ewropew u proċeduri ta' ċessjoni bejn l-Istati Membri - Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali - Verifika ta' inkriminazzjoni doppja - Validità.

**Fil-kawża C-303/05,**

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 35 UE, imressqa mill-Arbitragehof (il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Lulju 2005, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-29 ta' Lulju 2005, fil-proċedura

**Advocaten voor de Wereld VZW,**

vs

**Leden van de Ministerraad,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, P. Jann, C.W. A. Timmermans u A. Rosas, R. Schintgen, P. Kūris, E. Juhász u J. Klučka, Presidenti ta' Awla, J. N. Cunha Rodrigues (Relatur), J. Makarczyk, U. Lõhmus, E. Levits u L. Bay Larsen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: D. Ruiz-Jarabo Colomer,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Lulju 2006,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Advocaten voor de Wereld VZW, minn L. Deleu, P. Bekaert u F. van Vlaenderen, advocaten,
- għall-Gvern Belġjan, minn M. Wimmer, bħala aġent, assistit minn E. Jacubowitz u P. de Maeyer, avocats,
- għall-Gvern Ċek, minn T. Boček, bħala aġent,
- għall-Gvern Spanjol, minn J. M. Rodríguez Cárcamo, bħala aġent,
- għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u C. Lemaire, bħala aġenti,
- għall-Gvern Latvjan, minn E. Balode-Buraka, bħala aġent ,
- għall-Gvern Litwan, minn D. Kriaučiūnas, bħala aġent,
- għall-Gvern Olandiż, minn H. G. Sevenster, M. de Mol u C. M. Wissels, bħala aġenti,
- għall-Gvern Pollakk, minn J. Pietras, bħala aġent,
- għall-Gvern Finlandiż, minn E. Bygglin, bħala aġent,
- għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Nwaokolo u C. Gibbs, bħala aġenti, assistiti minn A. Dashwood, barrister,
- għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn S. Kyriakopoulou, kif ukoll minn J. Schutte u O. Petersen, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn V. Di Bucci u C. Schmidt, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2006,
tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-evalwazzjoni ta' validità tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment [konsenja] bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, p. 1, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni qafas").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' rikors imressaq mill-Advocaten voor de Wereld VZW (iktar 'il quddiem l-"Advocaten voor de Wereld") quddiem l-Arbitragehof għall-finijiet tal-annullament tal-liġi Belġjana tad-19 ta' Diċembru 2003 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew (Moniteur belge tat-22 ta' Diċembru 2003, p. 60075, iktar 'il quddiem il-"liġi tad-19 ta' Diċembru 2003") u b'mod partikolari l-Artikoli 3, 5(1) u (2), kif ukoll l-Artikolu 7 tagħha.

**Il-kuntest ġuridiku**

3 Skont il-ħames premessa tad-deċiżjoni qafas:

"L-għan stabbilit biex l-Unjoni ssir żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jwassal għall-abolizzjoni tal-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u jbiddlu b'sistema ta' ċediment bejn awtoritajiet ġudizzjarji. 'Il fuq minn dan, l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ssimplifikata ta' ċediment ta' persuni mogħtija sentenza jew suspettati għall-iskopijiet ta' eżekuzzjoni jew prosekuzzjoni ta' sentenzi kriminali jagħmel possibbli t-tneħħija tal-komplessità u potenzjal għad-dewmien inerenti fil-proċeduri preżenti tal-estradizzjoni. Ir-relazzjonijiet tradizzjonali ta' koperazzjoni li eżistew s'issa bejn l-Istati Membri għandhom jiġu mibdula b'sistema ta' moviment liberu ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali, li tkopri kemm deċiżjonijiet qabel ma tinata' [tingħata] s-sentenza kif ukoll dawk finali, ġo żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja."

4 Is-sitt premessa tad-deċiżjoni qafas tgħid:

"Il-mandat ta' arrest Ewropew previst f'din id-Deċiżjoni [qafas] hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew irrefera għalih bħala l-'punt ta' referenza' tal-koperazzjoni ġudizzjarja."

5 Skont is-seba' premessa tad-deċiżjoni qafas:

"Billi l-iskop tat-tibdil tas-sistema ta' estradizzjoni multilaterali mibnija fuq il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957 ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċjenti mill-Istati Membri qed jaġixxu unilateralment u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jiġi milħuq aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, il-Kunsill jista' jadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà msejjaħ fl-Artikolu 2 tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu tal-aħħar, din id-Deċiżjoni [qafas] ma tmurx 'il hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan."

6 Skont il-ħdax-il premessa tad-deċiżjoni qafas:

"Fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, il-mandat ta' arrest Ewropew għandu jibdel kull istrument ta' qabel dwar l-estradizzjoni, inklużi d-disposizzjonijiet tat-Titolu III tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim Schengen li huma dwar l-estradizzjoni."

7 L-Artikolu 1 tad-deċiżjoni qafas, li ġie adottat fuq il-bażi tal-Artikoli 31(1)(a) u (b) UE u 34(2)(b) UE jipprovdi:

'1. Il-mandat ta' arrest Ewropew hi deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop tal-arrest u ċ-ċediment minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi tal-priċipju ta' rikonoxximent reċiproku u skont id-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni [Qafas].

3. Din id-Deċiżjoni [Qafas] m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu ta' rispett lejn id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif affermati fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

8 L-Artikolu 2 tad-deċiżjoni qafas jgħid:

‘1. Mandat ta' arrest Ewropew jista' jiġi maħruġ għal atti li huma punibbli mil-liġi tal-Istat Membru li joħorġu bi sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perijodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar jew, fejn sentenza ġiet mogħtija jew ordni ta' detenzjoni ġiet magħmula, għal sentenzi ta' mill-inqas erba' xhur.

2. L-offiżi [ir-reati] li ġejjin, jekk huma punibbli fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat bi sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perijodu massimu ta' mill-inqas tlett snin u kif inhuma definiti mil-liġi tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat, għandhom, taħt it-termini ta' din id-Deċiżjoni Kwadru u mingħajr verifikazzjoni[verifika] tal-kriminalità doppja tal-att, jwasslu għaċ-ċediment skont mandat ta' arrest Ewropew:

- il-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,
- it-terroriżmu,
- it-traffikar ta' bnedmin,
- l-isfruttament sesswali ta' tfal u l-pornografija tat-tfal,
- it-traffikar illeċitu fi drogi narkotiċi u sostanzi psikotropiċi,
- it-traffikar illeċitu f'armi, munizzjonijiet u splussivi,
- il-korruzzjoni,
- il-frodi, inkluż dak li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fis- sens tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej,
- il-ħasil ta' flus ġejjin minn reati,
- l-iffalsifikar ta' munita, inkluża l-euro,
- ir-reati konnessi mal-kompjuters,
- ir-reati tal-ambjent, inkluż it-traffikar illeċitu fi speċi ta' annimali li huma fil-perikolu u fi speċi u varjietajiet ta' pjanti li huma fil-perikolu,
- il-faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzata,
- l-omiċidju, offiża gravi fuq il-persuna,
- il-kummerċ illeċitu f'organi u tessuti tal-bniedem,
- il-ħtif tan-nies, restrizzjoni illegali u l-ħtif ta' ostaġġi,
- ir-razziżmu u l-ksenofobija,
- is-serq organizzat jew bl-użu ta' armi,
- it-traffikar illeċitu f'merkanzija kulturali, inklużi l-anitkitajiet u xogħlijiet tal-arti,
- l-imbrolju,

- l-intrigi ta' qerq u l-estorsjoni,
- il-falsifikazzjoni u l-piraterija ta' prodotti,
- il-falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u l-ittrafikar ta' dawn,
- il-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament,
- it-traffikar illeċitu fi sostanzi tal-ormoni u affarijiet oħra li jippromovu l-iżvilupp,
- it-traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjoattivi,
- it-traffikar ta' vetturi misruqa,
- l-istupru,
- il-ħruq ta' proprjetà apposta,
- ir-reati li jaqaw fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,
- il-qbid illegali ta' inġenji tal-ajru/vapuri,
- is-sabotaġġ.

3. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi fi kwalunkwe ħin, waqt li jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39(1) tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea (TEU), li jżid kategoriji oħra ta' offiżi mal-lista li tinsab fil-paragrafu 2. Il-Kunsill għandu jeżamina, fid-dawl tar-rapport mogħti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 34(3), jekk il-lista għandhiex tiġi estiża jew emendata.

4. Għal offiżi barra minn dawk koperti mill-paragrafu 2, iċ-ċediment tista' tkun suġġetta għall-kondizzjoni li l-atti għal liema l-mandat ta' arrest Ewropew ġie maħruġ jikkostitwixxu offiża taħt il-liġi tal-Istat Membru li jesegwixxih, irrespettivament tal-elementi kostitwenti jew ta' kif hu deskritt.

9 L-Artikolu 31 tad-deċiżjoni qafas jipprovdi:

'1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tagħhom f'relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u Stati terzi, din id-Deċiżjoni Kwadru għandha, mill-1 ta' Jannar 2004, tibdel id-disposizzjonijiet korrispondenti tal-konvenzjonijiet li ġejjin applikabbli fil-qasam tal-estradizzjoni f'relazzjonijiet bejn l-Istati Membri:

(a) il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957, il-protokoll addizjonali tagħha tal-15 ta' Ottubru 1975, it-tieni protokoll addizjonali tas-17 ta' Marzu 1978, u l-Konvenzjoni Ewropea fuq it-trażżin tat-terroriżmu tas-27 ta' Jannar 1977 sa fejn hi nvoluta l-estradizzjoni;

(b) il-Ftehim bejn il 12-il Stati Membri tal-Komunitajiet Ewropej fuq is-simplifikazzjoni u l-modernizazzjoni ta' metodi tat-trasmissjoni ta' talbiet ta' estradizzjoni tas-26 ta' Mejju1989;

(c) il-Konvenzjoni tal-10 ta' Marzu 1995 fuq proċedura simplifikata ta' estradizzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(d) il-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1996 dwar l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(e) It-Titolu III, Kapitolu 4 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li jimplimenta l-Ftehim Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 fuq it-tneħħija gradwali ta' kontrolli fi fruntieri komuni.

2. L-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali fis-seħħ meta din id-Deċiżjoni Kwadru hi adottata sa fejn dawn il-ftehim jew arranġamenti jħallu l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru jiġu estiżi jew imkabbrin u jgħinu jissimplifikaw jew jiffaċilitaw aktar il-proċeduri għal ċediment ta' persuni li huma suġġetti għal mandati ta' arrest Ewropej.

L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali wara li din id-Deċiżjoni [Qafas] tkun daħlet fis-seħħ sakemm dawn il-ftehim jew arranġamenti jħallu l-preskrizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni [Qafas] jkunu estiżi jew mkabbrin u jgħinu biex jissimplifikaw jew jiffaċilitaw aktar il-proċeduri għal ċediment ta' persuni li huma s-suġġett ta' mandati ta' arrest Ewropej, partikolarment billi jistabbilixxu limiti tal-ħin iżjed qosra minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 17, billi jestendu l-lista ta' offiżi stabbiliti fl-Artikolu 2(2), billi jillimitaw aktar ir-raġunijiet għar-rifjut stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4, jew billi jniżżlu l-limitu previst fl-Artikolu 2(1) jew (2).

Il-ftehim u arranġamenti msejħa fit-tieni subparagrafu fl-ebda każ ma jistgħu jaffetwaw relazzjonijiet ma' Stati Membri li mhumiex partijiet għalihom.

L-Istati Membri għandhom, fi tlett xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, jinnotifikaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bil-ftehim u arranġamenti li jeżistu msejħa fl-ewwel subparagrafu li jixtiequ jkomplu japplikaw.

L-Istati Membri għandhom ukoll jinnotifikaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni ta' kwalunkwe ftehim jew arranġament ġdid imsejjaħ fit-tieni subparagrafu, fi tlett xhur mill-iffirmar tiegħu.

3. Fejn il-konvenzjonijiet jew ftehim imsejħa fil-paragrafu 1 japplikaw lit-territorji ta' Stati Membri jew lit-territorji għar-relazzjonijiet esterni ta' liema Stat Membru hu responsabbli għal liema din id-Deċiżjoni Kwadru ma tapplikax, dawn l-istrumenti għandhom ikomplu jirregolaw ir-relazzjonijiet li jeżistu bejn dawk it-territorji u l-Istati Membri oħra.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

10 Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li, b'rikors tal-21 ta' Ġunju 2001, Advocaten voor de Wereld ressqet rikors quddiem l-Arbitragehof sabiex tiġi annullata, totalment jew parzjalment, il-liġi tad-19 ta' Diċembru 2003, li tittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni qafas fil-liġi interna Belġjana.

11 In sostenn tar-rikors tagħha, Advocaten voor de Wereld issostni b'mod partikolari li d-deċiżjoni qafas hija nulla minħabba li l-materja ta' mandat ta' arrest Ewropew kellha tiġi implementata minn Konvenzjoni u mhux minn deċiżjoni qafas, peress li, skont l-Artikolu 34(2)(b) UE, id-Deċiżjonijiet Qafas ma jistgħux jiġu adottati ħlief għall-finijiet tal-"l-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri", li mhuwiex il-każ hawnhekk.

12 Barra minn hekk, Advocaten voor de Wereld issostni li l-Artikolu 5(2) tal-liġi tad-19 ta' Diċembru 2003, li jittrasponi fil-liġi interna Belġjana l-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni qafas, jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' non diskriminazzjoni minħabba li, għal fatti li huma punibbli, imsemmija f'din l-aħħar dispożizzjoni, fil-każ ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, hemm deroga fir-rigward tiegħu mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli għar-rekwiżit ta' kriminalità doppja, filwaqt li dan ir-rekwiżit inżamm għal reati oħra.

13 Advocaten voor de Wereld tallega wkoll li l-liġi tad-19 ta' Diċembru 2003 ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-prinċipju ta' legalità f'materji kriminali, peress li din ma telenkax ir-reati li għandhom kontenut leġiżlattiv suffiċjentement ċar u preċiż, iżda biss kategoriji vagi ta' mġiba mhux mixtieqa. L-awtorità ġudizzjarja li għandha tiddeċiedi dwar l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew ma jkollhiex informazzjoni suffiċjenti sabiex tistħarreġ b'mod effettiv jekk ir-reati li dwarhom il-persuna rikjesta qed tiġi pproċessata, jew li għalihom ingħatat piena kontra tagħha, jaqgħux taħt waħda mill-kategoriji msemmija fl-Artikolu 5(2) ta' din il-liġi. In-nuqqas ta' definizzjoni ċara u preċiża tar-reati msemmija f'din id-dispożizzjoni jwassal għal applikazzjoni mhux konsistenti ta' din il-liġi mid-diversi awtoritajiet li huma inkarigati bl-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew u, minħabba dan il-fatt, jikser ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' non diskriminazzjoni.

14 L-Arbitragehof tfakkar li l-liġi tad-19 ta' Diċembru 2003 hija l-konsegwenza diretta tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li jirregola l-qasam dwar il-mandat ta' arrest Ewropew permezz ta' deċiżjoni qafas. L-ilmenti invokati minn Advocaten voor de Wereld kontra din il-liġi huma applikabbli bl-istess mod fir-rigward tad-deċiżjoni qafas. Differenzi ta' interpretazzjoni bejn l-istanzi ġudizzjarji li jirrigwardaw il-validità ta' atti Komunitarji u dik tal-leġiżlazzjoni li tikkostitwixxi l-implementazzjoni fil-liġi interna jikkompromettu l-unità tas-sistema legali Komunitarja u jikkawżaw ħsara lill-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali.

15 L-Arbitragefof iżżid tgħid li, skont l-Artikolu 3 u 5(1) UE, il-Qorti tal-Ġustizzja biss għandha l-kompetenza li tagħti deċiżjonijiet preliminari dwar il-validità tad-deċiżjonijiet qafas u li, skont il-paragrafu 2 tal-istess Artikolu, ir-Renju tal-Belġju aċċetta l-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-materja.

16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Arbitragehof iddeċidet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domandi preliminari:

'1. Id-deċiżjoni qafas [...] hija kompatibbli mal-Artikolu 34(2)(b) tat-Trattat [UE] li jgħid li d-Deċiżjonijiet Qafas jistgħu jiġu adottati biss bl-iskop tal-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari tal-Istati Membri?

2. L-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni qafas [...] in kwantu jneħħi l-kontroll tal-eżiġenza ta' kriminalità doppja għal offiżi li huma msemmija fih, huwa kompatibbli mal-Artikolu 6(2) tat-Trattat [UE] u aktar speċifikatament mal-prinċipju ta' legalità fil-materja kriminali u mal-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' non diskriminazzjoni ggarantiti minn din id-dispożizzjoni?"

**Fuq id-domandi preliminari**

*Fuq l-ewwel domanda*

Fuq l-ammissibbiltà

17 Il-Gvern Ċek jallega li l-ewwel domanda preliminari hija inammissibbli għar-raġuni li hija tobbliga lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-Artikolu 34(2) UE, li huwa dispożizzjoni ta' dritt primarju li jaqa' taħt l-istħarriġ tagħha.

18 Dan l-argument mhuwiex fondat. Fil-fatt, skont l-Artikolu 35(1) UE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-kompetenza, salv għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, li tagħti deċiżjonijiet preliminari dwar l-interpretazzjoni u l-validità b'mod partikolari tal-deċiżjonijiet qafas, li jimplika li hija tista', anki fin-nuqqas ta' kompetenza espliċita għal dan il-għan, tinterpreta dispożizzjonijiet tad-dritt primarju bħal fil-każ tal-Artikolu 34(2)(b) UE, meta, bħal fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tevalwa jekk id-deċiżjoni qafas ġietx korrettament adottata fuq il-bażi ta' din l-aħħar dispożizzjoni.

19 Skont il-Gvern Ċek, l-ewwel domanda preliminari hija wkoll inammissibbli sa fejn id-deċiżjoni tar-rinviju ma turix b'mod ċar il-motivi rilevanti li jiġġustifikaw li tiġi kkonstatata l-invalidità tad-deċiżjoni qafas. Dan il-Gvern kien għaldaqstant fl-impossibbiltà li jippreżenta b'mod effettiv osservazzjonijiet fuq din il-kwistjoni. B'mod iktar partikolari, sa fejn Advocaten voor de Wereld tgħid li d-deċiżjoni qafas ma wasslitx għal approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi tal-Isati Membri, hija kellha ssostni din l-affermazzjoni u l-Arbitragehof tiċċitaha fid-deċiżjoni tar-rinviju.

20 Għandu jiġi mfakkar li l-informazzjoni pprovduta fid-deċiżjonijiet tar-rinviju ma sservix biss biex tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti tweġibiet utli imma wkoll li tagħti lill-Gvernijiet tal-Istati Membri kif ukoll lill-partijiet interessati oħra l-possibbiltà li jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, id-digriet tat-2 ta' Marzu 1999, Colonia Verischerung et, C-422/98, Ġabra p. I-1279, punt 5).

21 Fil-kawża prinċipali, id-deċiżjoni tar-rinviju fiha indikazzjonijiet suffiċjenti sabiex tissodisfa dawn l-eżiġenzi. Fil-fatt, kif ġie mfakkar fil-punt 11 ta' din is-sentenza, jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li Advocaten voor de Wereld tiddefendi l-argument li l-materja dwar il-mandat ta' arrest Ewropew kellha tiġi implementata minn konvenzjoni u mhux minn deċiżjoni qafas, peress illi skont l-Artikolu 34(2)(b) UE, id-deċiżjonijiet qafas ma jistgħux jiġu adottati ħlief bl-iskop tal-"approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri", li mhuwiex il-każ hawnhekk.

22 Indikazzjonijiet simili huma suffiċjenti mhux biss sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tagħti risposta effettiva, iżda wkoll sabiex iħarsu l-possibbiltà li jiġu ppreżentati l-osservazzjonijiet li l-partijiet in kwistjoni, l-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni jkollhom, skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif barra minn hekk jixhdu l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet kollha li intervenew f'din il-proċedura, li jinkludu dawk ippreżentati mill-Gvern Ċek.

23 B'hekk l-ewwel domanda preliminari hija ammissibbli.

Fuq il-mertu

24 Advocaten voor de Wereld issostni, kuntrarjament għall-partijiet l-oħra kollha li kienu ppreżentaw osservazzjonijiet fil-kuntest ta' din il-proċedura, li l-materja tal-mandat ta' arrest Ewropew kellu jiġi rregolat, skont l-Artikolu 34(2)(b), minn konvenzjoni.

25 Fil-fatt, minn naħa, id-deċiżjoni qafas ma setgħetx validament tiġi adottata għall-iskop tal-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari kif imsemmija fl-Artikolu 34(2)(b) UE, sa fejn il-Kunsill huwa awtorizzat jadotta deċiżjonijiet qafas biss sabiex japprossima progressivament ir-regoli tal-liġi kriminali fil-każijiet biss li huma msemmija fit-tielet subinċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 29 u tal-Artikolu 31(1) UE. Għall-azzjonijiet komuni l-oħra fil-qasam tal-koopererazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, il-Kunsill għandu jirrikorri għal konvenzjonijiet skont l-Artikolu 34(2)(d) UE.

26 Min-naħa l-oħra, bis-saħħa tal-Artikolu 31 tad-deċiżjoni qafas, din għandha, mill-1 ta' Jannar 2004, tissostitwixxi l-liġi kuntrattwali applikabbli fil-materja ta' estradizzjoni fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri. Issa, att wieħed tal-istess natura biss, jiġifieri konvenzjoni skont l-Artikolu 34(2)(d) UE, jista' validament jidderoga mil-liġi kuntrattwali fis-seħħ.

27 Dan l–argument ma jistax jiġi aċċettat.

28 Kif jirriżulta b'mod partikolari mill-Artikolu 1(1) u (2) tad-deċiżjoni qafas u mill-ħames sas-seba' u l-ħdax -il premessa tagħha, hija għandha bħala għan li tibdel is-sistema ta' estradizzjoni multilaterali bejn l-Istati Membri b'sistema ta' konsenja bejn awtoritajiet ġudizzjarji ta' persuni li kontrihom tkun ingħatat sentenza jew li huma ssuspettati għall-iskopijiet ta' eżekuzzjoni jew ta' prosekuzzjoni, fondat fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

29 Ir-rikonoxximent reċiproku tal-mandati ta' arrest maħruġa minn diversi Stati Membri skont il-liġi tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat ikkonċernat jeżiġi l-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari tal-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u, aktar speċifikament, tar-regoli li jirrigwardaw il-kundizzjonijiet, il-proċeduri u l-effetti tal-konsenja bejn l-awtoritajiet nazzjonali.

30 Dan huwa preċiżament l-għan tad-deċiżjoni qafas għal dak li jirrigwarda b'mod partikolari r-regoli dwar il-kategoriji ta' reati elenkati li għalihom mhemmx il-verifika ta' kriminalità doppja (Artikolu 2(2)), għar-raġunijiet tan-non eżekuzzjoni obbligatorja jew fakoltattiva tal-mandat ta' arrest Ewropew (Artikoli 3 u 4), għall-kontenut u l-forma ta' dan tal-aħħar (Artikolu 8), għat-trażmissjoni ta' tali mandat u l-proċeduri tiegħu (Artikoli 9 u 10), għall-garanziji minimi li għandhom jingħataw lill-persuna rikjesta jew arrestata (Artikoli 11 sa 14), għat-termini u l-proċeduri għad-deċiżjoni biex jiġi esegwit dan il-mandat (Artikolu 17) u għat-termini għall-konsenja tal-persuna mfittxija (Artikolu 23).

31 Id-deċiżjoni qafas hija fondata fuq l-Artikolu 31(1)(a) u (b) UE, li jipprovdi li l-azzjoni komuni f'dik li hija kooperazzjoni ġudizzjarja f'materja kriminali hija intiża, rispettivament, sabiex tiffaċilita u tħaffef il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-każ tal-proċedura u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet, kif ukoll li tiffaċilita l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri.

32 Kuntrarjament għal dak li ssostni Advoaten voor de Wereld, xejn ma jippermetti li jiġi konkluż li l-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari tal-Istati Membri permezz tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet qafas skont l-Artikolu 34(2)(b) hija intiża biss għar-regoli tal-liġi kriminali ta' dawn tal-aħħar, indikati fl-Artikolu 31(1)(e) UE, jiġifieri dawk relattivi għall-elementi kostituttivi tal-infrazzjonijiet kriminali u s-sanzjonijiet applikabbli fl-oqsma elenkati f'din l-aħħar dispożizzjoni.

33 Skont ir-raba' subinċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 UE, l-iżvilupp ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jinsab fost l-għanijiet imfittxija mill-Unjoni, u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29 UE jipprovdi li sabiex jiġi pprovdut liċ-ċittadini livell għoli ta' sigurtà f'dan l-ambitu, azzjoni komuni hija żiluppata fost l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materja kriminali. Skont it-tieni subinċiż tat-tieni subparagrafu tal-istess Artikolu, hija parti mit-twettiq ta' dan l-għan "kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u awtoritajiet oħra kompetenti tal-Istati Membri, [...], skont l-Artikoli 31 [UE] u 32 [UE]".

34 Madankollu, l-Artikolu 31(1)(a) u (b) UE ma jinkludi ebda indikazzjoni dwar l-istrumenti legali li għandhom jiġu użati għal dan l-iskop.

35 Barra minn hekk l-Artikolu 34(2) UE juża termini ġenerali meta jgħid li l-Kunsill "għandu jieħu dawk il-miżuri u jinkoraġixxi dik il-kooperazzjoni [...] li jikontribwixxu biex jintlaqħu l-miri tal-Unjoni" u jawtorizza "[b]'dak l-iskop" lill-Kunsill jadotta tipi differenti ta' atti, elenkati fil-paragrafu 2(a) sa (d), li fosthom hemm id-deċiżjonijiet qafas u l-konvenzjonijiet.

36 Barra minn hekk, la l-Artikolu 34(2) UE u lanqas xi dispożizzjoni oħra tat-Titolu VI tat-Trattat UE ma jagħmlu distinzjoni fir-rigward tat-tipi ta' atti li jistgħu jiġu adottati fil-funzjoni tal-materja li dwarha tirrigwarda l-azzjoni komuni fil-qasam tal-kooperazzjoni kriminali.

37 L-Artikolu 34(2) UE ma jistabblilixxix iktar ordni ta' prijorità bejn l-istrumenti differenti li huma elenkati f'din id-dispożizzjoni, b'mod li mhuwiex eskluż li l-Kunsill ikun jista' jkollu għażla bejn bosta strumenti sabiex ikun jista' jirregola l-istess materja, bla ħsara għal-limiti imposti min-natura tal-istrument magħżul.

38 F'dawn iċ-ċirkustan zi, l-Artikolu 34(2) UE in kwantu jelenka u jiddefinixxi, f'termini ġenerali, it-tipi differenti ta' strumenti legali li jistgħu jintużaw sabiex "iwettaq l-għanijiet tal-Unjoni" kif jingħad fit-Titolu VI tat-Trattat UE, ma jistax jiġi interpretat bħala li jeskludi li l-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari tal-Istati Membri permezz tal-adozzjoni ta' deċiżjoni qafas skont il-paragrafu 2(b) tkun tista' tirrigwarda oqsma oħra barra dawk imsemmija fl-Artikolu 31(1)(e) UE, u b'mod partikolari, il-materja tal-mandat ta' arrest Ewropew.

39 L-interpretazzjoni li tgħid li l-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari tal-Istati Membri permezz tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet qafas mhijiex biss awtorizzata fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 31(1)(e) UE hija korroborata mill-istess paragrafu 1(c), li jgħid li azzjoni komuni hija intiża wkoll sabiex "tiżgura kompatibilità fir-regoli applikabbli fl-Istati Membri, kif jista' jkun meħtieġ biex tittejjeb din il-kooperazzjoni [ġudizzjarja fil-materja kriminali]" mingħajr ma jiddistingwi bejn id-diversi tipi ta' atti li jistgħu jiġu użati għall-iskop tal-approssimazzjoni ta' dawn ir-regoli.

40 Fl-okkorrenza, fil-każ fejn l-Artikolu 34(2)(c) UE jeskludi li l-Kunsill ikun jista' jirrikorri għal deċiżjoni sabiex ikun jista' jipproċedi għal approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari tal-Istati Membri u li l-istrument legali tal-pożizzjoni komuni skont l-istess paragrafu 2(a) għandu jillimita ruħu li jiddefinixxi l-atteġġament tal-Unjoni fuq kwistjoni partikolari, tqum għaldaqstant il-kwistjoni jekk, kuntrarjament għal dak li ssostni Advocaten voor de Wereld, il-Kunsill setax validament jirregola l-materja tal-mandat ta' arrest Ewropew permezz ta' deċiżjoni qafas pjuttost milli permezz ta' konvenzjoni skont l-Artikolu 34(2)(d) UE.

41 Jekk huwa veru li l-mandat ta' arrest Ewropew seta' wkoll ikun is-suġġett ta' konvenzjoni, huwa fid-diskrezzjoni tal-Kunsill li jippreferi l-istrument legali tad-deċiżjoni qafas, kemm-il darba l-kundizzjonijiet ta' adozzjoni ta' tali att ikunu ssodisfati.

42 Din il-konklużjoni mhijiex invalidata mill-fatt li, skont l-Artikolu 31(1) tad-Deċiżjoni Qafas, mill-1 ta' Jannar 2004 din tissostitwixxi, fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri biss, dispożizzjonijiet korrispondenti ta' konvenzjonijiet preċedenti dwar l-estradizzjoni li huma elenkati f'din id-dispożizzjoni. Kull interpretazzjoni oħra, li ma ssibx sostenn la fl-Artikolu 34(2) UE u lanqas f'xi dispożizzjoni oħra tat-Trattat tirriskja li essenzjalment iċċaħħad mill-effettività tagħha l-fakultà rrikonoxxuta lill-Kunsill li jadotta deċiżjonijiet qafas fl-oqsma rregolati aktar 'il quddiem minn konvenzjonijiet internazzjonali.

43 Isegwi li d-deċiżjoni qafas ma ġietx adottata bi ksur tal-Artikolu 34(2)(b) UE.

*Fuq it-tieni domanda*

44 Advocaten voor de Wereld tallega, kuntrarjament għall-partijiet l-oħra kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet fil-kuntest ta' din il-proċedura, li l-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni qafas, safejn dan ineħħi l-verifika ta' kriminalità doppja għar-reati li huma msemmija f'din id-dispożizzjoni, imur kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' non diskriminazzjoni kif ukoll kontra l-prinċipju ta' legalità fil-materja kriminali.

45 Għandu jiġi mfakkar l-ewwel nett li, fid-dawl tal-Artikolu 6 UE, l-Unjoni hija stabbilita fuq il-prinċipju tal-istat ta' dritt u rispett tad-drittijiet fundamentali, hekk kif huma ggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, u hekk kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, bħala prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju. Isegwi li l-istituzzjonijiet huma suġġetti għal stħarriġ tal-konformità tal-atti tagħhom mat-Trattati u mal-prinċipji ġenerali tad-dritt, bl-istess mod bħall-Istati Membri meta huma jkunu qed jimplementaw id-dritt tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2007, Gestoras Pro Amnistía et vs Il-Kunsill, C-354/04 P, u Segi et vs Il-Kunsill, C-355/04 P, li għadhom mhux ippubblikati fil-Ġabra, punt 51).

46 Huwa paċifiku li, fost dawn il-prinċipji, hemm kemm il-prinċpju tal-legalità tar-reati u tal-pieni kif ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' non diskriminazzjoni, li kienu ġew affermati mill-ġdid rispettament fl-Artikoli 49, 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, iddikjarata fis-7 ta' Diċembru 2000 f'Nizza (ĠU C 364, p. 1).

47 B'hekk hija kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li teżamina l-validità tad-deċiżjoni qafas fir-rigward ta' dawn il-prinċipji.

Fuq il-prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni

48 Skont Advocaten voor de Wereld, il-lista ta' aktar minn tletin reat li għalihom il-kundizzjoni tradizzjonali ta' kriminalità doppja hija abbandunata peress illi l-Istat Membru li joħroġ il-mandat jippenalizzhom mill-inqas b'piena ta' priġunerija massima ta' tliet snin hija f'dan il-punt vaga u mhux ċara, u li hija tikser, jew tal-anqas tista' tikser, il-prinċipju ta' legalità fil-materja kriminali. Ir-reati msemmija fuq din il-lista mhumiex miġbura skont id-definizzjoni legali tagħhom, iżda jikkostitwixxu kategoriji ddefiniti ħafna vagament minn aġir mhux mixtieq. Il-persuna miċħuda mil-libertà tagħha fl-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew mingħajr verifika ta' kriminalità doppja ma tibbenefikax mill-garanzjija li biha l-liġi kriminali jkollha tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' preċiżjoni, ta' kjarezza u ta' prevedibbiltà li jippermettu lil kull persuna tkun taf, fil-mument tat-twettiq ta' att, jekk dan jikkostitwixxix jew le reat, u dan kuntrarjament għal dawk li huma mċaħħda mil-libertà tagħhom 'il barra minn mandat ta' arrest Ewropew.

49 Għandu jiġi mfakkar illi l-prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni (nullum crimen, nulla poena sine lege), li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt, jinsab fil-bażi tat-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri, kien ukoll ġie inkorporat f'diversi trattati internazzjonali, b'mod partikolari fl-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1996, X, C-74/95 u C-129/95, Ġabra p. I-6609, punt 25, u tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri et vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġara p. I-5425, punti 215 sa 219).

50 Dan il-prinċipju jimplika li l-liġi għandha tiddefinixxi b'mod ċar ir-reati u l-pieni għalihom. Din il-kundizzjoni tiġi sodisfatta meta l-individwu jkun jista' jkun jaf, mill-kliem tad-dispożizzjoni rilevanti u bl-għajnuna tal-interpretazzjoni li tkun ingħatat mill-qrati, liema atti u omissjonijiet jagħtu lok għar-responsabbilità kriminali tiegħu (ara, b'mod partikolari, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza Coëme vs Il-Belġju tat-22 ta' Ġunju 2000, Ġabra ta' sentenzi u deċiżjonijiet, 2000-VII, § 145).

51 Skont l-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni qafas, ir-reati elenkati f'din id-dispożizzjoni, "jekk huma punibbli fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tlett snin u kif inhuma definiti mil-liġi tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat" jagħtu lok għal konsenja fuq il-bażi ta' mandat ta' arrest Ewropew mingħajr verifika ta' kriminalità doppja tal-fatt.

52 B'konsegwenza, anki jekk l-Istati Membri jieħdu litteralment l-elenkar tal-kategoriji ta' reati li jinsabu fl-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni qafas għall-finijiet tal-implementazzjoni tagħha, id-definizzjoni stess ta' dawn ir-reati u l-pieni applikabbli huma dawk li jirriżultaw mil-liġi "tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat". Id-deċiżjoni qafas mhijiex intiża li tarmonizza r-reati kriminali in kwistjoni fir-rigward tal-elementi kostituttivi tagħhom u għall-pieni li huma għandhom.

53 Għaldaqstant, jekk l-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni qafas ineħħi l-verifika ta' kriminalità doppja għall-kategoriji ta' reati msemmija f'din id-dispożizzjoni, id-definizzjoni tagħhom u tal-pieni applikabbli tkompli taqa' taħt il-kompetenza tad-dritt tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat, li, kif barra minn hekk huwa stipulat fl-Artikolu 1(3) ta' din l-istess deċiżjoni qafas, għandu jirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif huma stabbiliti fl-Artikolu 6 UE u, konsegwentement, il-prinċipju tal-legalità tar-reati u tal-pieni.

54 Minn dan isegwi li l-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni qafas, inkwantu jneħħi l-verifika ta' kriminalità doppja għar-reati msemmija f'din id-dispożizzjoni, mhuwiex invalidu minħabba ksur tal-prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni.

Fuq il-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' non diskriminazzjoni

55 Skont Advocaten voor de Wereld, il-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' non diskriminazzjoni huwa miksur mid-deċiżjoni qafas safejn, għar-reati barra dawk imsemmija fl-Artikolu 2(2) tiegħu, il-konsenja tista' jkun suġġetta għall-kundizzjoni li l-fatti li għalihom il-mandat ta' arrest Ewropew ikun inħareġ jikkostitwixxu reat fir-rigward tad-dritt tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Din id-distinzjoni mhijiex oġġettivament iġġustifikata. L-abolizzjoni tal-verifika ta' kriminalità doppja hija għaldaqstant aktar kontestabbli minn kwalunkwe definizzjoni ċirkustanzjata tal-fatti li għalihom il-konsenja mitluba ma tidhirx fid-deċiżjoni qafas. Is-sistema ta' din tal-aħħar twassal għal differenza inġustifikata ta' trattament bejn il-partijiet skont jekk il-fatti inkriminati jkunu żvolġew fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jew barra minn dan l-Istat. B'hekk dawn l-istess partijiet ser jiġu ġġudikati b'mod differenti fir-rigward ta' ċaħda tal-libertà tagħhom mingħajr ma dan ikun iġġustifikat.

56 Għandu jiġi rrilevat li l-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' non diskriminazzjoni jirrikjedi li sitwazzjonijiet simili ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali sakemm trattament bħal dan ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, Koninklijke Coöperatie Cosun, C-248/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Fir-rigward, minn naħa, tal-għażla tat-32 kategoriji ta' reati elenkati fl-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni qafas, il-Kunsill seta' jikkunsidra, fuq il-bażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u fid-dawl tal-grad għoli ta' fiduċja u ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri li, kemm minħabba n-natura tagħhom stess, kemm minħabba l-piena massima ta' mhux inqas minn tliet snin, il-kategoriji ta' reati kkonċernati jagħmlu parti minn dawk li l-gravità tal-ħsara għall-ordni u għas-sigurtà pubblika jiġġustifikaw li l-verifika ta' kriminalità doppja ma tkunx mitluba.

58 Għaldaqstant, anki jekk wieħed jippreżupponi li s-sitwazzjoni ta' persuni ssuspettati li wettqu reati li jagħmlu parti mil-lista li tinsab fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas, jew ikkundannati talli wettqu dawn ir-reati tiġi mqabbla ma' dik ta' persuni ssuspettati li wettqu jew ġew ikkundannati li wettqu reati 'il barra minn dawk elenkati f'din id-dispożizzjoni, id-distinzjoni hija, f'kull każ, oġġettivament iġġustifikata.

59 Għal dak li jirrigwarda, min-naħa l-oħra, il-fatt li n-nuqqas ta' preċiżjoni fid-definizzjoni tal-kategoriji ta' reati in kwisjtoni jirriskja li jwassal għal implementazzjoni diverġenti tad-deċiżjoni qafas fis-sistemi legali nazzjonali differenti, huwa biżżejjed li jiġi mfakkar li l-għan tagħha mhuwiex li tarmonizza l-liġi kriminali materjali tal-Istati Membri u li ebda dispożizzjoni tat-Titolu VI tat-Trattat UE, li l-Artikoli 34 u 31 kienu ġew stabbiliti bħala li jikkostitwixxu l-bażi legali ta' din id-deċiżjoni qafas, ma jissuġġettaw l-applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għall-armonizzazzjoni tal-liġijiet kriminali fl-Istati Membri fil-qasam tar-reati kkonċernati (ara, b'analoġija, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Frar 2003, Gözütok u Brügge, C-187/01 u C-385/01, Ġabra p. I-1345, punt 32, kif ukoll tat-28 ta' Settembru 2006, Gasparini et, C-467/04, li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra, punt 29).

60 Minn dan isegwi li l-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni qafas, inkwantu jabolixxi l-verifika ta' kriminalità doppja għar-reati msemmija f'din id-dispożizzjoni, mhuwiex invalidu għar-raġuni ta' ksur tal-Artikolu 6(2) UE, u aktar speċifikament minħabba l-prinċipji ta' legalità tal-pieni u tar-reati kif ukoll tal-ugwaljanza u tan-non diskriminazzjoni.

61 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, ir-risposta għandha tkun li l-eżami tad-domandi mressqa ma wrew ebda element li jista' jaffettwa l-validità tad-deċiżjoni qafas.

**Fuq l-ispejjeż**

62 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tiddeċiedi li:

**L-eżami tad-domandi mressqa ma wera ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri.**

Firem

## ANNESS VII

## DEĊIŻJONIJIET MINN XI QRATI SUPREMI (fil-qosor)

__Portugall__

- **applikazzjoni magħmula minn Spanja għall-konsenja ta' ċittadin Portugiż. Il-MAE inħareġ għall-infurzar ta' sentenza ta' tliet snin priġunerija.**

Deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ta' Évora tat il-konsenja taċ-ċittadin Portugiż biex jiskonta s-sentenza. Il-Prosekutur Pubbliku appella d-Deċiżjoni, filwaqt li kkwota l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Kwadru u n-nuqqas ta' reċiproċità min-naħa ta' Spanja (ara l-Artikolu 12(2)(f) tal-Liġi 3/2003 tal-14 ta' Marzu).

Filwaqt li tirrikonoxxi li taħt il-każistika Spanjola kienet tittieħed pożizzjoni differenti f'sitwazzjoni simili, il-Qorti Suprema, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 33(5) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Portugiża, iddikjarat li n-nuqqas ta' reċiproċità ma setax ikun ta' ostakolu għal kooperazzjoni fl-Unjoni Ewropea u għalhekk iddeċidiet li tikkonsenja ċ-ċittadin Portugiż lill-qorti Spanjola xierqa biex tiġi esegwita s-sentenza.

- **Il-konvenut appella d-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ta' Lisbona, li ppermettiet il-konsenja tiegħu lill-awtoritajiet Spanjoli, minħabba li huwa ma kienx ippreżenta d-difiża tiegħu bil-miktub u li l-Qorti eżekutura ma kinetx konxja tad-Deċiżjoni tal-Qorti emittenti.**

Il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat, bħalma għamlet il-Qorti Suprema tal-Ġustizzja, li difiża bil-miktub kienet mandatorja biss jekk ikun hemm smigħ orali, li ma kienx il-każ, u li l-Qorti eżekutura kienet konxja tad-deċiżjoni tal-Qorti emittenti. Id-deċiżjoni kienet sempliċiment kontra l-konvenut, u dan, naturalment, ma għoġbux.

- **Il-konvenut appella d-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ta' Lisbona li tat il-konsenja tiegħu lill-awtoritajiet Belġjani, l-ewwelnett minħabba li d-deċiżjoni ma kinetx valida billi l-formola kienet ġiet ifformulata mill-ġdid u mimlija diversi drabi, u b'hekk l-akkuża ma baqgħetx ċara, u t-tieninett minħabba li kien hemm raġunijiet għar-rifjut tal-eżekuzzjoni tal-MAE.**

Il-Qorti Suprema ddeċidiet li:

1. Il-Qorti tal-Appell verament kienet talbet informazzjoni addizzjonali rigward il-fatti tal-każ sabiex tkun tista' tiddetermina t-tip tar-reat involut u kkonkludiet li billi r-reat kien tat-tip elenkat fl-Artikolu 2, ma kinetx meħtieġa verifika tal-kriminalità doppja tal-azzjoni.

2. Fir-rigward tar-raġuni għar-rifjut imsemmi mill-konvenut, l-ebda wieħed mill-elementi ppreżentati mill-Qorti emittenti fir-rigward taċ-ċittadinanza tal-konvenut, il-post fejn twettqu l-azzjonijiet jew in-natura tal-azzjoni, ma jimmerita eżami tar-raġunijiet għan-non-eżekuzzjoni, li fi kwalunkwe każ ikun fakultattiv. Għalhekk id-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ta' Lisbona għall-konsenja ġiet ikkonfermata.

**<u>Ċipru</u>**

Fis-7 ta' Novembru 2005, il-Qorti Suprema ta' Ċipru ħadet deċiżjoni sinifikattiva fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-infurzar tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew.

Il-Qorti Suprema tar-Repubblika ta' Ċipru kkonfermat id-deċiżjoni ta' Qorti Distrettwali f'appell imressaq quddiemha mill-Avukat Ġenerali kontra d-deċiżjoni li kkonkludiet li l-arrest ta' ċittadin Ċiprijott u l-konsenja tiegħu lill-awtoritajiet ġudizzjarji tar-Renju Unit abbażi ta' mandat ta' arrest Ewropew, ma jistgħux jieħdu effett, billi l-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Deċiżjoni Kwadru fil-leġislazzjoni interna mhix kostituzzjonali. Il-Kostituzzjoni ta' Ċipru tipprojbixxi l-estradizzjoni ta' ċittadini Ċiprijotti għal kwalunkwe pajjiż ieħor.

Iż-żewġ argumenti prinċipali ppreżentati mill-Avukat Ġenerali fl-appell, notevolment li l-proċedura tal-mandat ta' arrest Ewropew mhijiex identika b'relazzjoni għall-proċedura ta' estradizzjoni u, li, fi kwalunkwe każ il-prinċipju tas-supremazija tal-liġi Komunitarja fuq il-leġislazzjoni interna tal-Istati Membri għandha tapplika *mutatis mutandis* fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, ġew irrifjutati mill-Qorti bir-raġunament li ġej:

a. anke jekk in-natura tal-mandat ta' arrest Ewropew ġiet diskussa, prinċipalment permezz ta' referenzi għad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema Pollakka dwar l-istess materja, il-Qorti ddeċidiet li irrispettivament min-natura tiegħu u minn jekk huwa jammontax għal estradizzjoni, hija ma setgħetx issib bażi legali xierqa fil-Kostituzzjoni li tiġġustifika l-arrest ta' ċittadin Ċiprijott għall-fini li jiġi kkonsenjat lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ta' Stat Membru ieħor abbażi ta' mandat ta' arrest Ewropew. Ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-arrest ta' persuni huma nnumerati b'mod eżawrjenti fil-Kostituzzjoni u l-ebda waħda minnhom ma tista' tkun interpretata bħala li tippermetti l-arrest u l-konsenja ta' ċittadini Ċiprijotti lil Stat Membru ieħor. Għalhekk hija ma setgħetx tinterpreta l-liġi nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

b. Deċiżjonijiet Kwadru maħruġin abbażi tal-Artikolu 34 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, mhumiex effettivi direttament. Ir-riżultati mistennija li huma vinkolanti fuq l-Istati Membri, jistgħu jinkisbu biss permezz ta' traspożizzjoni "bil-proċeduri leġittimi xierqa eżistenti f'kull Stat Membru". Skont il-Qorti, dan ma kienx sar f'Ċipru, billi d-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni rilevanti li tittrasponi d-Deċiżjoni Kwadru dwar il-mandat ta' arrest Ewropew huma f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. B'dan ir-raġunar, il-Qorti tikkonkludi, għalkemm mhux espliċitament, li d-deċiżjonijiet kwadru ma jistgħux ikunu kkunsidrati superjuri għall-Kostituzzjoni.

B'segwitu għad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema u b'kont meħud tal-konsegwenzi li dan jimplika għat-twettiq tal-obbligi tar-Repubblika ta' Ċipru taħt it-Trattat tal-Unjoni Ewropea, il-Gvern iddeċieda li jipproċedi bil-preżentazzjoni ta' proposta lill-Kamra tar-Rappreżentanti għall-emenda tal-Kostituzzjoni.

Sadanittant u sakemm il-Kostituzzjoni tiġi emendata, l-awtoritajiet kompetenti Ċiprijotti mhux ser ikunu f'pożizzjoni li jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn, kontra ċittadini Ċiprijotti.

F'*Ċipru,* f'deċiżjoni ddatata s-7 ta' Novembru 2005, il-Qorti Suprema ta' Ċipru ddikjarat il-liġi li tittrasponi l-MAE bħala kuntrarja għall-Kostituzzjoni Ċiprijotta. Daħlet fis-seħħ reviżjoni fit-28 ta' Lulju 2006; madankollu, l-Artikolu 11 il-ġdid hekk emendat jintroduċi limitu ta' żmien għall-possibbiltà ta' konsenja ta' ċittadini għaliex din hija possibbli biss għal atti mwettqa wara d-data tal-adeżjoni ta' Cipru mal-Unjoni, jiġifieri l-1 ta' Mejju 2004.

**<u>Franza</u>**

- **Ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew għal atti mwettqin qabel u wara 1 ta' Novembru 1993**

Fid-deċiżjoni Nru 5233 tal-21 ta' Settembru 2004, il-Qorti Suprema tal-Appell, l-awla kriminali, sostniet li mandat ta' arrest Ewropew jista jiġi esegwit fejn it-talba għall-konsenja għall-fini li tiġi skontata sentenza ta' kustodja tikkonċerna mill-inqas att wieħed imwettaq wara l-1 ta' Novembru 1993.

- **Atti mwettqin parzjalment fi Franza**

Fid-deċiżjoni Nru 4351 tat-8 ta' Lulju 2004, il-Qorti Suprema tal-Appell, l-awla kriminali, sostniet li t-twettiq ta' parti mill-atti fuq it-territorju Franċiż jiġġustifika rifjut għall-konsenja.

- **Il-qrati għandhom jeżaminaw b'mod sistematiku jekk sentenza tistax tiġi skontata fi Franza (l-Artikolu 695-24-2° tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali)?**

Fid-deċiżjoni Nru 4540 tal-5 ta' Awissu 2004, il-Qorti Suprema tal-Appell, l-awla kriminali, sostniet li l-awla li lilha ġiet assenjata inkjesta preparatorja u li trid tiddeċiedi dwar il-konsenja ta' persuna li hija soġġetta għal mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-fini li tiġi esegwita sentenza, mhijiex marbuta teżamina jekk is-sentenza tistax tiġi esegwita fit-territorju nazzjonali.

- **Konsenja mogħtija għal atti mhux punibbli taħt il-liġi Franċiża**

Fid-deċiżjoni Nru 4540 tal-5 ta' Awissu 2004, il-Qorti Suprema tal-Appell, l-awla kriminali, sostniet li awla li lilha ġiet assenjata inkjesta preparatorja ma tistax tordna b'mod validu l-konsenja ta' ċittadin Franċiż li huwa soġġett għal mandat ta' arrest Ewropew għal atti li ma jikkostitwixxux ksur fid-dawl tal-liġi Franċiża.

- **Natura tal-proċedura ta' mandat ta' arrest Ewropew**

Fid-deċiżjoni Nru 4630 tal-5 ta' Awissu 2004, il-Qorti Suprema tal-Appell, l-awla kriminali, sostniet li l-proċedura tal-mandat ta' arrest Ewropew u l-arranġamenti għall-applikazzjoni tagħha ma jikkostitwixxux liġijiet dwar l-arranġamenti għall-eżekuzzjoni u l-applikazzjoni ta' sentenzi fis-sens tal-Artikolu 112-2-3° tal-Kodiċi Kriminali, u li għalhekk, skont l-Artikolu 32 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002, huma japplikaw għal atti mwettqin mill-1 ta' Novembru 1993 (ara wkoll l-Awla Kriminali fit-23 ta' Novembru 2004, Nru 6578).

- **Importanza tal-limitu ta' żmien ta' sitt ijiem biex jiġi riċevut mandat ta' arrest Ewropew**

Fid-deċiżjoni Nru 4785 tal-1 ta' Settembru 2004, il-Qorti Suprema tal-Appell, l-awla kriminali, sostniet li awla li l-limitu ta' żmien ta' sitt ijiem stabbilit mil-liġi Franċiża għall-irċevuta tal-oriġinali jew kopja ta' mandat ta' arrest Ewropew mhux stabbilit soġġett għal oġġeżżjoni ta' nullità. Il-kwistjoni ta' jekk tali nuqqas ta' osservanza jiġġustifikax ir-rilaxx tal-persuna għadha ma ġietx risolta.

- **Validità ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ wara l-allert ta' Schengen li abbażi tiegħu ġiet arrestata l-persuna.**

Fid-deċiżjoni Nru 5548 tal-5 ta' Ottubru 2004, il-Qorti Suprema tal-Appell, l-awla kriminali, sostniet li l-awla li lilha ġiet assenjata inkjesta preparatorja li tirrifjuta l-konsenja ta' persuna arrestata b'segwitu għall-ħruġ ta' allert ta' mandat ta' arrest internazzjonali fis-sistema ta' Schengen minħabba li l-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew kien sussegwenti għall-allert, mhux qed tagħti bażi legali għad-deċiżjoni tagħha (ara wkoll l-Awla Kriminali fl-1 ta' Frar 2005, Nru 00742).

- **Natura tad-deċiżjonijiet tal-awla li lilha ġiet assenjata inkjesta preparatorja sussegwenti għal deċiżjoni dwar konsenja (l-Artikolu 695-46 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali).**

Fid-deċiżjoni Nru 5834 tal-5 tat-13 ta' Ottubru 2004, il-Qorti Suprema tal-Appell, l-awla kriminali, sostniet li meta hija fil-pussess ta' talba għall-awtorizzazzjoni ta' prosekuzzjoni għal ksur ieħor minbarra dak li fuqu kienet ibbażata l-konsenja, u mwettaq qabel dan tal-aħħar, l-awla li lilha ġiet assenjata inkjesta preparatorja qed taġixxi mingħajr il-possibbiltà ta' appell (ara wkoll l-Awla Kriminali fl-14 ta' Diċembru 2004, Nru 7034).

- **Konsenja temporanja u nuqqas ta' ordni ta' detenzjoni (l-Artikolu 695-39 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali).**

Fid-deċiżjoni Nru 7071 tat-13 ta' Ottubru 2004, il-Qorti Suprema tal-Appell, l-awla kriminali, sostniet li l-Artikolu 695-39 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali ma jagħmilx id-deċiżjoni dwar il-konsenja temporanja ta' persuna mfittxija u prosekutata fi Franza soġġett għan-nuqqas ta' ordni ta' detenzjoni rigward dik il-persuna.

- **Konsenja ta' persuna kkundannata għal ordni ta' detenzjoni (l-Artikolu 695-12 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali).**

Fid-deċiżjoni Nru 3197 tal-25 ta' Mejju 2004, il-Qorti Suprema tal-Appell, l-awla kriminali, sostniet li l-konsenja ta' individwu kkundannat għal ordni ta' detenzjoni, f'dan il-każ partikolari fejn l-għeluq psikjatriku għandu jiġi vvalutat mill-ġdid kull sitt xhur, kienet skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 695-11 sa 695-24 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali billi t-tul tal-ordni ta' detenzjoni imposta kien aktar minn sentenza ta' kustodja ta' erba' xhur.

**ANNESS VIII**

**LISTA TAL-PUNTI TA' KUNTATT TA' MAE U D-DETTALJI TA' KUNTATT**

________________

| MANDAT TA' ARREST EWROPEW<br>Lista tal-punti ta' kuntatt u d-dettalji ta' kuntatt | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | **PERSUNI TA' KUNTATT** | **INDIRIZZ** | **NRU TAT-TELEFON** | **NRU TAL-FAX** | **POSTA ELETTRONIKA** |
| BE<br>Belġju | Ms. Marie-Hélène DESCAMPS | Ministère de la Justice<br>Bd de Waterloo, 115<br>1000 Bruxelles | + 32 2 542 6728 | + 32 2 542 70 25 | marie-helene.descamps @just.fgov.be |
| BG<br>Bulgarija | Ms. Milena PETROVA | Ministry of Justice<br>1, Slavianska Str.<br>1040 SOFIA | + 359 2 9237 418 | | m.petrova@ justice.government.bg |
| CZ<br>Repubblika Ċeka | Ms. Nicole Petrikovitsová | Ministry of Justice<br>International Department<br>International Treaties and Mutual Legal Assistance in Criminal Matters Unit, Vyšehradská 16, CZ<br>128 10 Prague | +420 / 221 997 923<br>or<br><br>221 997 925 | +420 / 221 997 919<br>or<br><br>221 997 986 | npetrikovitsova@msp.justice.cz /<br>om@msp.justice.cz |
| DK<br>Danimarka | Mr. Morten N. JACOBSEN | Ministry of Justice<br>Slotsholmsgade 10<br>1216 Copenhagen K | + 45 72 26 86 01 | + 45 33 92 26 89 | mnja@jm.dk |
| DE<br>Ġermanja | Dr. Ralf RIEGEL<br><br><br><br>Dr. Yvonne WILMS | Bundesamt für Justiz<br>Adenauerallee<br>99-103,<br>53113 BONN | + 49 228 99 410 5310<br><br><br>+ 49 228 99 410 5395 | + 49 228 99 41 5591 | Ralf.Riegel@bfj.bund.de<br><br><br><br>Yvonne.Wilms@ bfj.bund.de |
| EE<br>Estonja | Ms. Imbi MARKUS<br><br><br>Astrid LAURENDT-HANIOJA | Ministry of Justice<br>International Legal Cooperation Unit<br>Tõnismägi 5a<br>Tallinn 15911<br>Estonia | + 372 620 81 90<br><br><br><br>+372 620 81 86 | + 372 620 81 09<br><br><br><br>+372 620 81 09/91 | imbi.markus@just.ee<br><br><br><br>astrid.laurend@just.ee |
| EL<br>Greċja | Mrs Elsa DAFNI<br>Head of Section of International Judicial Cooperation in Criminal Matters | Ministry of Justice<br>Greece | + 30 210 776 7311 | + 30 210 776 7497 | mjust4@otenet.gr |
| ES<br>Spanja | Mr. Luis AGUILERA RUIZ<br><br>Ms Ana GALLEGO | REPER<br><br>Deputy General Director for International Judicial Cooperation | + 32 2 509 8819<br><br><br>+ 34 91 390 2298 | <br><br><br>+ 34 91 390 4457 | luis.aguilera@ reper.mae.es<br><br><br>ana.gallego@mjusticia.es |
| FR<br>Franza | Mr. Loic GUERIN /<br>Mr. Samuel LAINE<br>Chef du Bureau de l'entraide pénale internationale<br>Bureau de l'entraide pénale internationale<br>Direction des affaires criminelles et des Graces<br>Ministère de la Justice | Ministère de la justice<br>14, rue Halévy<br>75001 Paris | + 33 1 44 86 14 36<br><br>+ 33 1 44 86 14 00 | + 33 1 44 86 14 11 | loic.guerin@ justice.gouv.fr<br><br>samuel.laine@ justice.gouv.fr |

| PAJJIŻ | PERSUNI TA' KUNTATT | INDIRIZZ | NRU TAT-TELEFON | NRU TAL-FAX | POSTA ELETTRONIKA |
|---|---|---|---|---|---|
| IE<br>Irlanda | Ms. Anne FARRELL | Department of Justice, Equality & Law Reform<br>Pinebrook House<br>Harcout Street<br>Dublin 2 | + 353 1 602 8574 | + 353 1 602 8472 | warrantsmail@justice.ie |
| IT<br>Italja | Mr. Gabriele IUZZOLINO | Italian Ministry of Justice<br>Via Arenula 70<br>00 186 Roma | + 39 06 688 52 682 | + 39 06 68897568 | gabriele.iuzzolino@ giustizia.it |
| CY<br>Ċipru | Mrs. Eleni LOIZIDOU<br>Senior Law Officer | Law Office of the Republic | + 357 22 889100<br>+ 357 22 889156 (direct) | + 357 22 66 50 80 | att.gen@law.gov.cy |
| LV<br>Latvja | Maris STRADS<br>Prosecutor<br><br>Mr. Juris BULANS<br>Legal Adviser | International Cooperation Division<br>Prosecutor General's Office<br><br>Ministry of Justice<br>Brivibas Buld, 36<br>LV - 1536 RIGA | + 371 704 4562<br><br>+371 6703 6913 | + 371 704 4804<br><br>+ 371 6703 6916 | maris.strads@lrp.gov.lv<br><br>juris.bulans@tm.gov.lv |
| LT<br>Litwanja | Mr. Darius ZILYS | Permanent Representation of Lithuania to the EU | + 32 2 788 18 64 | + 32 2 771 45 97 | darius.zilys@ eurep.mfa.lt |
| LU<br>Lussemburgu | Mrs. Annick HARTUNG | Ministère de la Justice<br>16 Boulevard Royal<br>L-2934 Luxembourg | + 352 478 8526 | + 352 22 0519 | annick.hartung@ mj.etat.lu |
| HU<br>Ungerija | Dr. Klára NÉMETH-BOKOR<br>Head of Department | Department of International Criminal Law<br>Ministry of Justice and Law Enforcement | 36-1-4413113 | 36-1-4413112 | bokork@irm.gov.hu<br>nemzb@irm.gov.hu |
| MT<br>Malta | Dr. Silvio CAMILLERI<br>Deputy Attorney General | Attorney General's Chambers<br>The Palace<br>Valletta<br>Malta | + 356 212 25401 (gen.)<br>+ 356 212 25841 (secr)<br>+ 356 212 47921 (secr)<br>+ 356 212 39070 (direct) | + 356 212 40738 | silvio.camilleri@gov.mt |
| NL<br>Olanda | Mrs. Marjorie BONN<br>Senior legal adviser | Ministry of Justice<br>Schedeldoekshaven 100<br>2500 EH Den Haag | +31 70 370 6632 | +31 70 370 7519 | m.bonn@minjus.nl |
| AT<br>Awstrija | Mr. Stefan BENNER | Ministry of Justice<br>Museumstraße 7<br>1016 Wien | + 43 1 52152 2225 | + 43 1 52152 2500 | stefan.benner@bmj.gv.at |
| PL<br>Polonja | Mrs Alicja KLAMCZYNSKA | Ministry of Justice<br>Dept. of Judicial Assistance and European Law<br>Ujazdowskie 11 Ave.<br>00-950 WARSAW<br>Poland | + 48 22 56 18 406 | + 48 22 62 80 949 | klamczynska@ms.gov.pl |

| PAJJIŻ | PERSUNI TA' KUNTATT | INDIRIZZ | NRU TAT-TELEFON | NRU TAL-FAX | POSTA ELETTRONIKA |
|---|---|---|---|---|---|
| PT<br>Portugall | Ms. Patrica LISA<br>Legal Adviser | Bureau for International Affairs (Gabinete para as Relações Internacionais) - Ministry of Justice | + 351 217 924 030 | + 351 217 924 032 | plisa@dgpj.mj.pt |
| RO<br>Romanija | Mr. Florin RAZVAU RADU<br>Director<br>Ms. Mariana ZAINEA<br>Head of Division<br>Ms. Cătălina MIRON<br>Legal adviser | Ministry of Justice, Directorate of International Law and Treaties, Division for International Judicial Cooperation in Criminal matters,<br>Apolodor 17<br>Bucarest | + 40 21 3141514 (Directorate)<br>+ 40 21 3118951 (Division) | + 40 21 3101662 | rradu@just.ro<br>mzainea@just.ro<br>gmiron@just.ro |
| SI<br>Slovenja | Mrs Ana Bučar | Ministry of Justice of the Republic of Slovenia<br>Directorate for International Cooperation<br>Unit of Mutual Assistance<br>Zupanciceva 3<br>1000 Ljubljana | + 386 1 369 56 10 | + 386 1 369 5306 | ana.bucar@gov.si |
| SK<br>Slovakkja | Mr Branislav BOHACIK<br>Director | Ministry of Justice of the Slovak Republic<br>International Law and European Integration Department<br>Division for Judicial Co-operation in Criminal Matters<br>Zupne namestia 13<br>813 11 Bratislava | + 421 2 593 53240 | + 421 2 593 53604 | branislav.bohacik@ justice.sk |
| FI<br>Finlandja | Ms. Johanna HERVONEN<br>District Prosecutor | Helsinki District Prosecutor's Office<br>POB 318<br>00181 Helsinki<br>FINLAND | + 358 10 36 22401 | + 358 10 3622203 | johanna.hervonen@ oikeus.fi<br><br>helsinki.sy@oikeus.fi |
| SE<br>Svezja | Mr. Joakim ZETTERSTEDT<br>Legal Adviser | Ministry of Justice<br>Division for Criminal Cases and International Judicial Cooperation<br>SE - 103 33 STOCKHOLM | + 46 8 405 1000 | + 46 8 4054676 | joakim.zetterstedt@ justice.ministry.se |
| UK | Ms. Ferella TAYLOR /<br>Mr. Richard WEST<br><br>Mr. David Dickson | Judicial Co-operation Unit<br>Home Office<br>5th Floor, Fry Building<br>2 Marsham Street<br>London SW1P 4DF<br><br>International Co-operation Unit (all matters concerning the EAW in Scotland) | + 44 20 7035 1263<br><br>+ 44 131 243 8152 | + 44 20 7035 6986<br><br>+ 44 131 2438153 | richard.west@ homeoffice.gsi.gov.uk<br><br>DavidJ.Dickson@ copfs.gsi.gov.uk |

| PAJJIŻ | PERSUNI TA' KUNTATT | INDIRIZZ | NRU TAT-TELEFON | NRU TAL-FAX | POSTA ELETTRONIKA |
|---|---|---|---|---|---|
| SĠK Segretarjat Ġenerali | Kaxxa (g) NILSSON<br>Mr. Guy STESSENS<br>Mr. Angel GALGO | General Secretariat of the Council of the EU | + 32 2 281 79.33<br>+ 32 2 281 79.15<br>+ 32 2 281 67 11<br><br>+ 32 2 281 77 92 | + 32 2 281 63.54 | hans.nilsson@consilium.europa.eu<br><br>guy.stessens@consilium.europa.eu<br><br>angel.galgo@consilium.europa.eu |